KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fis-16 ta’ Frar 2023 [1]

**Kawża C-478/21 P**

**China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products,**
**Cangzhou Qinghong Foundry Co. Ltd,**
**Botou City Qinghong Foundry Co. Ltd,**
**Lingshou County Boyuan Foundry Co. Ltd,**
**Handan Qunshan Foundry Co. Ltd,**
**Heping Cast Co. Ltd Yi County,**
**Hong Guang Handan Cast Foundry Co. Ltd,**
**Shanxi Yuansheng Casting and Forging Industrial Co. Ltd,**
**Botou City Wangwu Town Tianlong Casting Factory,**
**Tangxian Hongyue Machinery Accessory Foundry Co. Ltd**
**vs**
**Il-Kummissjoni Ewropea**
**intervenjenti:**
**EJ Picardie,**
**Fondatel Lecomte,**
**Fonderies Dechaumont,**
**Fundiciones de Odena SA,**
**Heinrich Meier Eisengiesserei GmbH & Co. KG,**
**Saint-Gobain Construction Products UK Ltd,**
**Saint-Gobain PAM Canalisation,**

**Ulefos Oy**

“Appell – Dumping – Importazzjonijiet ta’ ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina – Dazju antidumping definittiv u ġbir definittiv tad-dazju provviżorju – Rikors għal annullament – Ammissibbiltà – Assoċjazzjoni li tinkludi produtturi esportaturi tal-prodott ikkonċernat – *Locus standi* – Inċidenza individwali – Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-esportaturi li taġixxi f’isimha stess u għan-nom tal-membri tagħha – Regolament (UE) 2016/1036 – Artikolu 5(10) u (11) – Partijiet interessati – Assoċjazzjoni rappreżentattiva ta’ esportaturi – Assoċjazzjonijiet tal-kummerċ jew tan-negozju – Libertà ta’ assoċjazzjoni – Kontroll u interferenza mill-Istat – Natura rappreżentattiva – Evidenza – Artikolu 3(2), (3), (5) u (6) – Dannu –

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

Evidenza pożittiva – Data tal-Eurostat – Aġġustamenti u estrapolazzjoni ta' data – Suppożizzjoni raġonevoli – Deduzzjoni raġonevoli – Kalkolu tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni Ewropea – Spejjeż tal-produzzjoni u prezzijiet applikati fi ħdan il-grupp – Artikolu 20 – Drittijiet tad-difiża – Aċċess għall-fajl – Data kunfidenzjali"

Werrej

I. Introduzzjoni . . . 3

II. Il-kuntest ġuridiku . . . 4

A. Id-dritt tal-Unjoni . . . 4

B. Id-dritt tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ . . . 7

III. Il-fatti u r-Regolament kontenzjuż . . . 7

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata . . . 8

V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet . . . 9

VI. Evalwazzjoni tal-appell . . . 9

A. L-ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza . . . 10

1. L-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat miċ-CCCME f'isimha stess . . . 10

a) Kummenti preliminari . . . 11

b) Il-kriterji ġenerali fir-rigward tal-locus standi ta' assoċjazzjonijiet tal-kummerċ taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE . . . 12

c) L-istatus mogħti mill-Kummissjoni matul il-proċedura antidumping . . . 12

d) Parti interessata u/jew assoċjazzjoni rappreżentattiva . . . 14

1) Il-kunċett ta' parti interessata . . . 14

2) Il-kunċett ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi . . . 15

i) Assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju . . . 17

– Kriterji ġenerali . . . 17

– Ir-relazzjoni mal-kunċett ta' libertà ta' assoċjazzjoni . . . 18

– L-istatut tal-assoċjazzjoni . . . 20

– Awtonomija vs l-interferenza mill-Istat ........................ 21

– Konklużjoni intermedja ........................ 23

ii) Il-membri huma produtturi, esportaturi jew importaturi tal-prodott li huwa s-suġġett ta' investigazzjoni ........................ 23

2. It-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat miċ-CCCME għan-nom tal-membri tagħha ........................ 24

3. It-tielet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat mill-appellanti li ma humiex irrappreżentati miċ-CCCME ........................ 29

B. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju ........................ 31

1. Data ta' referenza użata bħala bażi ........................ 32

2. Ċaħda tad-data alternattiva ........................ 37

C. It-tieni aggravju ........................ 38

D. Il-ħames aggravju ........................ 41

1. L-ewwel parti ........................ 41

2. It-tieni parti ........................ 48

3. It-tielet parti ........................ 52

VII. Fuq l-ispejjeż ........................ 54

VIII. Konklużjoni ........................ 54

## I. Introduzzjoni

1. Iċ-China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (iktar 'il quddiem iċ-"CCCME") hija assoċjazzjoni rregolata mid-dritt Ċiniż li l-membri tagħha jinkludu produtturi esportaturi Ċiniżi ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut.

2. Permezz ta' dan l-appell, iċ-CCCME u disa' appellanti oħra (iktar 'il quddiem, flimkien, "l-appellanti") li huma produtturi ta' oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (iktar 'il quddiem ir-"RPĊ") qegħdin jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tad-19 ta' Mejju 2021, China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata")[2]. Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellanti għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/140 (iktar 'il quddiem

[2] T-254/18, EU:T:2021:278. Id-disa' appellanti l-oħra huma elenkati fl-Anness I tagħha u huma wkoll membri taċ-CCCME.

ir-"Regolament kontenzjuż")[3], li jimponi dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-RPĊ. Dawn l-oġġetti huma, essenzjalment, għotjien ta' tappieri.

3. Dan l-appell iqajjem numru ta' kwistjonijiet, li tlieta minnhom jafu jkunu iktar importanti mill-oħrajn. L-ewwel kwistjoni hija ta' natura proċedurali. Din hija l-ewwel darba li ċ-CCCME kkontestat regolament antidumping. Dan ifisser li din il-kawża tqajjem il-kwistjoni tal-kunċett ta' "inċidenza individwali u diretta" fir-rigward ta' organizzazzjoni tal-kummerċ, li l-membri tagħha kkooperaw fil-proċedura antidumping u li l-Kummissjoni Ewropea tallega li hija estensjoni tar-RPĊ. Din il-kawża tqajjem ukoll il-kwistjoni tad-definizzjoni ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi taħt ir-Regolament (UE) 2016/1036 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku")[4]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tindika l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà sabiex tali assoċjazzjoni tkun tista' tippreżenta rikors għal annullament taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għan-nom tagħha stess u għan-nom tal-membri tagħha.

4. It-tieni kwistjoni hija ta' natura sostantiva. Din il-kwistjoni tikkonċerna r-regoli sabiex jiġi ddeterminat id-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni Ewropea. L-appellanti jikkontestaw l-estrapolazzjonijiet u l-aġġustamenti magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward ta' data tal-Eurostat[5] għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' dan id-dannu. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ser ikollha tiddefinixxi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2), (3) u (5) tar-Regolament bażiku li jeżiġu li d-determinazzjoni ta' dannu għandha tkun ibbażata fuq evidenza pożittiva u għandha tinvolvi eżami oġġettiv.

5. It-tielet kwistjoni tikkonċerna r-regoli proċedurali applikabbli għall-proċedura antidumping amministrattiva u, b'mod partikolari, l-obbligi ta' komunikazzjoni li għandha l-Kummissjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. Id-dritt tal-Unjoni

6. L-Artikolu 3 tar-Regolament bażiku, intitolat "Determinazzjoni tad-dannu", jipprovdi:

"1. Taħt dan ir-Regolament, it-terminu 'dannu' għandu, sakemm mhux speċifikat mod ieħor, jinftiehem li jfisser dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni, theddida ta' dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni jew dewmien materjali fl-istabbiliment ta' tali industrija u għandu jiġi interpretat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Id-dannu għandu jiġi determinat billi jkun ibbażat fuq evidenza pożittiva u għandu jinvolvi eżami objettiv ta':

(a) il-volum ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u l-effett tal-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet fis-suq tal- Unjoni għal prodotti simili; u

[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tad-29 ta' Jannar 2018 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm l-investigazzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw fl-Indja (ĠU 2018, L 25, p. 6).

[4] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

[5] Data mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (Eurostat).

(b) l-impatt konsegwenti ta' dawk l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni.

3. Fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, għandu jittieħed kont ta' jekk kienx hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, kemm jekk f'termini assoluti kif ukoll jekk relattivament għall-produzzjoni jew għall-konsum fl-Unjoni. Fir-rigward tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq prezzijiet, għandu jittieħed kont ta' jekk kienx hemm undercutting sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta mqabbla mal-prezz ta' prodott simili tal-industrija tal-Unjoni, jew jekk l-effett ta' tali importazzjonijiet huwiex mod ieħor biex iwaqqa' l-prezzijiet għal grad sinifikanti jew biex jipprevjeni żidiet fil-prezz, li b'mod ieħor kienu jseħħu, sa grad sinifikanti. L-ebda wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi ma jista neċessarjament jagħti gwida deċiżiva.

[...]

5. L-eżami tal-impatt tal-prodotti li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni konċernata għandha tinkludi evalwazzjoni tal-fatturi ekonomiċi rilevanti kollha u l-indiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija [...]

6. Għandu jintwera, mill-evidenza rilevanti kollha ppreżentata relattivament għall-paragrafu 2, li l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping qegħdin jikkawżaw dannu fis-sens ta' dan ir-Regolament. B'mod speċifiku, dan għandu jinvolvi li jintwera li l-volum u/jew il-livelli tal-prezzijiet identifikati skont il-paragrafu 3 huma responsabbli għal impatt fuq l-industrija tal-Unjoni kif previst fil-paragrafu 5, u li dak l-impatt jeżisti sa grad li jagħmlu possibbli li jiġi kklassifikat bħala materjali.

[...]"

7. L-Artikolu 5(10) u (11) tar-Regolament bażiku jipprovdi:

"10. In-notifika tal-bidu tal-proċedimenti għandha tħabbar il-bidu ta' investigazzjoni, tindika l-prodott u l-pajjiżi konċernati, tagħti ġabra fil-qosor tal-informazzjoni riċevuta, u tipprovdi li l-informazzjoni rilevanti kollha għandha tiġi kkomunikata lill-Kumissjoni.

Għandha turi l-perjodi li matulhom, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw informazzjoni jekk tali opinjonijiet u informazzjoni għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni. Għandha wkoll tindika l-perjodu li matulu l-partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jiġu mismugħa mill-Kumissjoni skont l-Artikolu 6(5).

11. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-esportaturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-importaturi jew l-esportaturi magħrufa lilha li huma konċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u lil min jagħmel l-ilment, bil-bidu tal-proċedimenti u, b'kont meħud tal-protezzjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali tipprovdi t-test sħiħ tal-ilment miktub riċevut skont il-paragrafu 1 lill-esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni, u tagħmlu disponibbli, fuq talba, lill-partijiet interessati oħra involuti. Fejn in-numru tal-esportaturi involuti jkun partikolarment għoli, it-test sħiħ tal-ilment miktub jista', minflok, jiġi pprovdut biss lill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' esportazzjoni jew lill-assoċjazzjoni rilevanti tal-kummerċ."

8. L-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku jipprovdi:

"Min jagħmel l-ilment, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, utenti u organizzazzjonijiet tal-konsumatur, li għamlu lilhom infushom magħrufa skont l-Artikolu 5(10), kif ukoll ir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni jistgħu, fuq talba bil-miktub, jispezzjonaw l-informazzjoni kollha magħmula disponibbli minn kwalunklwe parti għal investigazzjoni, bħala distinta minn dokumenti interni ppreparati mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha, li tkun rilevanti għall-preżentazzjoni tal-każijiet tagħhom u mhux kunfidenzjali fis-sens tal-Artikolu 19, u li tkun użata fl-investigazzjoni.

Tali partijiet jistgħu jirrispondu għal tali informazzjoni u għandu jittieħed kont tal-kummenti tagħhom, kull fejn ikunu sostanzjati biżżejjed fit-tweġiba."

9. L-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku, intitolat "Kunfidenzjalità", jipprovdi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. Kwalunkwe informazzjoni li hija ta' xorta kunfidenzjali, (per eżempju, minħabba li r-rivelazzjoni tagħha tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal xi kompetitur jew kien ikollha effett kuntrarju sinifikanti fuq persuna li tforni l-informazzjoni jew fuq persuna li minn għandha l-persuna li tforni l-informazzjoni ikun akkwista l-informazzjoni) jew li hija mogħtija fuq bażi kunfidenzjali minn partijiet għall-investigazzjoni għandha, jekk tiġi murija raġuni tajba, tiġi ttrattata bħala tali mill-awtoritajiet.

2. Partijiet interessati li jagħtu informazzjoni kunfidenzjali għandhom ikunu meħtieġa li jfornu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha. Dawk it-taqsiriet għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu li tinftiehem b'mod raġonevoli s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'kunfidenzjalità. F'ċirkustanzi eċċezzjonali, tali partijiet jistgħu jindikaw li tali informazzjoni ma tistax titqassar. F'tali ċirkostanzi eċċezzjonali, għandha tiġi mogħtija dikjarazzjoni tar-raġunijiet għaliex tali taqsira mhijiex possibbli.

3. Jekk jiġi kkunsidrat li mhijiex ġustifikata talba għall-kunfidenzjalità u jekk il-fornitur tal-informazzjoni mhuwiex lest li jagħmel l-informazzjoni disponibbli jew li jawtorizza r-rivelazzjoni tagħha taħt forma ġeneralizzata jew f'taqsira, tali informazzjoni tista' tiġi injorata sakemm ma jistax jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi adatti li l-informazzjoni hija korretta. It-talbiet għall-kunfidenzjalità ma għandhomx jiġu rifjutati b'mod arbitrarju."

10. L-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament bażiku jipprovdi:

"1. Min jagħmel l-ilment, l-importaturi u l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentanti tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni, jistgħu jitolbu r-rivelazzjoni tad-dettalji sottostanti l-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġew imposti l-miżuri provviżorji. It-talbiet għal tali rivelazzjoni għandhom isiru bil-miktub immedjatament wara l-impożizzjoni tal-miżuri provviżorji, u r-rivelazzjoni għandha ssir bil-miktub kemm jista' jkun malajr possibbli wara.

2. Il-partijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jitolbu r-rivelazzjoni finali tal-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi, jew it-terminazzjoni ta' investigazzjoni jew proċedimenti mingħajr l-impożizzjoni tal-miżuri, b'attenzjoni partikolari mogħtija lir-rivelazzjoni ta'

kwalunkwe fatti jew kunsiderazzjonijiet li jkunu differenti minn dawk użati għal kwalunkwe miżura provviżorja."

## B. Id-dritt tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

11. Il-Ftehim dwar l-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim Antidumping tal-1994")[6] jinsab fl-Anness 1A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), approvat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE[7].

12. L-Artikolu 6.1.3 tal-Ftehim Antidumping tal-1994, intitolat "Evidenza", jipprovdi:

"Malli l-investigazzjoni tinbeda, l-awtoritajiet għandhom jipprovdu test sħiħ ta' l-applikazzjonijiet bil-miktub riċevuti skond paragrafu 1 ta' l-Artikolu 5, lill-esportaturi magħrufa [16] u lill-awtoritajiet tal-Membru esportatur, u jekk ikun hemm talba, dawn jitqiegħdu għad-disposizzjoni ta' kwalunkwe parti oħra interessata. Konsiderazzjoni mistħoqqa tingħata lir-rekwiżit għal protezzjoni ta' l-informazzjoni kunfidenzali, kif pprovduta fil-paragrafu 5."

13. Dan l-artikolu huwa segwit minn nota ta' qiegħ il-paġna li tindika li "fejn in-numru ta' esportaturi jkun partikolarment għoli, it-test sħiħ ta' l-applikazzjoni bil-miktub għandha ulterjorment tiġi pprovduta biss lill-awtoritajiet tal-Membru esportatur jew ta' [lil]l-assoċazzjoni kummerċjali rilevanti".

14. L-Artikolu 6.11 tal-Ftehim Antidumping tal-1994 jistabbilixxi:

"Għall-għan ta' dan il-Ftehim, 'partijiet interessati' għandhom jinkludu:

(i) esportatur jew produttur barrani ta' prodott soġġett għall-investigazzjoni, jew [assoċjazzjoni ta'] kummerċ jew assoċjazzjoni ta' negozju li tikkonsisti minn maġġoranza ta' membri li jkunu produtturi, esportaturi jew importaturi ta' dan il-prodott;

(ii) il-gvern ta' Membru esportatur; u

(iii) produttur ta' prodott simili fil-Membru importatur jew [assoċjazzjoni ta'] kummerċ u assoċazzjoni ta' negozju li tikkonsisti fil-maġġoranza ta' membri li jkunu jipproduċu l-prodott simili fit-territorju tal-Membru importatur."

## III. Il-fatti u r-Regolament kontenzjuż

15. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti fil-punti 1 sa 9 tas-sentenza appellata u jistgħu, għall-finijiet ta' din il-proċedura, jinġabru fil-qosor kif ġej.

6 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189.

7 Deċiżjoni tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoin f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 80).

16. Fil-31 ta' Ottubru 2016, il-Kummissjoni rċeviet ilment, konformement mal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, li fih intalbet tibda investigazzjoni antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti tal-ħadid fondut li joriġinaw mir-RPĊ u mir-Repubblika tal-Indja. Dan l-ilment kien ippreżentat minn seba' produtturi tal-Unjoni [8].

17. Permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-10 ta' Diċembru 2016 [9], il-Kummissjoni nediet proċedura antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet inkwistjoni.

18. Il-prodott li kien is-suġġett tal-investigazzjoni kien "ċerti prodotti ta' ħadid fondut tal-grafit lamellari (ħadid griż[)] jew ħadid fondut sferiku tal-graffit (magħruf ukoll bħala ħadid fondut duttili), u partijiet tagħhom[, li] huma ta' tip użat għal: – kopertura tal-art jew sistemi ta' taħt il-wiċċ, u/jew fetħiet f'sistemi tal-art jew taħt il-wiċċ, u wkoll – jagħti aċċess għal sistemi tal-art jew taħt wiċċ u/jew jipprovdi veduta ta' sistemi tal-art jew ta' taħt il-wiċċ" (iktar 'il quddiem il-"prodotti kkonċernati").

19. L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2015 u t-30 ta' Settembru 2016 (iktar 'il quddiem il-"perijodu tal-investigazzjoni"). L-eżami ta' tendenzi rilevanti għall-evalwazzjoni tad-dannu kopra l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 u t-tmiem tal-perijodu tal-investigazzjoni (iktar 'il quddiem il-"perijodu meħud inkunsiderazzjoni").

20. Fis-16 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1480 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament provviżorju") [10].

21. Wara l-proċedura antidumping, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament kontenzjuż fid-29 ta' Jannar 2018.

22. Iċ-CCCME pparteċipat fil-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament kontenzjuż. Il-persuni ġuridiċi l-oħra huma d-disa' produtturi esportaturi Ċiniżi msemmija iktar 'il fuq, li tnejn minnhom kienu ntgħażlu mill-Kummissjoni bħala parti mill-kampjun ta' produtturi esportaturi Ċiniżi użat għall-finijiet tal-investigazzjoni.

## IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

23. Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' April 2018, l-appellanti ppreżentaw rikors intiż għall-annullament tar-Regolament kontenzjuż. Quddiem il-Qorti Ġenerali, iċ-CCCME ressqet sitt motivi insostenn tar-rikors tagħha. Il-Kummissjoni kkontestat kemm l-ammissibbiltà u kemm il-mertu ta' dan ir-rikors.

24. Permezz ta' digriet tal-24 ta' Ottubru 2018, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali aċċetta l-intervent ta' EJ Picardie u tal-persuni ġuridiċi l-oħra [11] (iktar 'il quddiem l-"intervenjenti").

8 Ara l-lista fil-punt 2 tas-sentenza appellata.

9 ĠU 2016, C 461, p. 22.

10 Regolament ta' Implimentazzjoni li jimponi dazju provviżorju antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti ta' ħadid fondut li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2017, L 211, p. 14).

11 Il-lista tas-seba' persuni ġuridiċi tinsab fl-Anness II tas-sentenza appellata.

25. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali bdiet billi indirizzat l-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-ammissibbiltà tar-rikors taċ-CCCME. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikors kien ammissibbli sa fejn kien ippreżentat, l-ewwel, miċ-CCCME f'isimha stess sabiex tipproteġi d-drittijiet proċedurali tagħha, it-tieni, miċ-CCCME għan-nom tad-19-il membru identifikati minnha u, it-tielet, mill-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jidher fl-Anness I tas-sentenza appellata.

26. Fir-rigward tal-mertu tar-rikors, il-Qorti Ġenerali ċaħdet kull wieħed mis-sitt motivi mressqa miċ-CCCME u għalhekk ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

## V. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

27. Dan l-appell ġie ppreżentat miċ-CCCME f'isimha stess u għan-nom tal-membri tagħha, kif ukoll mill-appellanti l-oħra, li ma humiex irrappreżentati miċ-CCCME.

28. L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata; tilqa' t-talbiet imressqa mill-appellanti fir-rikors tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali; tannulla r-Regolament kontenzjuż sa fejn jikkonċerna liċ-CCCME, lill-kumpanniji individwali u lill-membri kkonċernati; tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tal-appell, inklużi dawk tal-appellanti; u tordna lill-intervenjenti jbati l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

29. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tannulla s-sentenza appellata sa fejn tiddikjara r-rikors fl-ewwel istanza ammissibbli; tiddikjara r-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali inammissibbli; tiċħad l-appell; u tordna lill-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u tal-appell.

30. L-intervenjenti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell fl-intier tiegħu; tiddeċiedi li ċ-CCCME ma tistax tkun assoċjazzjoni rappreżentattiva għall-finijiet tar-Regolament bażiku; u tordna lill-appellanti jbatu l-ispejjeż tal-partijiet l-oħra.

31. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet, li kellhom iwieġbu għalihom bil-miktub. Il-partijiet wieġbu fid-29 ta' Awwissu 2022. Il-partijiet kollha msemmija iktar 'il fuq ippreżentaw sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2022. Matul is-seduta, il-partijiet intalbu jikkonċentraw is-sottomissjonijiet orali tagħhom fuq il-kwistjonijiet ta' ammissibbiltà u fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq it-tieni u l-ħames aggravju, li fuqhom ser jikkonċentraw dawn il-konklużjonijiet kif mitlub mill-Qorti tal-Ġustizzja.

## VI. Evalwazzjoni tal-appell

32. Ser neżamina, qabel kollox, l-argument imqajjem mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti li bih jallegaw li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ddikjarat li r-rikors għal annullament kien ammissibbli (A). Sussegwentement, ser ngħaddi għaż-żewġ aggravji li jikkonċernaw id-determinazzjoni tad-dannu. Ser nibda billi nanalizza l-ewwel parti tal-ewwel aggravju dwar il-volum tal-importazzjonijiet (B). Ser neżamina mbagħad il-kwistjoni tal-evidenza pożittiva, li titqajjem fil-kuntest tat-tieni aggravju (C). Fl-aħħar nett, ser neżamina l-ħames aggravju, li jikkonċerna r-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati u l-obbligu tal-Kummissjoni li tikkomunika data lil dawn il-partijiet (D).

## A. L-ammissibbiltà tar-rikors fl-ewwel istanza

33. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni targumenta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi meta ddikjarat ir-rikors ammissibbli.

34. L-ewwel, għandu jitqies li, skont ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista’, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu ta’ dan l-artikolu, tiftaħ kawża kontra, *inter alia*, att li jikkonċernaha direttament u individwalment. Id-dritt ta’ assoċjazzjonijiet u, b’mod partikolari, ta’ assoċjazzjonijiet tal-kummerċ li jippreżentaw rikorsi għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali joħroġ mid-dritt ta’ persuni privati li jippreżentaw tali rikors taħt ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

35. Skont il-ġurisprudenza, rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjonijiet huma ammissibbli fi tliet sitwazzjonijiet li huma ddefiniti sew: l-ewwel, meta l-assoċjazzjoni tirrappreżenta l-interessi ta’ impriżi li jkunu intitolati huma stess li jiftħu kawża u, għalhekk, kien ikollhom *locus standi* huma stess; it-tieni, meta l-assoċjazzjoni tkun iddifferenzjata minħabba l-impatt fuq l-interessi tagħha stess bħala assoċjazzjoni, b’mod partikolari minħabba li l-pożizzjoni tagħha bħala negozjatur tkun affettwata mill-miżura li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħha; u, it-tielet, meta dispożizzjoni legali tagħtiha espliċitament numru ta’ drittijiet ta’ natura proċedurali [12].

36. Fil-kawża ineżami, huma l-ewwel u t-tielet sitwazzjoni li huma s-suġġett tal-eċċezzjonijiet ta’ inammissibbli mqajma mill-Kummissjoni. L-ewwel eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà tikkonċerna s-sitwazzjoni li fiha assoċjazzjoni tal-kummerċ tippreżenta rikors f’isimha stess għaliex ikollha interess tagħha stess (1), u t-tieni eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà tikkonċerna l-ammissibbiltà ta’ assoċjazzjoni tal-kummerċ li tirrappreżenta l-membri tagħha li jkollhom huma stess *locus standi* (2). Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkontesta l-validità tal-mandati mogħtija mill-persuni ġuridiċi, li hija s-suġġett tat-tielet eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà (3).

### *1. L-ewwel eċċezzjoni ta’ inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat miċ-CCCME f’isimha stess*

37. Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta’ liġi fil-punti 52 sa 75 tas-sentenza appellata meta kkonstatat li r-rikonoxximent taċ-CCCME bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta’ esportaturi matul il-proċedura amministrattiva kien biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li kienet ikkonċernata individwalment u direttament għall-finijiet tar-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Il-kwistjoni ta’ jekk entità tgawdix jew le minn drittijiet proċedurali fi proċedura amministrattiva partikolari hija ddeterminata mir-regoli leġiżlattivi adottati mil-leġiżlatur tal-Unjoni u mhux mid-deċiżjoni ta’ awtorità amministrattiva li ma timxix ma’ dawn ir-regoli. Il-Qorti Ġenerali naqset milli tevalwa hija stess jekk, oġġettivament, iċ-CCCME kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mir-Regolament bażiku sabiex tkun assoċjazzjoni rappreżentattiva ta’ esportaturi. Fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni enfasizzat ferm l-obbligu li l-kunċett ta’ assoċjazzjoni tal-kummerċ fis-sens tar-Regolament bażiku jiġi interpretat fid-dawl tal-Artikolu 12(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”) u tal-artikolu korrispondenti,

[12] Ara d-digriet tat-30 ta’ Settembru 1997, Federolio vs Il-Kummissjoni (T-122/96, EU:T:1997:142, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-28 ta’ Ġunju 2005, FederDoc *et* vs Il-Kummissjoni (T-170/04, EU:T:2005:257, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta’ Jannar 2013, Aiscat vs Il-Kummissjoni (T-182/10, EU:T:2013:9, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jiġifieri l-Artikolu 11(1), tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

38. Il-Kummissjoni u l-intervenjenti jsostnu li ċ-CCCME ma hijiex assoċjazzjoni li tirrappreżenta produtturi esportaturi peress li aġixxiet taħt is-superviżjoni, l-amministrazzjoni u t-tmexxija kummerċjali tal-Ministeri kkonċernati fir-RPĊ. L-intervenjenti jsostnu wkoll li ċ-CCCME mhux biss tieħu istruzzjonijiet mingħand l-Istat iżda wkoll taġixxi għan-nom tal-Istat fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet kummerċjali tal-produtturi esportaturi u fil-kontroll tal-kompetizzjoni, minn dan l-Istat, fis-suq domestiku u fis-suq tal-esportazzjoni.

39. Iċ-CCCME ssostni li hija assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi taħt ir-Regolament bażiku u hija għalhekk parti interessata. Hija ssostni li, għar-raġunijiet espressi mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, hija kkonċernata direttament u individwalment mir-Regolament kontenzjuż. B'mod partikolari, iċ-CCCME tenfasizza li hija kienet tqieset bħala parti interessata mill-Kummissjoni, kemm matul l-investigazzjoni li wasslet għar-Regolament kontenzjuż kif ukoll f'investigazzjonijiet preċedenti. Matul is-seduta, iċ-CCCME sostniet ukoll li l-Kummissjoni għandha tivverifika jekk entità hijiex parti interessata matul l-investigazzjoni u mhux fl-istadju tal-proċedura ġudizzjarja. Hija argumentat ukoll li l-Artikolu 12 tal-Karta u l-Artikolu 11 tal-KEDB ma humiex rilevanti għall-finijiet ta' din il-kawża.

### *a) Kummenti preliminari*

40. Qabelxejn, għandu jiġi indikat li l-Qorti Ġenerali eżaminat il-*locus standi* taċ-CCCME sabiex tiftaħ kawża fil-punti 46 sa 76 tas-sentenza appellata u ċaħdet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni. L-ewwel, hija ddeċidiet li ċ-CCCME kienet ikkonċernata individwalment mir-Regolament kontenzjuż peress li l-Kummissjoni kienet ikkunsidrat liċ-CCCME bħala parti interessata fis-sens tar-Regolament bażiku u, għalhekk, tat lil din l-assoċjazzjoni drittijiet proċedurali matul il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament kontenzjuż (iktar 'il quddiem il-"proċedura antidumping"). Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tal-Kummissjoni fis-sens li ċ-CCCME ma setgħetx titqies li hija parti interessata fis-sens tar-Regolament bażiku, iżda biss bħala parti rappreżentattiva. It-tieni, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ċ-CCCME kienet ikkonċernata direttament peress li kien biss billi tingħata l-opportunità tikkontesta r-Regolament kontenzjuż li setgħet tiżgura r-rispett tad-drittijiet proċedurali tagħha.

41. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, sabiex jiġi stabbilit jekk persuni ġuridiċi, bħalma hija ċ-CCCME, humiex intitolati jippreżentaw rikors f'isimhom stess, għandu jiġi eżaminat jekk dawn il-persuni, l-ewwel, għandhomx *locus standi* u, it-tieni, għandhomx interess li jressqu kawża[13]. B'mod partikolari, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, li ma hijiex ikkontestata f'dan l-appell[14], għandu jiġi osservat li, fil-punti 78 u 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-annullament tar-Regolament kontenzjuż kien ser jeħtieġ li l-Kummissjoni tiftaħ mill-ġdid il-proċedura antidumping bil-possibbiltà li tħalli liċ-CCCME tintervjeni fil-proċedura sabiex tikseb il-kummenti tagħha konformement mar-Regolament bażiku. Sa fejn jista' jkollu tali effetti, annullament jista' jkollu konsegwenzi legali għaċ-CCCME inkwantu taġixxi f'isimha stess. Fi kliem ieħor, li kieku kien hemm ksur tad-drittijiet

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Settembru 2015, Mory *et* vs Il-Kummissjoni (C-33/14 P, EU:C:2015:609, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

14 Għandu jiġi indikat li l-Kummissjoni qiegħda tikkontesta l-punti 52 sa 70 tas-sentenza appellata, li jikkonċernaw ir-rekwiżit ta' inċidenza individwali, kif ukoll il-punti 71 sa 75 ta' dik is-sentenza, li jikkonċernaw il-konstatazzjoni ta' inċidenza diretta.

proċedurali taċ-CCCME, dan kien jaffettwa l-eżitu tal-investigazzjonijiet antidumping, u għalhekk iċ-CCCME għandha interess li targumenta li kien hemm tali ksur. Għaldaqstant, l-interess tagħha li tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali *f'isimha stess* huwa li tipproteġi d-drittijiet proċedurali tagħha.

### *b) Il-kriterji ġenerali fir-rigward tal-locus standi ta' assoċjazzjonijiet tal-kummerċ taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE*

42. Qabelxejn, għandu jitfakkar li r-regoli dwar il-*locus standi* ta' persuni ġuridiċi, għall-finijiet tal-kontestazzjoni ta' miżura tal-Unjoni, huma stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-kawża ineżami, huwa t-tieni każ, fis-sens li l-kawża tista' titressaq jekk l-att ikollu inċidenza diretta u individwali għall-assoċjazzjonijiet, li għandu jiġi eżaminat [15].

43. Sabiex jiġi stabbilit jekk iċ-CCCME għandhiex *locus standi* fil-kawża ineżami minħabba l-impatt tal-att ikkontestat *fl-isem tagħha stess* bħala assoċjazzjoni, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li persuni li ma jkunux dawk li lilhom deċiżjoni tkun indirizzata jistgħu jsostnu li huma kkonċernati individwalment fil-każ biss li din id-deċiżjoni taffettwahom, *inter alia*, minħabba sitwazzjoni ta' fatt li tiddifferenzjahom minn kwalunkwe persuna oħra u, għalhekk, tindividwalizzahom daqslikieku kienu l-persuna indirizzata [16].

44. Fil-kawża ineżami, huwa evidenti, fil-fehma tiegħi, li l-impożizzjoni tad-dazji antidumping ma biddlitx is-sitwazzjoni legali taċ-CCCME fil-kapaċità individwali tagħha peress li din l-entità ma hijiex meħtieġa tħallas dan id-dazju hija stess [17]. Madankollu, il-fatt li persuna tkun involuta fil-proċedura li twassal għall-adozzjoni ta' miżura tal-Unjoni jista' jindividwalizza lil din il-persuna fir-rigward tal-miżura inkwistjoni, li jkollha effetti legali vinkolanti għal din il-persuna, fil-każ li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni applikabbli tagħtiha garanziji proċedurali [18]. Għaldaqstant, il-portata preċiża tar-rikors taċ-CCCME, ippreżentat f'isimha stess, tiddependi mill-pożizzjoni legali ta' din l-entità kif iddefinita fid-dritt tal-Unjoni, bil-għan li jiġu protetti l-interessi leġittimi mogħtija lil din l-entità [19].

### *c) L-istatus mogħti mill-Kummissjoni matul il-proċedura antidumping*

45. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ċ-CCCME tqieset mill-Kummissjoni bħala parti interessata u li kellha tingħata d-drittijiet proċedurali previsti fir-Regolament bażiku matul il-proċedura amministrattiva. Fil-punti 53 sa 57 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali għamlet numru ta' konstatazzjonijiet fis-sens li ċ-CCCME kienet ingħatat, mill-Kummissjoni, id-dritt li tipparteċipa f'żewġ seduti għal smigħ miżmuma fil-kuntest tal-investigazzjoni, kif previst fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament bażiku. Hija osservat ukoll li ċ-CCCME kienet ingħatat awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tikseb aċċess, skont l-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku, għall-fajl

15 Taħt l-ewwel każ, il-persuna inkwistjoni tkun indirizzata speċifikament fil-miżura kkontestata u, taħt it-tielet każ, din il-persuna tista' tressaq kawża kontra att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni jekk dan l-att jikkonċernaha direttament, li manifestament ma huwiex il-każ hawnhekk peress li ma hemm ebda miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw liċ-CCCME.

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, EU:C:1963:17), u tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni (C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 63).

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy and Renewable Fuels Association (C-465/16 P, EU:C:2019:155, punt 105).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1983, Fediol vs Il-Kummissjoni (191/82, EU:C:1983:259, punt 31); u tas-17 ta' Jannar 2002, Rica Foods vs Il-Kummissjoni (T-47/00, EU:T:2002:7, punt 55); u d-digriet tal-14 ta' Diċembru 2005, Arizona Chemical *et* vs Il-Kummissjoni (T-369/03, EU:T:2005:458, punt 72).

19 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy and Renewable Fuels Association (C-465/16 P, EU:C:2019:155, punt 107 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-investigazzjoni, u li, sussegwentement, il-Kummissjoni bagħtet liċ-CCCME, konformement mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet provviżorji li kienet waslet għalihom, u li fir-rigward tagħhom iċ-CCCME ssottomettiet kummenti bil-miktub. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li ċ-CCCME rċeviet, konformement mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet finali, li fihom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tipproponi l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi. Abbażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, f'dan il-każ partikolari, iċ-CCCME kienet tissodisfa r-rekwiżiti sabiex titqies li kienet ikkonċernata individwalment fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

46. Fil-fehma tiegħi, il-punt tat-tluq ta' din l-analiżi huwa d-deduzzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali li l-Kummissjoni żbaljat meta, matul il-proċedura amministrattiva, tat liċ-CCCME l-istatus ta' parti interessata u d-drittijiet proċedurali li joħorġu minn dan l-istatus. Minkejja li dan l-iżball ma huwiex ikkontestat mill-Kummissjoni [20], għandu jiġi indikat li l-Qorti Ġenerali ma tiħux pożizzjoni dwar jekk dan l-iżball huwiex stabbilit jew le [21]. Għall-kuntrarju, fil-punt 68 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tistrieħ fuq il-karatterizzazzjoni taċ-CCCME bħala parti interessata, magħmula mill-Kummissjoni stess, billi tiċċita, b'mod partikolari, il-premessa 25 tar-Regolament kontenzjuż li fiha l-Kummissjoni tqis li ċ-CCCME kellha titqies bħala parti interessata li tirrappreżenta, b'mod partikolari, l-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut.

47. Madankollu, skont il-ġurisprudenza dwar ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, il-fatt li persuna tipparteċipa b'xi mod jew ieħor fil-proċess li jwassal għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni ma jindividwalizzax lil din il-persuna fir-rigward tal-att inkwistjoni, sakemm il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti ma tkunx stabbilixxiet garanziji proċedurali speċifiċi għal tali persuna [22]. Għalhekk, assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jistgħu jkunu kkonċernati direttament u individwalment minn ksur tad-drittijiet proċedurali mogħtija lilhom mir-Regolament bażiku. Huwa abbażi ta' dan ir-regolament li l-Qorti Ġenerali għandha tqis jekk entità, bħalma hija ċ-CCCME, għandhiex tiġi individwalizzata għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

48. Minn dan isegwi li l-karatterizzazzjoni legali taċ-CCCME bħala parti interessata għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament bażiku ma tistax tiġi preżunta. Għall-finijiet tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, huwa l-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tivverifika jekk entità, bħalma hija ċ-CCCME, tistax tiġi kkaratterizzata bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi fis-sens tar-Regolament bażiku, u dan iktar u iktar meta l-Kummissjoni u l-intervenjenti jkunu kkontestaw l-istatus taċ-CCCME fis-sens ta' dan ir-regolament [23].

20 Matul is-seduta, il-Kummissjoni enfasizzat li ma hemm ebda deċiżjoni formali u li lanqas ma huwa possibbli għall-industrija tal-Unjoni li tikkontesta r-rikonoxximent ta' entità bħala parti interessata.

21 Ara l-punt 63 tas-sentenza appellata.

22 Ara, l-iktar reċenti, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy and Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill (T-276/13, EU:T:2016:340). Għandu jingħad li l-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-*locus standi* sabiex tinfetaħ kawża kontra r-Regolament kontenzjuż sabiex jiġi żgurat li jitħarsu d-drittijiet proċedurali tal-assoċjazzjoni tal-kummerċ inkwistjoni hija kkonfermata espliċitament mill-Qorti tal-Ġustizzja sa fejn il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Growth Energy and Renewable Fuels Association f'isimha stess bħala parti interessata fil-proċedura: ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy and Renewable Fuels Association (C-465/16 P, EU:C:2019:155, punti 101) sa 109. Ara wkoll id-digrieti tat-3 ta' Ġunju 1997, Merck *et* vs Il-Kummissjoni (T-60/96, EU:T:1997:81, punt 73); tal-15 ta' Settembru 1998, Molkerei Großbraunshain u Bene Nahrungsmittel vs Il-Kummissjoni (T-109/97, EU:T:1998:209, punti 67 u 68); u tas-16 ta' Settembru 2005, Schmoldt *et* vs Il-Kummissjoni (C-342/04 P, mhux ippubblikat, EU:C:2005:562, punti 39 u 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Fil-punt 66 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tindika li l-Kummissjoni kienet argumentat li, anki li kieku ċ-CCCME setgħet tinvoka drittijiet proċedurali li joħorġu mir-Regolament bażiku, din l-entità għandha tiġi rrikonoxxuta bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi fis-sens ta' dan ir-regolament, u mhux bħala parti li għandha interess fis-sens tal-istess regolament.

49. Għaldaqstant, għalkemm il-Kummissjoni rrikonoxxiet, matul il-proċedura amministrattiva, li ċ-CCCME kienet parti interessata u tatha d-drittijiet proċedurali li jirriżultaw minn dan, tali rikonoxximent u għoti jikkostitwixxu prassi amministrattiva li ma hijiex vinkolanti għad-determinazzjoni mwettqa mill-qorti tal-Unjoni fil-kuntest ta' rikors għal annullament. L-istatus mogħti mill-Kummissjoni liċ-CCCME għandu jkun konformi mar-Regolament bażiku, li fuqu hija bbażata l-adozzjoni tar-Regolament kontenzjuż. F'dan ir-rigward, kif tosserva ġustament il-Kummissjoni, il-kwistjoni ta' jekk entità tibbenefikax jew le minn drittijiet proċedurali fi proċedura amministrattiva partikolari hija ddeterminata mil-leġiżlatur tal-Unjoni meta jadotta l-qafas legali, jiġifieri, fil-kawża ineżami, ir-Regolament bażiku, u mhux mill-prassi tal-korp amministrattiv.

50. Dan iżda ma jfissirx li l-prassi żbaljata tal-Kummissjoni ma għandha ebda konsegwenza, b'mod partikolari meta din l-istituzzjoni ċċaħħad lil persuna mid-drittijiet proċedurali tagħha. Għall-kuntrarju, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża ineżami, ir-rikonoxximent taċ-CCCME bħala parti interessata ma ċaħħadhiex minn dawn id-drittijiet iżda taha iktar drittijiet, kif osservat il-Kummissjoni matul is-seduta. Għalhekk, ir-rikonoxximent mill-Kummissjoni imsemmi iktar 'il fuq ma għandux konsegwenzi negattivi fuq id-drittijiet tad-difiża taċ-CCCME [24].

51. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament, il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika liema status u liema drittijiet proċedurali (jekk mhux xejn) kellha tingħata ċ-CCCME konformement mar-Regolament bażiku. Madankollu, meta evalwat, fil-punti 53 sa 71 tas-sentenza appellata, jekk iċ-CCCME kinitx ikkonċernata individwalment meta aġixxiet f'isimha stess, jidher li l-Qorti Ġenerali naqset milli twettaq din il-verifika. Hija sempliċement qieset li, għall-finijiet tal-ammissibbiltà tar-rikors għal annullament, iċ-CCCME kienet ikkonċernata individwalment sempliċement għar-raġuni li l-Kummissjoni kienet tatha drittijiet proċedurali [25]. Jiena għalhekk tal-fehma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ċ-CCCME kienet ikkonċernata individwalment u direttament għar-raġuni li l-Kummissjoni kienet tatha drittijiet proċedurali matul il-proċedura antidumping, mingħajr ma vverifikat jekk l-għoti ta' dawn id-drittijiet kienx konformi mar-Regolament bażiku

52. Fid-dawl tal-iżball imsemmi iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk, taħt ir-Regolament bażiku, il-Kummissjoni kinitx fil-fatt meħtieġa tirrikonoxxi liċ-CCCME bħala parti interessata u/jew assoċjazzjoni rappreżentattiva u tagħtiha ċerti drittijiet proċedurali. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' jekk iċ-CCCME hijiex parti interessata u/jew assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi.

### *d) Parti interessata u/jew assoċjazzjoni rappreżentattiva*

#### *1) Il-kunċett ta' parti interessata*

53. Qabelxejn, fir-rigward tal-atturi li jissemmew fir-Regolament bażiku, għandu jingħad li d-dispożizzjonijiet tiegħu jirreferu għal diversi entitajiet, bħalma huma "esportaturi", "importaturi" u l-"assoċjazzjonijiet rappreżentattivi" (tagħhom), "assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-importaturi jew l-esportaturi", "min jagħmel l-ilment", "rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni", il-"gvern tal-pajjiż ta' esportazzjoni", "utenti u organizzazzjonijiet

[24] Madankollu, għandu jiġi indikat li prassi amministrattiva żbaljata jista' jkollha konsegwenzi legali oħra u tista' tkun is-suġġett ta' rimedji ġudizzjarji differenti.

[25] Ara, b'mod partikolari, il-punti 58 sa 60, 68 u 69 tas-sentenza appellata.

tal-konsumatur" u "partijiet interessati". Minkejja li dawn il-kategoriji ma humiex iddefiniti fir-Regolament bażiku, mill-Artikoli 5, 6, 10, 11 u 19 tiegħu jirriżulta li dan ir-regolament jagħti lil dawn l-atturi drittijiet differenti[26].

54. Madankollu, fid-dawl ta' interpretazzjoni litterali u sistematika tal-Artikolu 5(10) u (11) tar-Regolament bażiku, huwa evidenti li l-espressjoni "partijiet interessati" hija espressjoni wiesgħa li tkopri l-entitajiet imsemmija iktar 'il fuq kollha. B'mod partikolari, meta persuna tkun għamlet lilha nnifisha magħrufa konformement mal-Artikolu 5(10) ta' dan ir-regolament, hija ssir parti interessata.

55. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-istatus ta' parti interessata matul il-proċedura amministrattiva u tad-drittijiet proċedurali tagħha, peress li entitajiet differenti għandhom drittijiet differenti, għandha tiġi ddeterminata wkoll il-kapaċità li fiha din taġixxi, jiġifieri bħala esportatur, bħala importatur, bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva jew f'xi kapaċità oħra[27]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat ukoll li, għalkemm ir-Regolament bażiku jagħmel distinzjoni bejn l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-esportaturi u r-rappreżentanti tal-pajjiżi tal-esportazzjoni[28], la dan ir-regolament u lanqas il-ġurisprudenza ma jidhru li jipprovdu indikazzjonijiet preċiżi dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġu ddefiniti dawn il-kunċetti.

*2) Il-kunċett ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi*

56. Il-kwistjoni li tqum hija jekk iċ-CCCME hijiex assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi fis-sens tar-Regolament bażiku. Kif wieħed jistenna, il-partijiet jaslu għal żewġ tweġibiet opposti. Skont iċ-CCCME, ir-Regolament bażiku ma jelenka ebda kriterji proċedurali jew materjali li jservu sabiex tiġi ddefinita assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi. Filwaqt li tibbaża ruħha fuq it-tifsira komuni tat-termini "rappreżentattiva" u "assoċjazzjoni", iċ-CCCME targumenta li kull korp jew entità li jaġixxu għal jew għan-nom ta' produtturi esportaturi jistgħu jiġu kkaratterizzati bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi fis-sens tar-Regolament bażiku. Hija targumenta li, jekk jiġu miżjuda iktar kriterji, dan ikun ifisser li jkunu qegħdin jiġu inklużi kundizzjonijiet addizzjonali mhux iġġustifikati fl-istatus ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni u l-intervenjenti jargumentaw li l-espressjoni "assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi" għandha tiġi ddefinita b'riferiment għal kriterji materjali u proċedurali speċifiċi. B'mod partikolari, huma jargumentaw li t-terminu "assoċjazzjoni" għandu jinftiehem, skont it-tradizzjonijiet komuni għall-Istati Membri tal-Unjoni, fis-sens li jirreferi għal entità li hija inkorporata u li taġixxi b'mod demokratiku u li hija indipendenti mill-gvern.

57. Kif iddikjarat il-Kummissjoni matul is-seduta, minn dan isegwi li, għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, l-interpretazzjoni tat-terminu "assoċjazzjoni" hija kruċjali. F'dan ir-rigward, ir-Regolament bażiku u l-kuntest tiegħu jipprovdu kriterji materjali u proċedurali li jiddefinixxu

26 Pereżempju, jidher li huma biss l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 20(1), (2) u (4) tar-Regolament bażiku li jagħtu ċerti garanziji proċedurali lil assoċjazzjonijiet rappreżentattivi. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, fil-punt 143 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tiddikjara li ċ-CCCME kienet allegat quddiemha li l-Kummissjoni kienet kisret id-drittijiet tad-difiża u l-Artikolu 6(7), l-Artikolu 19(1) sa (3) u l-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku meta rrifjutat li tagħti lill-appellanti aċċess għal informazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tad-dumping u għad-determinazzjoni tad-dannu.

27 Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku, il-partijiet interessati "jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw informazzjoni jekk tali opinjonijiet u informazzjoni għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni". Dan jimplika wkoll li huma għandhom jindikaw il-kapaċità li fiha jkunu qegħdin jaġixxu.

28 Ara l-Artikolu 6(7) u l-Artikolu 20(2) u (4) tar-Regolament bażiku.

"assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi". B'mod partikolari, fir-rigward tal-kriterji proċedurali, ir-Regolament bażiku jipprovdi, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10), li l-partijiet interessati għandhom jagħmlu lilhom infushom magħrufa[29]. Fir-rigward tal-kriterji materjali, jidher li r-Regolament bażiku ma jiddefinixxix l-espressjoni "assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi". F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li din l-espressjoni dehret għall-ewwel darba fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3284/94[30], li implimenta l-Ftehim Antidumping tal-1994, filwaqt li l-verżjonijiet preċedenti kollha tar-regolament antidumping bażiku kienu jirreferu għall-espressjoni "assoċjazzjoni tal-kummerċ" [traduzzjoni mhux uffiċjali][31].

58. Għalkemm il-kunċett ta' "assoċjazzjoni tal-kummerċ" intuża fid-dritt tal-WTO, b'mod partikolari fl-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994[32], il-Kummissjoni ma rnexxilhiex tispjega, matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, għaliex, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 3284/94 u tal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, il-Kunsill kien għamel bidliet fit-test propost jew minn fejn ħarġet l-espressjoni "assoċjazzjoni rappreżentattiva"[33]. B'hekk, ma huwiex ċar għalfejn l-Unjoni adottat l-espressjoni "assoċjazzjoni rappreżentattiva" u ma implimentatx l-istess lingwaġġ użat f'dan il-ftehim. Dan huwa iktar u iktar sorprendenti meta wieħed iqis li l-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku jirreferi għall-espressjoni "assoċjazzjoni tal-kummerċ", li, kif qablu l-partijiet matul is-seduta, tirreferi b'mod ċar għal "assoċjazzjoni rappreżentattiva".

59. Fi kwalunkwe każ, peress li r-Regolament bażiku jimplimenta obbligu internazzjonali li jirriżulta mill-Ftehim Antidumping tal-1994 fid-dritt tal-Unjoni, għall-finijiet tad-definizzjoni tal-espressjoni "assoċjazzjoni rappreżentattiva" fis-sens tar-Regolament bażiku, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kunċett ta' "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" fis-sens tal-Artikolu 6.11(i) ta' dan il-ftehim[34]. Skont din id-dispożizzjoni, sabiex taqa' fit-tifsira ta' dan il-kunċett, entità għandha tissodisfa żewġ kriterji: l-ewwel, hija għandha tkun "[assoċjazzjoni ta'] kummerċ jew assoċjazzjoni ta' negozju" u, it-tieni, il-maġġoranza tal-membri tagħha għandhom ikunu produtturi, esportaturi jew importaturi tal-prodott li jkun is-suġġett tal-investigazzjoni. Ser ngħaddi issa biex neżamina dawn iż-żewġ kriterji.

29 It-terminu "jistgħu", fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku għandu jinqara kif ġej: għall-finijiet tal-proċedura antidumping, il-partijiet li jkunu jixtieqway jsiru partijiet interessati *għandhom* jagħmlu lilhom infushom magħrufa. Kif indikat il-Kummissjoni matul is-seduta, hija ma tistax tkun mistennija tieħu l-inizjattiva li tfittex il-partijiet interessati. Din hija wkoll il-pożizzjoni meħuda mill-Korp tal-Appell tal-WTO li, fir-rapport tiegħu tad-29 ta' Novembru 2005 fil-każ "Messiku – Miżuri antidumping definittivi fir-rigward taċ-ċanga u tar-ross" (WT/DS 295/AB/R, punt 251), ikkonstata li l-awtorità investigattiva inkwistjoni "ma kinitx obbligata, taħt l-Artikolu 6.1, tikkomunika l-informazzjoni meħtieġa lil esportaturi li ma kinitx taf dwarhom iżda li setgħet tikseb għarfien tagħhom" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

30 Ara l-Artikolu 7(15) tar-Regolament tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet issussidjati minn pajjiżi li ma humiex Membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 1994, L 349, p. 22).

31 Ara, pereżempju, l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 459/68 tal-5 ta' April 1968 dwar il-protezzjoni kontra dumping jew l-għoti ta' premjijiet jew sussidji minn pajjiżi li ma humiex Membri tal-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 1968, L 93, p. 1).

32 Il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta r-Regolament bażiku konformement mal-Artikolu 207(2) TFUE sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-Ftehim Antidumping tal-1994 fis-sistema legali interna tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2015, Il-Kunsill *et* vs Vereniging Milieudefensie and Stichting Stop Luchtverontreiniging Utrecht (C-401/12 P sa C-403/12 P, EU:C:2015:4, punt 59). Skont il-premessa 3 tar-Regolament bażiku, "il-lingwaġġ ta' dak il-Ftehim għandu jiġi rifless fil-leġislazzjoni tal- Unjoni *sa fejn ikun possibbli*" (enfasi miżjuda).

33 Għandu jiġi indikat, bħala paragun, li l-Istati Uniti tal-Amerika implimentaw l-espressjoni "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" b'mod identiku għall-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 sa fejn, skont l-Artikoli 9(E) u (F) tan-19 U.S. Code § 1677 (Kodiċi 19 tal-Istati Uniti Nru 1677), l-espressjoni "interested party" (parti interessata) tinkludi "trade or business association[s]" (assoċjazzjoni(jiet) tal-kummerċ u tan-negozju).

34 Ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube (C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

*i) Assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju*

*– Kriterji ġenerali*

60. Matul is-seduta, il-partijiet qablu li l-espressjoni “[assoċjazzjoni ta’] kummerċ jew assoċjazzjoni ta’ negozju” li tinsab fl-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 ġiet implimentata fir-Regolament bażiku b’riferiment għal “assoċjazzjoni rappreżentattiva”[35]. Fl-assenza ta’ definizzjoni f’dan l-artikolu u ta’ kwalunkwe riferiment għad-dritt nazzjonali, din l-espressjoni għandha, skont l-Artikolu 31(1) tal-Konvenzjoni ta’ Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta’ Mejju 1969, tiġi interpretata “*in bona fide* konformement mat-tifsira ordinarja li għandha tingħata lit-termini tat-trattat fil-kuntest tagħhom u fid-dawl tal-għan u tal-iskop tiegħu” [traduzzjoni mhux uffiċjali].

61. F’dan ir-rigward, għandu l-ewwel jiġi indikat li hemm ċerti diskrepanzi bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 peress li tnejn mit-tliet lingwi uffiċjali tal-WTO jirreferu għal “assoċjazzjoni” – “trade or business association” bl-Ingliż[36] u “las asociaciones mercantiles, gremiales o empresariales” bl-Ispanjol[37] – filwaqt li t-tielet lingwa tirreferi għal “grupp” – “un groupement professionnel commercial ou industriel”[38] bil-Franċiż. It-tifsira ordinarja ta’ dawn l-espressjonijiet tidher li tkopri tipi differenti ta’ organizzazzjonijiet li jiġbru fi ħdanhom u li jipprovdu sostenn lil kumpanniji u persuni li jimpjegaw f’tip partikolari ta’ industrija, kif ukoll li jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Barra minn hekk, għal finijiet ta’ kompletezza, għandu jingħad ukoll li, taħt sistemi legali differenti, id-definizzjoni storika ta “assoċjazzjoni tal-kummerċ” kienet tinkludi kmamar u bordijiet tal-kummerċ; assoċjazzjonijiet jew istituti; soċjetajiet għall-protezzjoni tal-kummerċ; assoċjazzjonijiet mhux rappreżentattivi li jipprovdu servizzi kummerċjali ġenerali; kmamar konsultattivi tal-arti u tal-manifattura; u kmamar sindakali tal-kummerċ u tal-industrija[39]. Għaldaqstant, it-tifsira ordinarja ta’ din

[35] Jiena tal-fehma, l-istess bħall-partijiet kollha, li, peress li l-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku jirreferi għal “assoċjazzjoni rappreżentattiva” u għal “assoċjazzjoni tal-kummerċ”, dawn l-espressjonijiet jirreferu għall-istess parti. Għal finijiet ta’ ċarezza, f’dawn il-konklużjonijiet ser nuża biss l-espressjoni “assoċjazzjoni rappreżentattiva” meta nirreferi għal dawn id-dispożizzjonijiet.

[36] Fil-verżjoni bl-Ingliż, assoċjazzjoni tal-kummerċ tista’ tiġi ddefinita bħala “assoċjazzjoni volontarja ta’ impriżi kummerċjali organizzata fuq bażi ġeografika jew industrijali bil-għan li tippromwovi u tiżviluppa opportunitajiet kummerċjali u industrijali fil-qasam tal-attivitajiet tagħha, bil-għan li tesprimi b’mod pubbliku l-fehmiet tal-membri tagħha fuq kwistjonijiet ta’ interess komuni, jew f’ċerti każijiet bil-għan li teżerċita xi tip ta’ kontroll fuq il-prezzijiet, il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni” [traduzzjoni libera] (ara l-entrata “Trade association” f’*Encyclopædia Britannica*, Britannica Academic; minn https://academic.eb.com/levels/collegiate/article/trade-association/73137, sit ikkonsultat fl-10 ta’ Ottubru 2022). Ara wkoll id-definizzjoni ta’ “trade association” fil-verżjoni online tal-*Cambridge Dictionary*, jiġifieri, organizzazzjoni li tipprovdi sostenn lil kumpanniji u lil persuni li jimpjegaw f’tip partikolari ta’ industrija u li tipproteġi d-drittijiet tagħhom.

[37] Għall-kuntrarju tal-verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Franċiż, il-verżjoni bl-Ispanjol tal-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 tirreferi għal assoċjazzjonijiet kummerċjali, tan-negozju jew imprenditorajli, jiġifieri għal tliet kategoriji ta’ assoċjazzjonijiet. Madankollu, it-tipi kollha jirreferu għall-kelma “assoċjazzjoni”, li għandha l-konnotazzjoni ta’ entità b’personalità ġuridika ffurmata minn diversi persuni, fiżiċi jew ġuridiċi, li, permezz ta’ ftehim ta’ assoċjazzjoni, hija ddedikata b’mod permanenti għall-kisba ta’ ċerti għanijiet mhux ta’ lukru (Organización dotada de personalidad jurídica integrada por una diversidad de personas, físicas o jurídicas, que, mediante un pacto asociativo, se dedica de forma permanente a la consecución de determinados fines sin finalidad de lucro; ara https://dpej.rae.es/lema/asociaci%C3%B3n). B’hekk, pereżempju, “asociación empresarial” hija ddefinita bħala “organización de empresarios constituida para la defensa de los intereses económicos y sociales que le son propios” (ara Montoya Melgar, A. (editur), *Diccionario Jurídico de la Real Academia de Jurisprudencia y Legislación*, Aranzadi, Cizur Menor, 2016).

[38] Id-dizzjunarju online *Larousse* jiddefinixxi “groupement” bħala “organisation plus ou moins structurée constituée par un ensemble de personnes ayant mêmes intérêts, mêmes aspirations ou même idéologie”. Fid-dizzjunarju tas-*Centre national de ressources textuelles et lexicales* din il-kelma hija ddefinita bħala “ensemble (important) de personnes (physiques ou morales) ayant des caractéristiques communes, réunies pour atteindre un but, pour défendre des intérêts communs”.

[39] Minn perspettiva storika, l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ żviluppaw matul is-seklu 18 u fl-ewwel parti tas-seklu 19, u ħadu post ix-xirek tal-kummerċ u l-korporazzjonijiet ta’ negozjanti li kienu tilfu l-poter tagħhom. Dak iż-żmien evolvew żewġ sistemi: dik Brittanika u dik Franċiża. Filwaqt li fis-sistema Brittanika l-“organizzazzjonijiet tal-kummerċ tħallew jiżviluppaw waħedhom bil-mod tagħhom” [traduzzjoni libera], fis-sistema Franċiża “il-gvern ħa r-rwol li joħloq organizzazzjonijiet tal-kummerċ, li integra fis-sistema amministrattiva tal-pajjiż u li tahom status uffiċjali bħala parti integrali mill-mekkaniżmu tal-Istat” [traduzzjoni libera] (ara Chisholm, H. (editur), “Trade Organization”, *Encyclopædia Britannica*, Vol. 27 (il-11-il edizzjoni.), Cambridge University Press, 1911, p. 135 sa 140, li jagħti ħarsa komprensiva tal-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ sa mill-bidu tas-seklu 20).

l-espressjoni ma ssostnix l-approċċ meħud mill-Kummissjoni. Interpretazzjoni tal-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 fis-sens li jkun hemm "assoċjazzjoni rappreżentattiva" fil-każ biss li tkun immexxija b'mod demokratiku ma tirriżulta minn ebda dispożizzjoni ta' dan il-ftehim [40].

62. Għaldaqstant, wieħed ma jistax b'mod raġonevoli jistrieħ *biss* fuq it-tifsira ta' "assoċjazzjoni" fit-tradizzjonijiet komuni għall-Istati Membri tal-Unjoni, fis-sens li assoċjazzjoni hija inkorporata u taġixxi b'mod demokratiku u li hija indipendenti mill-gvern. Għall-kuntrarju, it-tifsira ordinarja ta' dan it-terminu tirreferi għal entità li tipprovdi sostenn lil kumpanniji f'tip partikolari ta' industrija u li tipproteġi d-drittijiet tagħhom.

63. Fir-rigward tal-kuntest, l-espressjoni "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" tidher fil-kuntest multilaterali tal-WTO, li l-ħidma tagħha titwettaq mir-rappreżentanti tal-gvernijiet iżda li l-bażi tagħha tinsab fl-attività ta' kuljum tal-industrija u tal-kummerċ. B'hekk, il-firxa ta' entitajiet li jistgħu legalment jiġu kkaratterizzati bħala "assoċjazzjonijiet tal-kummerċ" jew bħala "assoċjazzjonijiet tan-negozju" hija partikolarment wiesgħa. Fil-fehma tiegħi, din il-firxa tista' tkopri entitajiet li jvarjaw minn kmamar tal-kummerċ u assoċjazzjonijiet ta' kmamar tal-kummerċ sa gruppi tal-kummerċ industrijali, assoċjazzjonijiet ta' negozji, assoċjazzjonijiet settorjali jew korpi industrijali [41]. Peress li l-kunċett ta' "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" joħroġ mill-qafas multilaterali tal-WTO, li huwa kkostitwit minn pajjiżi b'reġimi politiċi u ekonomiċi differenti, jiena kont nargumenta li l-istandard legali applikat għal dan il-kunċett huwa differenti minn dak applikat għall-kunċett ta' assoċjazzjoni taħt id-dritt nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni jew taħt oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni. Minn dan isegwi li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament bażiku, li jimplimenta l-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994, il-kunċett ta' "assoċjazzjoni rappreżentattiva" għandu jingħata interpretazzjoni wiesgħa li tkopri kull tip ta' entità li tirrappreżenta l-industriji li jkunu s-suġġett ta' proċedura antidumping.

– *Ir-relazzjoni mal-kunċett ta' libertà ta' assoċjazzjoni*

64. Skont il-Kummissjoni, assoċjazzjoni ma tistax tkun rappreżentattiva jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tal-Karta. Iċ-CCCME, għall-kuntrarju, argumentat matul is-seduta li din id-dispożizzjoni ma għandhiex tkun rilevanti.

65. Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni stabbilit fl-Artikolu 12(1) tal-Karta, dan id-dritt jikkorrispondi mad-dritt iggarantit fl-Artikolu 11(1) tal-KEDB u, għalhekk, għandu jitqies, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, bħala li għandu l-istess tifsira u portata bħal dan tal-aħħar. B'hekk, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għandhom jiġu interpretati b'mod li jieħu inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") [42].

66. F'dan ir-rigward, l-ewwel, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB, id-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni huwa wieħed mill-pedamenti essenzjali ta' soċjetà demokratika u pluralista sa fejn jippermetti liċ-ċittadini jaġixxu b'mod kollettiv f'oqsma ta' interess reċiproku u b'hekk

[40] Għall-kuntrarju, il-WTO tirrikonoxxi assoċjazzjonijiet ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali, bħalma huma l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja u l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles, li juri li l-kelma "assoċjazzjoni" għandha konnotazzjoni wiesgħa ħafna fil-kuntest tal-qafas tal-kummerċ multilaterali fi ħdan il-WTO.

[41] Pereżempju, ara l-lista ta' assoċjazzjonijiet tal-kummerċ fl-Istati Uniti fuq https://www.trade.gov/trade-associations.

[42] Fir-rigward ta' interpretazzjoni konformement mal-Artikolu 11(1) tal-KEDB, ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Trasparenza ta' assoċjazzjoni) (C-78/18, EU:C:2020:476, punti 112 sa 114).

jikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja pubblika[43]. It-tieni, dan id-dritt ma jinkludix biss l-abbiltà li tinħoloq jew li tiġi xolta assoċjazzjoni[44], iżda jkopri wkoll il-possibbiltà għal din l-assoċjazzjoni li taġixxi, li jfisser, *inter alia*, li għandha tkun kapaċi twettaq l-attivitajiet tagħha u topera mingħajr interferenza inġustifikata min-naħa tal-Istat[45].

67. Għalhekk, għalkemm huwa minnu li t-termini tar-Regolament bażiku għandhom jiġu interpretati, *inter alia*, fid-dawl tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni stabbilit fl-Artikolu 12(1) tal-Karta u b'tali mod li jiġi evitat li tinħoloq limitazzjoni inġustifikata għal dan id-dritt, din l-interpretazzjoni ma tistax tintuża sabiex jiġu limitati d-drittijiet ta' entità li lanqas biss ma tkun qiegħda tinvoka d-dritt għal tali libertà. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku għandhom jiġu interpretati b'tali mod li operatur ekonomiku ma għandux ikun imġiegħel jew obbligat isir membru ta' assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju, sakemm tali ndħil ma jkunx iġġustifikat u proporzjonat[46].

68. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma tistax tuża l-libertà ta' assoċjazzjoni stabbilita f'dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tillimita d-drittijiet ta' entità li ssostni li tirrappreżenta impriżi jew industrija[47]. Fi kliem ieħor, l-obbligu li r-Regolament bażiku jiġi interpretat fid-dawl tal-Karta u tal-KEDB jista' jimplika l-għoti ta' drittijiet lill-partijiet involuti fi proċedura antidumping iżda ma jistax jintuża sabiex dawn il-partijiet jitwaqqfu milli jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom iggarantiti fl-Artikoli 41 jew 47 tal-Karta.

69. F'dan ir-rigward, jiena tal-fehma li l-portata tal-libertà ta' assoċjazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12(1) tal-Karta u tal-Artikolu 11 tal-KEDB hija iktar restrittiva mill-kunċett ta' "assoċjazzjoni rappreżentattiva" taħt ir-Regolament bażiku; dan il-kunċett ikopri l-libertà ta' assoċjazzjoni, iżda jkopri wkoll il-kunċett ta' "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" fis-sens tad-dritt internazzjonali tal-kummerċ. Fi kliem ieħor, meta din il-libertà ma tapplikax, entità xorta tista' tirrappreżenta lill-membri tagħha fis-sens tar-Regolament bażiku u fil-kuntest tad-dritt internazzjonali tal-kummerċ.

70. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tinvoka din il-libertà sabiex tillimita l-kunċett ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva fis-sens tar-Regolament bażiku u bil-għan li tipprekludi organizzazzjoni milli tirrappreżenta l-membri tagħha jew industrija. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ssegwi l-approċċ tal-Kummissjoni, l-entità inkwistjoni, sabiex tkun ikkaratterizzata legalment bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva taħt ir-Regolament bażiku, ikollha *dejjem* tosserva dawn id-dispożizzjonijiet, irrispettivament minn jekk din l-entità tkunx qiegħda tinvoka d-dritt tagħha għal din il-libertà jew le. Minn dan isegwi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad l-argument imqajjem preċedentement mill-Kummissjoni fis-sens li l-poter pubbliku eżerċitat mill-entità

43 Qorti EDB, 17 ta' Frar 2004, Gorzelik *et* vs Il-Polonja (CE:ECHR:2004:0217JUD004415898, punti 88, 90 u 92), u Qorti EDB, 8 ta' Ottubru 2009, Tebieti Mühafize Cemiyyeti u Israfilov vs L-Azerbajġan (CE:ECHR:2009:1008JUD003708303, punti 52 u 53).

44 Qorti EDB, 17 ta' Frar 2004, Gorzelik *et* vs Il-Polonja (CE:ECHR:2004:0217JUD004415898, punt 52), u Qorti EDB, 8 ta' Ottubru 2009, Tebieti Mühafize Cemiyyeti u Israfilov vs L-Azerbajġan (CE:ECHR:2009:1008JUD003708303, punt 54).

45 Qorti EDB, 5 ta' Ottubru 2006, Moscow Branch of the Salvation Army vs Ir-Russja (CE:ECHR:2006:1005JUD007288101, punti 73 u 74).

46 L-Artikolu 52(1) tal-Karta jaċċetta li jistgħu jiġu imposti limitazzjoni fuq l-eżerċizzju ta' drittijiet u ta' libertajiet kemm-il darba l-limitazzjonijiet ikunu previsti f'liġi, jirrispettaw l-essenza ta' dawn id-drittijiet u libertajiet, u, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, ikunu meħtieġa u jissodisfaw verament l-għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.

47 L-istess raġunament japplika għall-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq il-libertà ta' assoċjazzjoni fis-sens tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata fl-10 ta' Diċembru 1948 mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, li tipprovdi, fl-Artikolu 20(1) tagħha, li "kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' assemblea u ta' assoċjazzjoni paċifiċi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

inkwistjoni[48] jipprekludi l-karatterizzazzjoni tagħha bħala assoċjazzjoni, minħabba li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 12(1) tal-Karta u l-Artikolu 11 tal-KEDB. Għall-istess raġunijiet, jiena tal-fehma li l-argument tal-Kummissjoni fis-sens li l-entità inkwistjoni ma jistax ikollha setgħat regolatorji, minħabba li ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti, għandu jiġi miċħud.

71. Fi kwalunkwe każ, fil-kawża ineżami, fil-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja ma hemm xejn li jissuġġerixxi li l-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku fis-sens li jippermetti li ċ-CCCME titqies li hija assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi ser twassal għal limitazzjoni inġustifikata ta' din il-libertà fundamentali fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

– *L-istatut tal-assoċjazzjoni*

72. Minn perspettiva prattika, il-kwistjoni ta' jekk entità hijiex "assoċjazzjoni tal-kummerċ jew tan-negozju" għandha tiġi analizzata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-istatut tagħha. Fil-kawża ineżami, mill-Istatut taċ-CCCME joħroġ b'mod ċar li din hija, *inter alia*, organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru kkostitwita minn impriżi u istituzzjonijiet involuti fl-esportazzjoni, fl-investiment u fil-kooperazzjoni ta' makkinarju u prodotti elettroniċi[49]. Skont l-Artikoli 2 u 3 tal-Istatut, l-għan taċ-CCCME huwa li tipprovdi lill-membri tagħha koordinazzjoni, konsultazzjoni u servizzi, li tħares id-drittijiet u interessi leġittimi tal-membri tagħha u li tippromwovi l-iżvilupp tal-industriji mekkaniċi u elettroniċi[50]. Fil-fehma tiegħi, l-iskop, kif iddefinit mill-istatut tagħha, ma jħalli lok għal ebda dubju li ċ-CCCME hija assoċjazzjoni li tirrappreżenta, minn tal-inqas formalment, ċerti produtturi u esportaturi tar-RPĊ.

73. Kwistjoni oħra li tqum hija jekk iċ-CCCME hijiex assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-produtturi tal-prodotti speċifiċi li huma s-suġġett tal-investigazzjoni. Kif jindika isimha, iċ-CCCME hija entità li tirrappreżenta l-produtturi u l-esportaturi ta' "makkinarju u ta' prodotti elettroniċi" u "l-industriji mekkaniċi u elettroniċi"[51]. Huwa minnu li dawn l-espressjonijiet vagi ma jispeċifikawx jekk din l-entità tkoprix il-produtturi u l-esportaturi ta' prodotti speċifiċi, bħalma huma ċerti oġġetti tal-ħadid fondut (għotjien ta' tappieri). Madankollu, minn qari tal-liċenzji kummerċjali tal-membri taċ-CCCME jidher ukoll li l-attivitajiet ta' dawn il-membri jinkludu l-ħadid fondut[52].

74. Barra minn hekk, għall-kuntrarju tal-argumenti tal-Kummissjoni, anki jekk il-prodotti li huma s-suġġett tal-investigazzjoni jirrappreżentaw perċentwali żgħira ħafna tal-prodotti kollha koperti mill-membri tal-assoċjazzjoni, kif jidher li huwa l-każ hawnhekk, l-assoċjazzjoni xorta waħda tista' tirrappreżenta l-produtturi tal-prodott inkwistjoni meta dawn il-produtturi jirrappreżentaw numru sinjifikattiv ta' operaturi fis-settur ikkonċernat[53]. Fis-sentenza BEUC vs Il-Kummissjoni[54], il-Qorti Ġenerali qieset li parti interessata għandha tkun tista' turi rabta

48 Il-Kummissjoni argumentat li f'Albert u Le Compte Van Leuven and de Meyere vs Il-Belġju, Rikorsi Nri 6878/75 u 7238/75, 23 ta' Ġunju 1981, CE:ECHR:1981:0623JUD000687875, punti 62 sa 66, il-Qorti EDB ikkonstatat li l-Ordre des médecins Belġjan, jiġifieri l-Bord jew il-Kamra ta' tobba mediċi, minħabba n-natura legali tiegħu u speċifikament il-funzjoni pubblika tiegħu, ma huwiex assoċjazzjoni għaliex jeżerċita kontroll pubbliku fuq il-prattika tal-mediċina.

49 Ara l-Anness A.7 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Artikoli 2 u 3 tal-Kapitolu 1 tal-Istatut taċ-CCCME.

50 *Ibid.*

51 Ara l-Artikolu 3 tal-Istatut taċ-CCCME.

52 Ara l-Anness A.2 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali. Madankollu, huwa possibbli li l-portata tal-entità hija usa' minn dik li jindika isimha. L-industrija tal-ħadid fondut u l-makkinarju u/jew l-industriji mekkaniċi huma relatati; ma jistax jiġi prekluża li ċ-CCCME tipproteġi l-interessi ta' produtturi u ta' esportaturi ta' għotjien ta' tappieri.

53 Ara, bħala analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Confservizi vs Il-Kummissjoni (T-292/02, EU:T:2009:188, punt 55).

54 Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000 (T-256/97, EU:T:2000:21, punt 75).

oġġettiva bejn l-attivitajiet tal-parti u l-prodott ikkonċernat[55]. Għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet tal-intervenjenti, ma għandux ikun rilevanti jekk dawn l-oġġetti jissemmewx fis-sit internet taċ-CCCME[56].

75. Ngħaddi għalhekk għall-qofol tal-kwistjoni: sa fejn l-awtonomija tal-entità mill-Istat għandha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-karatterizzazzjoni legali tagħha bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-esportaturi taħt ir-Regolament bażiku?

– *Awtonomija vs l-interferenza mill-Istat*

76. Il-kwistjoni li tqum hija dwar sa fejn entità għandu jkollha konnessjoni mal-gvern tal-Istat li fih tkun stabbilita sabiex jitqies li hija prekluża milli tirrappreżenta lill-membri tagħha.

77. Qabelxejn, għandu jiġi indikat li, għalkemm hija kwistjoni li tiddependi mid-dritt nazzjonali, fid-dritt internazzjonali tal-kummerċ huwa possibbli li ċerti assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-membri tagħhom ikollhom ċerti rabtiet mal-gvern tagħhom sa fejn assoċjazzjonijiet igawdu minn livelli differenti ta' libertà u ta' awtonomija taħt il-leġiżlazzjonijiet ta' Stati differenti. Barra minn hekk, meta assoċjazzjoni tkun stabbilita fi Stat terz u tkun irregolata mid-dritt tiegħu, bħalma huwa l-każ hawnhekk, ikun diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli li jiġi evalwat il-livell ta' awtonomija. Il-Kummissjoni jkollha tipprova li, fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar il-proċedura antidumping, l-assoċjazzjoni inkwistjoni tirrappreżenta lill-Istat, b'tali mod li tipprekludi kwalunkwe rappreżentanza tal-membri tagħha.

78. Fil-kawża ineżami, il-Kummissjoni tinvoka l-Istatut taċ-CCCME sabiex turi li ċ-CCCME hija taħt "is-superviżjoni, l-amministrazzjoni u t-tmexxija kummerċjali" ta' diversi Ministeri tar-RPĊ[57]. Madankollu, it-termini "superviżjoni, amministrazzjoni u tmexxija kummerċjali" huma wiesgħa ħafna sa fejn jistgħu jimplikaw diversi livelli ta' influwenza jew ta' intervent. Għaldaqstant, u fid-dawl tal-evidenza ppreżentata mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti[58], għalkemm iċ-CCCME tidher li hija entità li fuqha l-Istat Ċiniż jeżerċita *xi* kontroll, tali termini wiesgħa ma humiex suffiċjenti sabiex jintwera li l-Istat jeżerċita kontroll b'mod li jipprekludi r-rappreżentanza tal-interessi tal-esportaturi jew li ċ-CCCME tikkostitwixxi estensjoni tar-RPĊ.

79. Barra minn hekk, għall-finijiet tal-proċedura antidumping taħt ir-Regolament bażiku, għandu jintwera li l-kontroll eżerċitat mill-Istat japplika *speċifikament* għad-deċiżjonijiet magħmula minn din l-assoċjazzjoni fir-rigward ta' *din* il-proċedura. B'hekk, ċerti konnessjonijiet jew rabtiet mal-gvern ma jipprekludux awtomatikament ir-rappreżentanza simultanja mill-assoċjazzjoni tal-produtturi jew tal-esportaturi fil-kuntest ta' proċedura antidumping. Minn dan isegwi li, fil-kawża ineżami, għalkemm huwa minnu li l-Istat jeżerċita xi kontroll, il-fatt li l-entità inkwistjoni ma tirrappreżentax lill-membri tagħha fil-proċedura antidumping speċifika inkwistjoni ma ġiex stabbilit.

[55] Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-approċċ tal-Kummissjoni li kienet eskludiet organizzazzjoni tal-konsumaturi minn proċedura antidumping abbażi ta' distinzjoni bejn prodotti mibjugħa bl-imnut u prodotti oħra.

[56] Ara l-punt 22 tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentati mill-intervenjenti.

[57] Ara l-Anness A.7 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, u l-Artikolu 4 u l-Artikolu 6(2) tal-Kapitolu I tal-Istatut taċ-CCCME. B'mod partikolari, l-Artikolu 4 jipprovdi li l-assoċjazzjoni hija "taħt is-superviżjoni, l-amministrazzjoni u t-tmexxija kummerċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Ċivili" u "tal-Ministeru għall-Kummerċ tar-[RPĊ]".

[58] Ara l-punti 32 u 57 sa 60 tar-risposta quddiem il-Qorti Ġenerali, it-tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' April 2020, it-tweġiba għad-disa' mistoqsija, il-punti 59 sa 70 tal-enumerazzjoni kif tkompliet, u l-Anness R.2 tar-risposta quddiem il-Qorti Ġenerali. Ara wkoll il-punti 11 sa 23 tar-risposta tal-intervenjenti għall-appell.

80. Fi kwalunkwe każ, fil-qasam tad-dritt internazzjonali tal-kummerċ, fejn ħafna drabi l-interessi tal-Istati u tal-kumpanniji jkunu minsuġa f'interessi komuni, l-awtonomija ta' assoċjazzjoni fil-konfront tal-Istat tidher li hija rilevanti meta l-Istat u l-esportaturi, irrappreżentati minn din l-assoċjazzjoni, ikollhom interessi opposti. Fi kliem ieħor, jekk il-membri tal-assoċjazzjoni jkollhom l-istess interess bħal dak tal-Istat, ma jkunx rilevanti li ssir distinzjoni bejn l-interessi tal-ewwel u tat-tieni. Fil-kawża ineżami, ma ġiex stabbilit li hemm interessi opposti.

81. Fil-prattika, ċerti entitajiet jibbenefikaw minn monopolju legali sabiex iwettqu attività. Jista' jkun il-każ, fil-kuntest tal-kummerċ internazzjonali, li dawn l-entitajiet ikunu jinsabu fl-aħjar pożizzjoni sabiex jirrappreżentaw lill-membri tagħhom. Fit-tali każ, l-entità inkwistjoni għandha tkun tista' tipparteċipa fil-proċedura amministrattiva li twassal għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping.

82. Għaldaqstant, l-argumenti bbażati fuq l-interferenza mill-Istat ma humiex suffiċjenti sabiex jeskludu l-possibbiltà li ċ-CCCME tista' taġixxi fl-interess tal-esportaturi Ċiniżi.

83. Din l-evalwazzjoni ma hijiex imdaħħla inkwistjoni mis-sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, DEFI vs Il-Kummissjoni [59], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ikkonstatat li, skont il-leġiżlazzjoni rilevanti Franċiża, il-Gvern Franċiż kellu s-setgħa jiddetermina l-amministrazzjoni u l-politika tal-organizzazzjoni kkonċernata u għalhekk is-setgħa jiddefinixxi l-interessi li kellhom jiġu protetti minn din l-organizzazzjoni. L-ewwel, f'dik il-kawża, l-Istat kien id-destinatarju tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar għajnuna mill-Istat u l-impriżi li rċevew l-għajnuna kienu meqjusa biss bħala "partijiet interessati" f'dik il-proċedura, u, bħala tali, tqiesu li ma kellhomx il-kapaċità huma stess li jkunu involuti f'dibattitu bħala avversarji għall-Kummissjoni bl-istess mod li seta' l-Istat Membru msemmi iktar 'il fuq [60]. Fil-kawża ineżami, għall-kuntrarju, ir-Regolament bażiku jittratta lill-impriżi, lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-kumpanniji u lir-rappreżentanti tal-pajjiżi kkonċernati *kollha* bħala partijiet interessati. B'hekk, id-distinzjoni magħmula iktar 'il fuq bejn l-Istat u l-impriża fid-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat ma hijiex rilevanti għall-finijiet tal-proċedura antidumping. It-tieni, f'dik il-kawża, l-organizzazzjoni stess ammettiet li ma kinitx qiegħda tirrappreżenta l-benefiċjarji tal-għajnuna inkwistjoni iżda kienet qiegħda tirrappreżenta l-interessi speċifiċi tagħha. Madankollu, fil-kawża ineżami, kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni, huwa possibbli li ċ-CCCME hija organizzazzjoni li tirrappreżenta l-industrija Ċiniża fl-intier tagħha. Għaldaqstant, fil-kawża ineżami, peress li s-sitwazzjoni taċ-CCCME ma hijiex l-istess bħal dik tal-organizzazzjoni Franċiża inkwistjoni, it-traspożizzjoni *mutatis mutandis* tar-raġunament tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-10 ta' Lulju 1986, DEFI vs Il-Kummissjoni [61], ma hijiex possibbli.

84. Fl-aħħar nett, fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni għamlet riferiment għas-sħubija obbligatorja sabiex tistabbilixxi li entità bħalma hija ċ-CCCME ma tistax tkun assoċjazzjoni rappreżentattiva. Madankollu, matul is-seduta, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-argument tagħha kien jikkonċerna biss l-interferenza mill-Istat u li l-kwistjoni tas-sħubija obbligatorja ma kinitx rilevanti għall-finijiet ta' din il-proċedura. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni ma ppreżentat ebda evidenza ta' tali sħubija f'dan il-każ. Matul is-seduta, iċ-CCCME ddikjarat li s-sħubija fiha ma hijiex obbligatorja u, fl-assenza ta' evidenza kuntrarja, ma hemm ebda lok għal dubju dwar in-natura korretta ta' din id-dikjarazzjoni.

59 282/85, EU:C:1986:316.

60 Sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano vs Il-Kummissjoni (C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punti 81 u 83), u tad-9 ta' Lulju 2008, Alitalia vs Il-Kummissjoni (T-301/01, EU:T:2008:262, punt 58).

61 282/85, EU:C:1986:316.

– *Konklużjoni intermedja*

85. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li, irrispettivament mill-allegata interferenza tar-RPĊ fiċ-CCCME, din l-entità tissodisfa l-ewwel kriterju tad-definizzjoni ta' assoċjazzjoni tal-kummerċ fis-sens tal-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 u, għalhekk, ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva fis-sens tal-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku.

*ii) Il-membri huma produtturi, esportaturi jew importaturi tal-prodott li huwa s-suġġett ta' investigazzjoni*

86. Fir-rigward tat-tieni kriterju, skont l-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994, il-maġġoranza tal-membri tal-entità inkwistjoni għandhom ikunu produtturi, esportaturi jew importaturi tal-prodott li jkun is-suġġett ta' investigazzjoni.

87. Il-Kummissjoni essenzjalment targumenta li l-produtturi u l-esportaturi ta' ħadid fondut ma jirrappreżentawx il-maġġoranza tal-membri taċ-CCCME, u b'hekk din l-assoċjazzjoni ma tistax titqies li tirrappreżenta dawn il-produtturi u esportaturi. Matul is-seduta, il-Kummissjoni żiedet tgħid li l-maġġoranza tal-membri tal-entità inkwistjoni għandhom ikunu kkonċernati mill-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni.

88. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li l-prodott li jkun is-suġġett ta' investigazzjoni jista' jkun prodott ferm speċifiku, bħalma huwa l-każ hawnhekk. Huwa ferm probabbli li l-esportaturi jew il-produtturi ta' prodott speċifiku, bħalma huma ċerti oġġetti tal-ħadid fondut, kif inhu l-każ f'din il-kawża, ma jkunux jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-membri ta' assoċjazzjoni. Ma jidhirx raġonevoli li jkun meħtieġ li jkun hemm assoċjazzjoni għal kull prodott speċifiku. Dan essenzjalment iwassal għal sitwazzjoni fejn, meta l-investigazzjoni antidumping ikollha portata materjali speċifika ħafna, ebda assoċjazzjoni ma tkun tista' tiġi kkaratterizzata bħala "assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi". Jiena għalhekk tal-fehma li l-Artikolu 6.11(i) tal-Ftehim Antidumping tal-1994 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assoċjazzjoni għandha tirrappreżenta "numru sinjifikattiv ta' operaturi fis-settur ikkonċernat"[62].

89. Fid-dawl tal-kriterji msemmija iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li, fil-kawża ineżami, ma hemm xejn li jipprekludi li ċ-CCCME tiġi kkaratterizzata bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi tal-prodott inkwistjoni. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li ċ-CCCME kienet intitolata tgawdi drittijiet proċedurali taħt ir-Regolament bażiku bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-esportaturi tal-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut.

90. Għaldaqstant, iċ-CCCME għandha titqies li hija kkonċernata individwalment fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE minħabba n-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet proċedurali tagħha.

91. Fir-rigward tar-rekwiżit ta' inċidenza diretta, għandu jiġi indikat li, fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni sempliċement tiddikjara li "l-istess żball ta' liġi jaffettwa wkoll il-konstatazzjoni ta' inċidenza diretta fil-punti 71 sa 75 tas-sentenza [appellata] minħabba li l-inċidenza diretta hija bbażata fuq il-konstatazzjoni li ċ-CCCME tgawdi minn drittijiet proċedurali [...], u għalhekk din

[62] Bħala analoġija, assoċjazzjoni tista' titħalla tintervjeni f'kawża jekk tirrappreżenta numru sinjifikattiv ta' impriżi li jkunu attivi fis-settur ikkonċernat, jekk l-għanijiet tagħha jinkludu l-protezzjoni tal-interessi tal-membri tagħha, jekk il-kawża tista' tqajjem kwistjonijiet ta' prinċipju li jolqtu l-funzjonament tas-settur ikkonċernat u jekk l-interessi tal-membri tagħha jistgħu għalhekk jintlaqtu b'mod sinjifikattiv mis-sentenza li tkun ser tingħata (ara d-digriet tal-10 ta' Novembru 2020, Nevinnomysskiy Azot u NAK "Azot" vs Il-Kummissjoni, T-865/19, mhux ippubblikat, EU:T:2020:570, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata).

il-konstatazzjoni għandha titwarrab ukoll". Madankollu, fid-dawl tar-raġunament espost iktar 'il fuq u fl-assenza ta' kontestazzjoni iktar issostanzjata mill-Kummissjoni, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta qieset, fil-punti 71 sa 75 tas-sentenza appellata, li ċ-CCCME tista' titqies li hija kkonċernata wkoll direttament minħabba li tkun tista' tiżgura r-rispett tad-drittijiet proċedurali tagħha fil-każ biss li tkun tista' tikkontesta r-Regolament kontenzjuż.

92. Bħala konklużjoni, għar-raġunijiet esposti iktar 'il fuq, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twarrab ir-raġunament magħmul fil-punti 58 sa 60 u 68 sa 70 tas-sentenza appellata peress li l-konstatazzjoni li l-Kummissjoni rrikonoxxiet l-istatus taċ-CCCME bħala parti interessata matul il-proċedura amministrattiva ma setgħetx tkun biżżejjed, fil-liġi, sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti dwar l-inċidenza individwali fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Madankollu, meta l-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jkunu vvizzjati bi żball ta' liġi iżda d-dispożittiv tagħha jkun ibbażat fuq motivi legali oħra, tali żball ta' liġi ma jistax iwassal għall-annullament ta' din is-sentenza. Għall-kuntrarju, f'tali sitwazzjoni għandha ssir sostituzzjoni tal-motivi [63]. F'dan il-każ, jiena nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li ċ-CCCME għandha tiġi kkaratterizzata bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-esportaturi tal-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut u, għalhekk, għandha titqies li hija individwalment u direttament ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE minħabba n-nuqqas ta' rispett tad-drittijiet proċedurali tagħha. Nindika wkoll, iżda, li l-portata preċiża tal-garanziji proċedurali mogħtija lil din l-assoċjazzjoni, li hija kwistjoni ta' mertu u mhux ta' ammissibbiltà, ser tiddependi mill-interessi kollha rrappreżentati minnha [64] u ser tkun is-suġġett tal-analiżi tal-ħames aggravju.

### *2. It-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat miċ-CCCME għan-nom tal-membri tagħha*

93. Il-Kummissjoni ssostni li ċ-CCCME ma tistax tiġi kkaratterizzata bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva u, għalhekk, ma hijiex individwalment u direttament ikkonċernata fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Il-Kummissjoni tispjega li, quddiem il-Qorti Ġenerali, hija argumentat li d-dritt ta' assoċjazzjonijiet li jressqu proċedura legali meta jaġixxu għan-nom tal-membri tagħhom huwa permess biss għal assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil dawn il-membri. Meta ċaħdet, fil-punti 98 sa 103 tas-sentenza appellata, ir-rekwiżit li assoċjazzjoni tista' tkun rappreżentattiva fil-każ biss li tkun organizzata b'mod demokratiku, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi.

94. Il-Kummissjoni targumenta li assoċjazzjoni tal-kummerċ, li tkun responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-membri tagħha, ma tistax tkun, fl-istess ħin, estensjoni ta' Stat li huwa organizzat fuq sistema komunista b'partit wieħed. Bħala assoċjazzjoni tal-kummerċ, hija għandha tiddefendi l-interessi tal-membri tagħha, kif iddefiniti b'mod demokratiku minn dawn l-istess membri, fil-konfront tal-istess Stat li tiegħu hija estensjoni. Skont il-Kummissjoni, interpretazzjoni fis-sens li assoċjazzjoni tal-kummerċ tagħmel parti minn Stat u fl-istess ħin tiddefendi l-interessi kollettivi tal-membri tagħha kontra dan l-Istat ma hijiex konformi mal-prinċipji fundamentali ta' demokrazija rappreżentattiva, prinċipji li huma komuni għat-tradizzjonijiet tal-Istati Membri. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-karatteristiċi speċifiċi

[63] Sentenzi tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 187); tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 94); u tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 48).

[64] Peress li l-garanziji proċedurali huma garanziji individwali, il-portata tagħhom tiddependi mill-interessi li l-assoċjazzjoni inkwistjoni effettivament tirrappreżenta. Għaldaqstant, fil-każ ta' entità bħalma hija ċ-CCCME, li, sa ċertu punt, hija kkontrollata mir-RPĊ, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diversi interessi rrappreżentati minnha (il-produtturi esportaturi u r-RPĊ) meta tiġi ddeterminata l-portata effettiva tad-drittijiet proċedurali tagħha taħt dawn id-dispożizzjonijiet.

tal-Istat li fih hija inkorporata l-assoċjazzjoni jmur kontra l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 3(5) TUE, li jipprovdi li l-Unjoni, fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, għandha tafferma u tippromwovi l-valuri tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja twarrab il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li ċ-CCCME hija assoċjazzjoni tal-kummerċ li għandha s-setgħa tippreżenta rikors għan-nom tal-membri tagħha.

95. L-intervenjenti jsostnu li ċ-CCCME ma hijiex assoċjazzjoni rappreżentattiva fis-sens tal-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku iżda tirrappreżenta l-pajjiż tal-esportazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Iċ-CCCME, li hija korp semi-Statali, tikkontrolla u tikkoordina l-attivitajiet tal-produtturi esportaturi rrappreżentati minnha. B'hekk, il-fatt li taqdi l-interessi tal-produtturi esportaturi huwa sempliċi konsegwenza tar-rwol semi-Statali u importanti tagħha fl-amministrazzjoni tas-suq domestiku u tas-suq tal-esportazzjoni. Sabiex tkun assoċjazzjoni rappreżentattiva, il-kriterju tar-rappreżentanza għandu jirbaħ fuq dak tal-kontroll.

96. Iċ-CCCME ssostni li hija ma hijiex "estensjoni" tar-RPĊ u ssostni li l-Kummissjoni ma ressqitx evidenza kuntrarja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-eżistenza ta' rabta ma' dan l-Istat ma hijiex suffiċjenti għaliex kmamar tal-kummerċ għandhom rabtiet mill-qrib ħafna mal-Istati rispettivi tagħhom. Barra minn hekk, iċ-CCCME ssostni li l-Kummissjoni, l-ewwel, ma kkontestatx il-konstatazzjoni fattwali magħmula fil-punt 91 tas-sentenza appellata fir-rigward tal-għanijiet taċ-CCCME, it-tieni, ma stabbilixxietx li hija ma kinitx organizzata b'mod demokratiku u, it-tielet, ma tikkontestax li l-għanijiet taċ-CCCME jippermettulha tiftaħ proċeduri legali intiżi li jiddefendu l-interessi tal-membri tagħha. Iċ-CCCME tenfasizza wkoll li l-istatut tagħha juri li l-membri tagħha għandhom id-dritt ta' vot.

97. Bħala punt preliminari, għandu jiġi enfasizzat li l-kwistjoni ta' jekk entità hijiex "assoċjazzjoni rappreżentattiva ta' esportaturi" fis-sens tar-Regolament bażiku[65] hija kwistjoni differenti minn dik dwar jekk entità tistax tirrappreżenta lill-membri tagħha f'rikors dirett ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fil-forma ta' rikors għal annullament. B'hekk, kif spjegat iktar 'il fuq[66], it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi distinta mill-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbli sa fejn tikkonċerna l-kapaċità taċ-CCCME li tippreżenta rikors għal annullament *għan-nom tal-membri tagħha*. Il-possibbiltà għal assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-membri tagħha quddiem il-qrati tal-Unjoni, u għalhekk il-*locus standi* tagħha, tiddependi fuq il-kriterji żviluppati fil-ġurisprudenza dwar ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

98. Għandu jiġi indikat li assoċjazzjoni, li hija responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi ta' produtturi, hija, bħala regola, intitolata tippreżenta rikors għal annullament taħt ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fil-każ biss li l-impriżi rrappreżentati minnha jew uħud minn dawn l-impriżi jkollhom huma stess *locus standi*[67]. Għaldaqstant, skont din id-dispożizzjoni, rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni li taġixxi minflok wieħed jew iktar mill-membri tagħha li setgħu jippreżentaw rikors ammissibbli huma stess ser ikun huwa wkoll ammissibbli[68], kemm-il darba dawn il-membri ma jkunux ippreżentaw rikors huma stess sabiex jipproteġu l-interess jew l-interessi tagħhom[69].

65 Ara l-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku.

66 Ara l-punti 35 u 36 iktar 'il fuq.

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni (C-182/03 u C-217/03, EU:C:2006:416, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-13 ta' Marzu 2018, European Union Copper Task Force vs Il-Kummissjoni (C-384/16 P, EU:C:2018:176, punt 87).

68 Ara s-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, British Aggregates vs Il-Kummissjoni (C-487/06 P, EU:C:2008:757, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, Confservizi vs Il-Kummissjoni (T-292/02, EU:T:2009:188, punt 55), u d-digriet tad-29 ta' Marzu 2012, Asociación Española de Banca vs Il-Kummissjoni (T-236/10, EU:T:2012:176, punt 25).

99. Madankollu, għandu jiġi indikat li, fid-dritt primarju tal-Unjoni, ma hemm ebda definizzjoni jew kriterju uniformi ta' assoċjazzjoni li hija responsabbli għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-membri tagħha. F'dan ir-rigward, peress li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE ma jagħmel ebda riferiment għad-dritt nazzjonali fir-rigward tat-tifsira li għandha tingħata lill-kunċett ta' assoċjazzjoni, dan il-kunċett għandu jitqies li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni li għandu jiġi interpretat b'mod uniformi fit-territorju kollu tal-Unjoni[70]. Skont il-ġurisprudenza, dan il-kunċett għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tagħha u tal-għanijiet segwiti mir-regoli li tagħmel parti minnhom[71].

100. Peress li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, la d-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni u lanqas il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jagħtu definizzjoni tat-terminu "assoċjazzjoni"[72], ser indur lejn il-kuntest tar-regoli li jirregolaw l-assoċjazzjonijiet. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li, skont it-tradizzjonijiet komuni għall-Istati Membri, il-kunċett ta' assoċjazzjonijiet jimplika li dawn l-entitajiet huma liberi li jiggvernaw lilhom infushom mingħajr interferenza mill-Istat konformement mar-regoli u mal-proċeduri tagħhom stess u, b'mod partikolari, b'mod indipendenti mill-gvern u minn awtoritajiet pubbliċi oħra[73]. Dawn il-karatteristiċi joħorġu mid-dritt fundamentali għal-libertà ta' assoċjazzjoni fis-sens tal-Artikolu 12 tal-Karta u tal-Artikolu 11 tal-KEDB[74]. Għaldaqstant, il-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw dan id-dritt fundamentali, irrikonoxxut mill-Istati Membri kollha, għandhom ikunu konformi ma' dawn ir-rekwiżiti. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha raġun meta targumenta li, skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri, b'mod ġenerali, l-Istat ma jipparteċipax fil-proċess deċiżjonali tal-assoċjazzjonijiet[75]. Madankollu, kif intqal iktar 'il fuq[76], din il-libertà ma tistax tintuża sabiex partijiet jitwaqqfu milli jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom iggarantiti mill-Artikoli 41 u 47 tal-Karta għall-finijiet tal-*locus standi* fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

101. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti interventi minn assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li l-għan tagħhom ikun li jipproteġu l-interessi tal-membri tagħhom f'kawżi li jqajmu kwistjonijiet ta' prinċipju li jistgħu jolqtu lil dawn il-membri[77]. Madankollu, fis-sentenza Il-Venezwela vs Il-Kunsill[78], il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Istat tad-dritt timmilita favur konstatazzjoni li Stat għandu jkollu *locus standi* sabiex iressaq kawża meta l-kundizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din id-dispożizzjoni jkunu

70 Ara, bħala analoġija, is-sentenza tad- 19 ta' Diċembru 2019, Engie Cartagena (C-523/18, EU:C:2019:1129, punt 34).

71 Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, Jobcenter Krefeld (C-181/19, EU:C:2020:794, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 Il-ġurisprudenza invokata mill-Kummissjoni tikkonċerna, fil-verità, il-prinċipju li assoċjazzjoni ma hijiex intitolata tippreżenta rikors għal annullament meta l-membri tagħha ma jkunux jistgħu jagħmlu dan individwalment. Ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-18 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Sveriges Betodlares Centralförening (C-409/96 P, EU:C:1997:635, punt 45), u s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, Il-Kummissjoni vs Aktionsgemeinschaft Recht und Eigentum (C-78/03 P, EU:C:2005:761, punt 70).

73 Ara l-evidenza prodotta mill-Kummissjoni fl-Annessi 4 sa 6 tat-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

74 Ara l-punti 67 sa 69 iktar 'il fuq.

75 Il-Kummissjoni tikkonċedi, madankollu, li l-Istat għandu r-rwol ta' awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja meta jiġi biex japprova l-ħolqien tal-assoċjazzjoni. L-awtorità sempliċement tivverifika li r-rekwiżiti formali legali kollha previsti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali huma ssodisfatti.

76 Ara l-punt 68 iktar 'il fuq.

77 Ara, *inter alia*, id-digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Settembru 1998, Pharos vs Il-Kummissjoni (C-151/98 P, EU:C:1998:440, punti 6 u 8), u tat-3 ta' April 2014, Il-Kummissjoni vs Andersen (C-303/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:226, punt 8).

78 Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2021, Il-Venezwela vs Il-Kunsill (Inċidenza għal Stat terz) (C-872/19 P, EU:C:2021:507, punt 50).

ssodisfatti[79]. Għandu jiġi enfasizzat li, f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ssuġġettatx il-possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal annullament prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għall-proċess deċiżjonali demokratiku ta' Stat terz, għalkemm il-kwistjoni tar-rappreżentanza demokratika ta' dan l-Istat tista' effettivament tkun problema. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ħadet approċċ newtrali f'terminu ta' valuri, b'tali mod li l-*locus standi* ta' Stat, li jista' jinftiehem *inter alia* bħala komunità politika u kulturali li magħha l-individwi jkunu assoċjati abbażi ta' diversi kriterji, bħalma huma n-nazzjonalità, ir-residenza jew ir-reliġjon[80], ma kienx issuġġettat għat-tip ta' reġim tiegħu u l-proċess deċiżjonali demokratiku bl-ebda mod ma kien fattur f'din id-determinazzjoni.

102. Fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni tiġġustifika, fil-kawża ineżami, ir-rekwiżit ta' kundizzjoni addizzjonali fir-rigward tan-natura rappreżentattiva tal-assoċjazzjoni inkwistjoni abbażi tal-prinċipji fundamentali ta' demokrazija u tal-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 3(5) TUE[81], dan ir-rekwiżit ikollu l-effett li jillimita indebitament l-aċċess taċ-CCCME għall-qorti għan-nom tal-membri tagħha u jillimita l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta.

103. Fir-rigward ta' dan l-aħħar prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, filwaqt li l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandhom jiġi interpretat fid-dawl tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tali interpretazzjoni ma jistax ikollha l-effett li twarrab il-kundizzjonijiet stabbiliti espliċitament fit-Trattat[82]. Madankollu, f'dan il-każ, ma hemm ebda kundizzjonijiet tali. Għall-kuntrarju, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni proposta mill-Kummissjoni timplika ż-żieda ta' kundizzjoni ġdida, li għandha l-effett li tillimita l-aċċess ta' ċerti entitajiet għall-Qorti Ġenerali.

104. Barra minn hekk, ir-raġuni sabiex assoċjazzjoni titħalla taġixxi għan-nom tal-membri tagħha tista' twassal sabiex il-Qorti Ġenerali ma jkollhiex għalfejn titratta diversi rikorsi u hija konformi mar-rekwiżit ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja sa fejn tista' tevita l-preżentata ta' numru kbir ta' rikorsi ppreżentati kontra l-istess atti mill-membri tal-assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-interessi tagħhom[83]. Għaldaqstant, il-kundizzjoni addizzjonali msemmija iktar 'il fuq proposta mill-Kummissjoni ma hijiex iġġustifikata fid-dawl tar-raġuni għal rappreżentanza quddiem il-qrati minn assoċjazzjoni.

105. Permezz tat-tieni eċċezzjoni, il-Kummissjoni tikkritika l-punti 89 sa 103 tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument dwar il-kapaċità taċ-CCCME li tippreżenta rikors għan-nom tal-membri tagħha. F'dawn il-punti, il-Qorti Ġenerali ċaħdet

79 *Ibid.* punt 50. Il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament iddikjarat li "l-obbligi tal-Unjoni li tiżgura l-osservanza tal-valur tal-Istat tad-dritt bl-ebda mod ma jistgħu jkunu suġġetti għal kundizzjoni ta' reċiproċità fir-rigward tar-relazzjonijiet li l-Unjoni għandha ma' Stati terzi" (punt 52).

80 Barra minn hekk, minn perspettiva pluralistika, Stat huwa forma ta' grupp jew ta' assoċjazzjoni (ara Muñiz-Fraticelli, V.M., "The Structure of Pluralist Arguments", f'*The Structure of Pluralism*, Oxford Constitutional Theory, Oxford, 2014, edizzjoni online, Oxford Academic; u, b'mod ġenerali, Hirst, P.Q. (editur), *The Pluralist Theory of the State: Selected Writings of G.D.H. Cole, J.N. Figgis and H.J. Laski*, Routledge, Londra, 1993).

81 Skont dan il-prinċipju, fir-relazzjoni tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri tagħha.

82 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat- 3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 97 u 98).

83 Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-*locus standi* ta' assoċjazzjoni sabiex tippreżenta rikors huwa bbażat fuq il-kunsiderazzjoni li rikors ippreżentat minn assoċjazzjoni għandu vantaġġi proċedurali peress li jeħles lill-istituzzjoni minn diversi rikorsi separati ppreżentati kontra l-istess atti sa fejn l-assoċjazzjoni tieħu post wieħed jew iktar mill-membri tagħha li tirrappreżenta l-interessi tagħhom, li setgħu jippreżentaw rikors ammissibbli huma stess (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 1995, AITEC *et* vs Il-Kummissjoni, T-447/93 sa T-449/93, EU:T:1995:130, punt 60).

l-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni fis-sens li s-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy and Renewable Fuels Association[84], kienet introduċiet rekwiżit dwar in-natura rappreżentattiva tal-assoċjazzjoni inkwistjoni.

106. Madankollu, fil-fehma tiegħi, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni l-Kummissjoni, is-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Growth Energy and Renewable Fuels Association, ma tintroduċix kundizzjoni addizzjonali marbuta man-natura rappreżentattiva tal-assoċjazzjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, f'dik is-sentenza ma hemm xejn li jindika li proċess deċiżjonali demokratiku għandu jkun fattur sabiex tiġi stabbilita n-natura rappreżentattiva ta' assoċjazzjoni tal-kummerċ.

107. B'mod partikolari, fil-punt 123 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "ma jistax jiġi aċċettat li l-assenza ta' dritt tal-vot ta' ċerti membri ta' assoċjazzjoni, jew ta' strument ieħor li jippermettilhom jinvokaw l-interessi tagħhom fi ħdan dan tal-aħħar, hija biżżejjed sabiex jiġi stabbilit li l-imsemmija assoċjazzjoni ma għandhiex l-għan li tirrappreżenta tali membri". Hija kkonkludiet li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li kienet l-assoċjazzjoni inkwistjoni li kellha turi mhux biss li l-membri tagħha kienu direttament u individwalment ikkonċernati, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, iżda wkoll li l-membri li l-interessi tagħhom kellha l-intenzjoni tiddefendi kellhom ikunu f'pożizzjoni li jkunu jistgħu jinvokaw l-interessi individwali tagħhom fi ħdan din l-assoċjazzjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja warrbet espliċitament l-invokazzjoni ta' drittijiet individwali fi ħdan l-assoċjazzjonijiet, jiġifieri r-rekwiżit li l-membri tal-assoċjazzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li l-interessi tagħhom jipprevalu fi ħdan din l-assoċjazzjoni[85].

108. Barra minn hekk, kif diġà indikat fl-analiżi tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-kwistjoni tal-kontroll mill-Istat u tal-proċess deċiżjoni demokratiku tqajjem il-kwistjoni tal-prova ta' tali proċess deċiżjonali[86]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li, quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni kkontestat l-evidenza dwar ir-rappreżentanza billi sostniet li "id-deċiżjoni taċ-CCCME li tmexxi [bir-rikors għal annullament]" u l-mandati mogħtija liċ-CCCME ma kinux suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' proċess demokratiku fi ħdan l-assoċjazzjoni. Hija rreferiet ukoll għall-Artikolu 4 tal-Istatut taċ-CCCME, li jirreferi għall-kontroll mill-Ministeri[87].

109. Tali konnessjoni mal-Istat, kif diġà ntqal[88], ma hijiex suffiċjenti sabiex jiġi ddikjarat li ċ-CCCME hija estensjoni tal-Istat jew li ċ-CCCME ma hijiex organizzata b'mod demokratiku. Fil-fatt, il-kwistjoni ta' jekk iċ-CCCME hijiex organizzata b'mod demokratiku hija wiesgħa wisq sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex natura rappreżentattiva[89]. Il-Kummissjoni stess taqbel li l-kwistjoni fil-kawża ineżami ma hijiex l-istruttura tad-drittijiet tal-vot iżda l-allegat fatt li ċ-CCCME taġixxi taħt l-istruzzjoni tal-Ministeri rilevanti tar-RPĊ[90]. Madankollu, għandu jiġi indikat li, fil-kawża ineżami, ma hemm ebda indikazzjoni dwar kif ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi

84 C-465/16 P, EU:C:2019:155.

85 *Ibid.*, punt 125.

86 Ara l-punti 77 sa 80 iktar 'il fuq.

87 L-Artikolu 4 tal-Istatut taċ-CCCME jipprovdi li l-assoċjazzjoni hija "taħt is-superviżjoni, l-amministrazzjoni u t-tmexxija kummerċjali tal-Ministeru għall-Affarijiet Ċivili" u "tal-Ministeru għall-Kummerċ tar-[RPĊ]" (ara l-Anness A.7 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali).

88 Ara l-punti 77 sa 80 iktar 'il fuq.

89 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 10(1) tal-Istatut taċ-CCCME, il-membri għandhom id-dritt ta' vot. Għaldaqstant, għandu jkun hemm evidenza tanġibbli li, fil-kawża ineżami, kien hemm ksur ta' dawn id-drittijiet ta' vot fir-rigward tad-deċiżjoni li jiġi ppreżentat rikors (ara l-Anness A.7 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali).

90 Ara l-punt 19 tat-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

ppreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jew li l-gvern kellu xi rwol fit-teħid ta' din id-deċiżjoni. L-evidenza mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali ma hijiex biżżejjed sabiex jintwera li d-deċiżjoni li jiġi ppreżentat rikors ittieħdet mingħajr il-kunsens tal-membri jew fuq istruzzjoni minn dan il-gvern.

110. Jiena għalhekk tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li tallega li ċ-CCCME ma tirrappreżentax lill-membri tagħha fi proċeduri legali.

### *3. It-tielet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, sa fejn ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat mill-appellanti li ma humiex irrappreżentati miċ-CCCME*

111. Il-Kummissjoni tindika li, fir-rigward tal-appellanti l-oħra li ma humiex irrappreżentati miċ-CCCME, quddiem il-Qorti Ġenerali hija kienet argumentat li kien hemm dubji dwar jekk il-firmatarji kinux intitolati jiffirmaw il-mandati. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta rrifjutat, fil-punti 133 sa 137 tas-sentenza appellata, li tivverifika jekk il-firmatarji kellhomx din is-setgħa.

112. Din l-istituzzjoni tibbaża l-argument tagħha fuq is-sentenza Barge vs L-Awtorità Għolja [91], li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-avukat li jaġixxi għal parti ma kienx meħtieġ jipproduċi mandat mogħti debitament meta jippreżenta rikors, kemm-il darba jipproduċi prova li kien awtorizzat jagħmel dan fil-każ li ssir *kontestazzjoni*. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 38 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-seħħ dak iż-żmien ma kien jipprevedi ebda obbligu li jiġi prodott mandat fil-każ ta' rikorsi ppreżentati minn persuni privati. Madankollu, f'dak il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi tal-Istatut tagħha, ippermettiet lill-parti l-oħra tikkontesta l-eżistenza ta' "awtorità mogħtija debitament" u ddeċidiet li, f'tali sitwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija meħtieġa titlob prova tiegħu. Emenda tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma tistax tmur kontra rekwiżit stabbilit fl-Istatut, li għandu pożizzjoni ogħla mir-Regoli tal-Proċedura fil-ġerarkija tan-normi.

113. Fil-kawża ineżami, il-Kummissjoni titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrikjedi lill-appellanti l-oħra jipproduċi d-dokumenti meħtieġa sabiex jiġi vverifikat jekk il-mandati kinux ingħataw debitament.

114. L-appellanti jsostnu li, quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ma qajmet ebda dubju dwar jekk il-firmatarji kellhomx is-setgħa jiffirmaw il-mandati, iżda kkontestat in-natura kompleta tad-dokumenti formali. Il-Qorti Ġenerali kellha raġun meta kkonfermat li r-Regoli tal-Proċedura tagħha ma jeħtiġux prova li l-awtorità mogħtija lill-avukat ingħatatlu minn xi ħadd awtorizzat jagħmel dan. Madankollu, hija ma kkonstatatx li hija ma kinitx għadha meħtieġa tivverifika jekk il-persuna li tiffirma mandat kinitx effettivament awtorizzata tagħmel dan. Il-Qorti Ġenerali sempliċement ikkonstatat li d-dokumenti mandatorji kienu korretti. Il-Kummissjoni ma daħlitx inkwistjoni l-fatt li l-mandati ngħataw minn persuni li kellhom l-awtorità jagħmlu dan. Fl-assenza ta' argumenti ssostanzjati li jistgħu jdaħħlu inkwistjoni dan, il-Qorti Ġenerali ma hijiex meħtieġa titlob il-produzzjoni ta' tali prova.

115. Qabelxejn, għandu jiġi osservat li, quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni argumentat li, fir-rigward ta' sebgħa mill-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jidher fl-Anness I tas-sentenza appellata, il-pożizzjoni tal-persuna li ffirmat il-mandat kienet "maniġer ġenerali", "direttur maniġerjali", "kontrollur finanzjarju" jew "direttur", mingħajr spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni

[91] Sentenza tas-16 ta' Frar 1965 (14/64, EU:C:1965:13, p. 57).

addizzjonali dwar jekk din il-persuna kellhiex is-setgħa tiffirma tali mandat taħt id-dritt Ċiniż. Fir-rigward taż-żewġ persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jidher f'dan l-anness, il-Kummissjoni sostniet li dawn ipprovdew mandat li ma kienx jindika l-pożizzjoni tal-firmatarju u, barra minn hekk, ma annettew ebda dokument li jistabbilixxi li l-firmatarju kellu s-setgħa jiffirma tali dokument.

116. F'dan ir-rigward, skont it-tielet u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li japplika għall-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali bis-saħħa tal-Artikolu 53 ta' dan l-Istatut [92], partijiet li ma jkunux Stati Membri u istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu rrappreżentati minn avukat li jkun awtorizzat jipprattika, b'mod partikolari, quddiem qorti ta' Stat Membru.

117. Sabiex rikors għal annullament ikun ammissibbli, huwa meħtieġ li jintwera li l-persuna kkonċernata kienet effettivament ħadet id-deċiżjoni li tippreżenta r-rikors u li l-avukati li jsostnu li qegħdin jirrappreżentaw lil din il-persuna kienu effettivament awtorizzati jagħmlu dan [93]. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprovdi li, meta l-parti li jkunu qegħdin jirrappreżentaw tkun persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, l-avukati għandhom jippreżentaw fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali mandat maħruġ minn din tal-aħħar, u n-nuqqas li jiġi ppreżentat tali mandat jista' jwassal, skont l-Artikolu 51(4) ta' dawn ir-Regoli, għall-inammissibbiltà formali tar-rikors.

118. Fir-rigward tal-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, għandu jiġi osservat li, b'differenza minn verżjoni preċedenti ta' dawn ir-Regoli [94], din id-dispożizzjoni ma tipprovdix li parti għandha tipprovdi evidenza li l-mandat mogħti lill-avukat tar-rikorrent kien ingħatalu debitament minn xi ħadd awtorizzat jagħmel dan. Fil-ġurisprudenza tagħha stess, mill-emenda tar-Regoli tal-Proċedura l-Qorti Ġenerali ddeduċiet li ebda evidenza ta' dan it-tip ma hija meħtieġa [95].

119. Madankollu, jiena tal-fehma li r-rilassament tar-regoli proċedurali fl-istadju tal-*preżentata* ta' rikors għal annullament ma jaffettwax ir-rekwiżit *materjali* msemmi iktar 'il fuq marbut mar-rappreżentanza tar-rikorrenti mill-avukati tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 19 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li huwa f'livell għola mir-Regoli tal-Proċedura fil-ġerarkija tan-normi. F'sentenza reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-kundizzjoni ta' indipendenza imposta fl-Artikolu 19 fuq ir-rappreżentanti ta' partijiet mhux ipprivileġġjati tista' tkun is-suġġett ta' stħarriġ restrittiv mill-qrati tal-Unjoni [96]. B'analoġija, l-istess livell ta' stħarriġ għandu jiġi applikat għar-rekwiżit marbut mar-rappreżentanza fir-rigward tal-validità tal-mandat mogħti lill-avukat tar-rikorrent.

120. Għaldaqstant, il-fatt li d-dispożizzjoni l-ġdida, l-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ma tagħmilx riferiment espliċitu għar-rekwiżit ta' tali prova ma jeżentax lill-Qorti Ġenerali milli tivverifika l-validità tal-awtorità ż tal-persuna li tiffirma l-mandat meta

92 Skont l-Artikolu 53 tal-Istatut, "[i]l-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tiġi regolata bit-Titolu III". Dan it-titolu jinkludi l-Artikolu 19 tal-Istatut.

93 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill (C-229/05 P, EU:C:2007:32, punt 113).

94 Artikolu 44(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, fil-verżjoni li tirriżulta minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tat-2 ta' Mejju 1991 (ĠU 1991, L 136, p. 1).

95 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Settembru 2016, European Food vs EUIPO – Société des produits Nestlé (FITNESS) (T-476/15, EU:T:2016:568, punt 19); tas-17 ta' Frar 2017, Batmore Capital vs EUIPO – Univers Poche (POCKETBOOK) (T-596/15, mhux ippubblikata, EU:T:2017:103, punti 19 sa 22); u tad-19 ta' Diċembru 2019, Amigüitos pets & life vs EUIPO – Société des produits Nestlé (THE ONLY ONE by alphaspirit wild and perfect) (T-40/19, mhux ippubblikata, EU:T:2019:890, punt 14).

96 Sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Universität Bremen vs REA (C-110/21 P, EU:C:2022:555, punt 53).

l-parti l-oħra tikkontesta espliċitament tali validità. Il-Kummissjoni għandha raġun meta tindika li, fil-każ ta' kontestazzjoni tal-validità tal-mandat mogħti minn parti lill-avukat tagħha, din il-parti għandha tkun tista' turi li l-persuna li ffirmat il-mandat kellha debitament is-setgħa li tagħmel dan[97].

121. B'hekk, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li, peress li r-Regoli tal-Proċedura tagħha ma jeħtiġux prova li l-mandat mogħti lil avukat ġie stabbilit minn xi ħadd awtorizzat jagħmel dan, il-kontestazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-legalità ta' dan il-mandat kellha tiġi miċħuda.

122. B'dan premess, meta l-Kummissjoni jkollha l-intenzjoni tikkontesta l-eżerċizzju ta' din is-setgħa, hija għandha, minn tal-inqas, iġġorr l-oneru li turi l-eżistenza ta' każ *prima facie* f'dan is-sens. Fil-kawża ineżami, il-Kummissjoni tinvoka biss sempliċi allegazzjonijiet. Hija tinvoka, l-ewwel, il-fatt li ċerti firmatarji tal-mandati inkwistjoni ma jispeċifikawx ir-rwol tagħhom u ma jannettu ebda dokument li juri s-setgħa li jiffirmaw tali atti. It-tieni, il-Kummissjoni tibbaża l-argumenti tagħha fuq il-fatt li ċerti firmatarji, li speċifikaw il-pożizzjoni tagħhom ta' direttur maniġerjali, uffiċjal eżekuttiv ewlieni, kontrollur finanzjarju jew direttur, ma pproduċewx prova li, taħt id-dritt Ċiniż, huma kienu awtorizzati jiffirmaw tali mandati. Madankollu, tali allegazzjonijiet għandhom ikunu ssostanzjata debitament[98].

123. Minn dan isegwi li l-punt 136 tas-sentenza appellata huwa vvizzjat bi żball ta' liġi. Madankollu, meta l-motivi ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali jkunu vvizzjati bi ksur tad-dritt tal-Unjoni iżda d-dispożittiv tagħha jkun fondat fuq motivi legali oħra, tali ksur ma jkunx ta' natura li jwassal għall-annullament ta' din is-sentenza. Għall-kuntrarju, għandha ssir sostituzzjoni tal-motivi[99]. Fil-kawża ineżami, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja twarrab dan il-punt u tqis li l-argumenti tal-Kummissjoni ma jikkostitwixxux kontestazzjoni materjali fis-sens li l-mandat mogħti mill-avukat tar-rikorrent ma kienx ingħatalu debitament minn xi ħadd awtorizzat jagħmel dan.

124. Ser ngħaddi issa għall-mertu tal-kawża, filwaqt li niffoka b'mod partikolari fuq l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll fuq it-tieni u l-ħames aggravju.

## B. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju

125. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fil-punti 152 sa 211 u 398 sa 403 tas-sentenza appellata sa fejn naqset milli tikkonstata ksur tal-Artikolu 3(2), (3), (5), (6) u (7) tar-Regolament bażiku u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba fir-rigward tad-data dwar l-importazzjoni.

126. Nibda billi nindika li l-Kummissjoni għamlet aġġustamenti fid-data tal-importazzjoni, li huma deskritti fil-punti 159 sa 166 tas-sentenza appellata. Essenzjalment, dawn l-aġġustamenti kienu bbażati fuq l-idea li l-proporzjonijiet tal-volumi tad-diversi prodotti koperti mill-istess kodiċi tal-prodott baqgħu l-istess matul iż-żmien u bejn il-pajjiżi. L-appellanti kkontestaw dawn

97 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Frar 1965, Barge vs L-Awtorità Għolja (14/64, EU:C:1965:13, p. 57).

98 Ara, bħala analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2022, Universität Bremen vs REA (C-110/21 P, EU:C:2022:555, punt 67).

99 Sentenzi tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punt 187); tas-6 ta' Settembru 2017, Intel vs Il-Kummissjoni (C-413/14 P, EU:C:2017:632, punt 94); u tas-6 ta' Novembru 2018, Scuola Elementare Maria Montessori vs Il-Kummissjoni, Il-Kummissjoni vs Scuola Elementare Maria Montessori u Il-Kummissjoni vs Ferracci (C-622/16 P sa C-624/16 P, EU:C:2018:873, punt 48).

l-aġġustamenti quddiem il-Qorti Ġenerali filwaqt li sostnew li dan il-metodu kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet inġustifikati u irraġonevoli, b'tali mod li l-volumi meħuda inkunsiderazzjoni ma kinux ibbażati fuq evidenza pożittiva.

127. Fil-punt 196 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dawn l-argumenti. Hija ddeċidiet li, fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża u iktar reċenti ta' affidabbiltà simili jew ikbar, fid-dawl tan-natura raġonevoli u plawżibbli tal-istimi ppreżentati mill-Kummissjoni u, fid-dawl tad-diskrezzjoni wiesgħa li tgawdi minnha dik l-istituzzjoni, il-volum tal-importazzjonijiet kien stabbilit b'mod korrett.

128. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti jressqu żewġ argumenti, li ser ngħaddi biex neżamina.

### *1. Data ta' referenza użata bħala bażi*

129. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ddeċidiet li d-data dwar l-importazzjoni li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni setgħet titqies li hija evidenza pożittiva, u li l-użu tagħha kien iġġustifikat. Huma jsostnu li r-raġunament magħmul fis-sentenza appellata ma jindirizzax il-kritika dwar is-suppożizzjoni, li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni, li l-proporzjon tal-volumi u tal-prezzijiet tal-prodotti taħt kodiċi partikolari, mislut min-Nomenklatura Magħquda (NM)[100] fis-snin użati bħala bażi, kien baqa' l-istess matul is-snin sussegwenti u kien applikat għal oriġini differenti. Huma jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-Kummissjoni kienet intitolata tieħu inkunsiderazzjoni d-data tas-sena ta' referenza. B'mod partikolari, l-appellanti jikkontestaw il-punt 194 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali taqbel mal-applikazzjoni tal-istimi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel motiv invokat fl-ewwel istanza. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali ma tindirizzax l-argument tagħhom li l-Kummissjoni ma kinitx intitolata tibbaża ruħha fuq is-suppożizzjoni msemmija iktar 'il fuq.

130. L-appellanti jargumentaw li, fl-assenza ta' evidenza ta' sostenn, tali suppożizzjoni ma tistax tkun raġonevoli u ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' evidenza pożittiva taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Id-data dwar l-importazzjoni tintuża speċifikament sabiex jiġu evalwati l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u d-differenzi bejn il-pajjiżi. L-appellanti għalhekk huma tal-fehma li s-suppożizzjoni li ma kien hemm ebda tali evoluzzjoni hija assurda.

131. Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, targumenta li l-Qorti Ġenerali ma żbaljatx meta kkonstatat li r-rekwiżit ta' evidenza pożittiva taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku kien issodisfatt.

132. Qabelxejn, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa fil-qasam, b'mod partikolari, tal-miżuri antidumping u tad-determinazzjoni tad-dannu, minħabba n-natura kumplessa tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u legali li jkollhom jeżaminaw[101].

[100] Id-data tal-Eurostat hija kklassifikata skont kodiċi misluta min-NM. Fil-kawża ineżami, il-prodott kopert mir-Regolament kontenzjuż jaqa' taħt żewġ kodiċijiet: kodiċi NM ex 7325 10 00 (ħadid fondut mhux malleabbli) u kodiċi NM ex 7325 99 10 (ħadid fondut malleabbli), fejn it-terminu "ex" qabel il-kodiċi jindika li, fiż-żewġ każijiet, il-prodott taħt investigazzjoni jaqa' taħt parti biss mill-kodiċi inkwistjoni.

[101] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 2021, Il-Kummissjoni u GMB Glasmanufaktur Brandenburg vs Xinyi PV Products (Anhui) Holdings (C-884/19 P u C-888/19 P, EU:C:2021:973, punt 117), u tal-10 ta' Lulju 2019, Caviro Distillerie *et* vs Il-Kummissjoni (C-345/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:589, punt 14).

133. F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha l-kompitu, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, li tipprovdi evidenza pożittiva u li twettaq eżami oġġettiv tad-data dwar l-elementi tad-dannu [102].

134. Għaldaqstant, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex tistħarreġ biss jekk hemmx żbalji ta’ liġi, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk ir-regoli proċedurali rilevanti kinux osservati, jekk il-fatti li fuqhom hija bbażata l-għażla kkontestata kinux iddikjarati b’mod preċiż u jekk kienx hemm żball manifest ta’ evalwazzjoni jew użu ħażin ta’ poter. Dan huwa l-każ, b’mod partikolari, fir-rigward tad-determinazzjoni ta’ dannu għall-industrija tal-Unjoni, li teħtieġ evalwazzjoni ta’ sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi [103]. Barra minn hekk, huwa r-rikorrent li għandu jressaq evidenza li tippermetti lill-qorti tal-Unjoni tikkonstata li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta’ evalwazzjoni meta ddeterminat id-dannu [104].

135. Barra minn hekk, l-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-evidenza li fuqha l-istituzzjonijiet ibbażaw il-konstatazzjonijiet tagħhom ma jikkostitwixxix evalwazzjoni ġdida tal-fatti li tieħu post dik magħmula mill-istituzzjonijiet. Dan l-istħarriġ ma jinterferixxix fid-diskrezzjoni wiesgħa ta’ dawn l-istituzzjonijiet fil-qasam tal-politika kummerċjali, iżda sempliċement jevalwa jekk din l-evidenza setgħetx tissostanzja l-konklużjonijiet li waslu għalihom l-istituzzjonijiet. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma għandhiex tistabbilixxi biss jekk l-evidenza użatha hijiex fattwalment preċiża, affidabbli u konsistenti, iżda għandha tivverifika wkoll jekk din l-evidenza kinitx tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk setgħetx tissostanzja l-konklużjonijiet misluta minnha [105].

136. Fil-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex raġun taqbel mal-approċċ tal-Kummissjoni li jinvolvi l-estrapolazzjoni ta’ volumi assoluti u relattivi tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat għas-snin u għall-pajjiżi ta’ referenza għal snin sussegwenti u għal pajjiżi oħra.

137. Fir-rigward tal-użu tad-data tal-Eurostat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhux biss l-użu tagħha huwa xieraq għall-finijiet tal-istabbiliment ta’ dannu [106], iżda l-Kummissjoni għandha wkoll twettaq eżami “bid-diliġenza meħtieġa” meta din id-data tiġi kkontestata [107]. Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa evidenti li “kontestazzjoni” tad-data tal-Eurostat tfisser li l-partijiet għandhom juru l-*eżistenza ta’ nuqqas materjali ta’ preċiżjoni*, li jikkostitwixxi żball fattwali [108]. Din ir-regola toħroġ mill-ġurisprudenza msemmija iktar ’il fuq, li tindika li huwa

102 Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta’ Settembru 2015, Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:572, punti 52 u 68).

103 Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta’ Settembru 2015, Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:572, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

104 Ara, f’dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta’ Mejju 2015, Yuanping Changyuan Chemicals vs Il-Kunsill (T-310/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:295, punt 129).

105 Sentenzi tat-18 ta’ Ottubru 2018, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill (C-100/17 P, EU:C:2018:842, punt 64), u tal-10 ta’ Lulju 2019, Caviro Distillerie *et* vs Il-Kummissjoni (C-345/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:589, punt 16).

106 Id-data tal-Eurostat għandha tintuża sabiex jiġi kkalkolat il-volum ta’ importazzjonijiet li huma s-suġġett ta’ dumping (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta’ Marzu 2012, GLS, C-338/10, EU:C:2012:158, punt 30).

107 Sentenza tal-10 ta’ Settembru 2015, Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:572, punt 68).

108 *Ibid.*, punti 47 sa 49. Pereżempju, fis-sentenza Bricmate, il-qorti tar-rinviju Svediża, li bbażat ruħha fuq il-kontestazzjonijiet issostanzjati magħmula minn Bricmate kontra d-data dwar il-volum tal-importazzjonijiet, ibbażat id-dubji tagħha fuq dawn il-kontestazzjonijiet sabiex iddaħħal inkwistjoni jekk din id-data kinitx korretta. Il-qorti tar-rinviju qajmet il-kwistjoni ta’ jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni wettqux żball fir-rigward tal-volum tal-importazzjonijiet ta’ oġġetti kklassifikati taħt l-intestatura 6908 90 99 tan-NM minħabba li l-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi indikat fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2011 tat-12 ta’ Settembru 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2011, L 238, p. 1) kien 1.3 miljun $m^2$ iktar għall-2009 u għall-perijodu ta’ investigazzjoni milli fil-fatt kien. Hija qajmet ukoll dubji dwar jekk l-istituzzjonijiet tal-Unjoni wettqux żball fir-rigward tal-importazzjoni ta’ oġġetti taħt l-intestatura 6907 90 99 tan-NM, illum l-intestatura 6907 90 80 tagħha, b’tali mod li l-volum ta’ dawn l-importazzjonijiet iddikjarat għall-2009 u għall-perjodu ta’ investigazzjoni kien 10 % iktar milli fil-fatt kien.

r-rikorrent li għandu jipproduċi evidenza li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta ddeterminat id-dannu. Għandu jingħad li l-appellanti argumentaw, quddiem il-Qorti Ġenerali, li la l-Kummissjoni u lanqas min għamel l-ilment ma spjegaw għalfejn dawn is-suppożizzjonijiet kienu ġġustifikati jew raġonevoli, li l-Kummissjoni ma pprovatx tikseb informazzjoni sabiex tivverifika n-natura preċiża ta' dawn is-suppożizzjonijiet u, għalhekk, li d-data dwar l-importazzjoni ma hijiex ibbażata fuq evidenza pożittiva [109]. B'hekk, l-appellanti kienu qegħdin essenzjalment jipprovaw jgħaddu l-oneru tal-prova fuq il-Kummissjoni u jeħilsu lilhom infushom milli effettivament jikkontestaw l-affidabbiltà tad-data użata.

138. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ddeċidiet li, jekk il-partijiet ikollhom l-intenzjoni jikkontestaw l-affidabbiltà tad-data użata mill-Kummissjoni dwar il-volum tal-importazzjonijiet li kienu s-suġġett ta' dumping, huma għandhom jissostanzjaw l-argumenti tagħhom b'evidenza li tkun tista' tixħet dubju speċifiku fuq il-kredibbiltà tal-metodu jew tad-data użati minn dik l-istituzzjoni [110]. Fil-kawża ineżami, il-Qorti Ġenerali ma identifikatx tali żball fattwali u, f'dan l-istadju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tastjeni milli tevalwa mill-ġdid il-fatti, li ma taqax fil-kompetenza tagħha fi proċedura ta' appell.

139. Fir-rigward tal-aġġustamenti u tal-estrapolazzjonijiet għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma stabbilixxietx standard dwar x'jikkostitwixxi aġġustament jew estrapolazzjoni permissibbli. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk għandha tevalwa jekk l-aġġustamenti u l-estrapolazzjonijiet inkwistjoni humiex permissibbli fid-dawl tar-rapporti tal-Korp tal-Appell tal-WTO dwar l-Artikolu 3.1 tal-Ftehim Antidumping tal-1994.

140. F'dan ir-rigward, fir-rapport tiegħu "US – Hot-Rolled Steel", il-Korp tal-Appell tal-WTO kkonstata li l-espressjoni "evidenza pożittiva" tirrigwarda "il-kwalità tal-evidenza li l-awtoritajiet jistgħu jibbażaw ruħhom fuqha meta jagħmlu determinazzjoni" u li l-kelma "pożittiva" tfisser "li l-evidenza għandha tkun ta' natura affermattiva, oġġettiva u verifikabbli, u li għandha tkun kredibbli" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [111].

141. Barra minn hekk, fir-rapport tiegħu "Mexico – Anti-Dumping Duties on Rice", il-Korp tal-Appell tal-WTO aċċetta li, fil-limiti tad-diskrezzjoni li għandha awtorità investigattiva fl-adozzjoni ta' metodoloġija sabiex tiggwida l-analiżi tagħha tad-dannu, huwa normali li din l-awtorità jaf ikollha tibbaża ruħha fuq *suppożizzjonijiet raġonevoli jew tagħmel deduzzjonijiet*. Huwa żied, madankollu, li, meta tagħmel hekk, l-awtorità investigattiva għandha tiżgura li d-determinazzjonijiet magħmula minnha jkunu bbażati fuq "evidenza pożittiva". B'hekk, meta determinazzjoni tkun ibbażata fuq suppożizzjonijiet, dawn is-suppożizzjonijiet għandhom ikunu misluta minn *deduzzjonijiet raġonevoli* magħmula minn bażi kredibbli ta' fatti u għandhom ikunu spjegati b'mod suffiċjenti b'tali mod li n-natura oġġettiva u kredibbli tagħhom tkun tista' tiġi vverifikata [112]. Fil-każ li kellu quddiemu, il-Korp tal-Appell tal-WTO kkonstata li l-awtorità investigazzjoni inkwistjoni kienet mistennija "tissostanzja n-natura raġonevoli u kredibbli ta' suppożizzjonijiet partikolari" [traduzzjoni mhux uffiċjali] [113].

[109] Ara r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, punt 35.

[110] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, Jinan Meide Casting vs Il-Kummissjoni (T-650/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:644, punt 357).

[111] Ara, f'dan is-sens, ir-rapport tal-Korp tal-Appell tal-WTO fil-każ "United States – Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan", adottat fit-23 ta' Awwissu 2001 (WT/DS 184/AB/R), punt 192.

[112] Rapport tal-Korp tal-Appell tal-WTO tad-29 ta' Novembru 2005 fil-każ "Mexico – Definitive Anti-Dumping Measures on Beef and Rice" (AB-2005-6) (WT/DS 295/AB/R), punt 204.

[113] *Ibid.*, nota ta' qiegħ il-paġna 228.

142. Minn dawn ir-rapporti jirriżulta li, meta d-data li tippermetti l-istabbiliment dirett tal-eżistenza ta' ċerti fatti ma tkunx disponibbli, l-awtorità investigattiva tista' tiddetermina l-eżistenza ta' dannu abbażi ta' data aġġustata misluta minn deduzzjonijiet raġonevoli jew minn suppożizzjonijiet raġonevoli. Dan iqajjem il-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi deduzzjoni raġonevoli jew suppożizzjoni raġonevoli. Fil-fehma tiegħi, suppożizzjoni jew deduzzjoni jkunu raġonevoli meta jkun hemm probabbiltà ikbar li jkunu veri milli le. Din hija evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' ipoteżijiet, fejn deduzzjonijiet raġonevoli għandhom probabbiltà għolja li jkunu veri. L-ewwel, għal dan il-għan, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq deduzzjoni magħmula abbażi ta' aġġustamenti ta' data magħrufa, din id-data għandha tkun affidabbli u korretta. B'hekk, il-Kummissjoni normalment tuża d-data tal-Eurostat, li tkun inġabret skont proċedura stabbilita sew li tinvolvi livell suffiċjenti ta' skrutinju. It-tieni, l-aġġustament għandhom isiru bl-applikazzjoni ta' metodu plawżibbli u trasparenti, b'tali mod li tiġi żgurata deduzzjoni ferm probabbli, li tista' tikkostitwixxi deduzzjoni raġonevoli jew suppożizzjoni raġonevoli [114].

143. Għaldaqstant, fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-aġġustamenti u tal-estrapolazzjonijiet għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-dannu, l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għal verifika ta' jekk is-suppożizzjoni li fuqha tkun ibbażat ruħha l-Kummissjoni hijiex ibbażata fuq data li hija affidabbli u korretta u ta' jekk l-aġġustamenti twettqux bl-applikazzjoni ta' metodu plawżibbli u trasparenti. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kien imissha eżaminat jekk l-aġġustamenti u l-estrapolazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tad-data tal-Eurostat dwar il-prodotti kkonċernati kinux jikkostitwixxu *deduzzjoni raġonevoli* jew *suppożizzjoni raġonevoli.*

144. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali spjegat fid-dettall il-mod kif il-Kummissjoni għamlet aġġustamenti u estrapolazzjonijiet u jekk id-data użata mill-Kummissjoni setgħetx tiġi kkaratterizzata legalment bħala evidenza pożittiva [115]. L-ewwel, hija ddeskriviet il-proġezzjoni ta' 30 % tal-volum tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping għall-perijodu ta' wara l-2014. Essenzjalment, il-Kummissjoni kienet qiegħda tibbaża ruħha fuq data eżistenti magħrufa, jiġifieri d-diviżjoni tal-prodotti importati qabel l-2014 [116]. It-tieni, peress li l-perċentwali preċiża tad-diviżjoni tal-pajjiż ta' oriġini ta' ċerti prodotti ma kinitx magħrufa, il-Qorti Ġenerali spjegat il-metodu għall-finijiet tal-istima tal-perċentwali tal-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott

[114] Dan ir-rekwiżit jirriżulta mis-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:572, punti 65 u 68), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma eżaminawx *bid-diliġenza meħtieġa* d-data li tinsab fl-istatistika ta' Eurostat" (enfasi miżjuda).

[115] Għal finijiet ta' kompletezza, għandu jiġi osservat li, fil-punti 167 sa 173 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali eżaminat jekk il-Kummissjoni ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-fatt, l-argumenti kollha mqajma mill-appellanti fir-rigward tal-verifika tal-metodu propost mill-persuni li ressqu l-ilment matul il-proċedura amministrattiva u jekk din id-data kinitx aċċettata "awtomatikament".

[116] B'mod iktar speċifiku, fil-punti 159 u 160 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tispjega li, fir-rigward ta' prodotti tal-ħadid fondut mhux malleabbli (NM kodiċi ex 7325 10), il-Kummissjoni, mill-2014 'il quddiem, kellha biss data li tikkorrispondi għall-kodiċi NM ex 7325 10 00, li kien ikopri l-prodott ikkonċernat flimkien ma' prodotti oħra. Sabiex tissepara ċ-ċifri, li kienu jikkorrispondu għall-importazzjonijiet effettivi tal-prodott ikkonċernat matul il-perijodu inkunsiderazzjoni, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni data minn perijodu qabel l-2014 dwar prodotti tal-ħadid fondut mhux malleabbli. Hija bbażat ruħha fuq il-proporzjon ta' dawn l-importazzjonijiet fit-tliet kodiċi sekondarji li, qabel l-2014, kienu jipprovdu data dwar dan il-prodott. Il-proporzjon attribwibbli lill-prodott ikkonċernat kien stmat li huwa 30 %. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeduċiet li 60 % tal-volum tal-importazzjonijiet Ċiniżi, 73 % tal-volum tal-importazzjonijiet Indjani u 50 % tal-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra kienu marbuta mal-prodott ikkonċernat u applikat dawn il-perċentwali għall-importazzjonijiet irreġistrati matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni.

ikkonċernat skont il-pajjiż ta' oriġini[117]. It-tielet, il-Qorti Ġenerali kkjarifikat kif il-Kummissjoni, *ex officio*, iddeduċiet il-volum ta' kategorija speċifika ta' prodotti (spralli tal-kanali) billi ħadet inkunsiderazzjoni l-bejgħ medju ta' dawn il-prodotti mwettaq mill-produtturi esportaturi użati bħala kampjun matul il-perijodu tal-investigazzjoni[118]. Fid-dawl ta' dawn l-ispjegazzjonijiet iddettaljati, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet, *prima facie*, li dawn il-metodi kienu plawżibbli u trasparenti. Il-Qorti Ġenerali mbagħad evalwat fid-dettall it-tliet ilmenti mressqa mill-appellanti[119].

145. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fl-evalwazzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali essenzjalment ikkonstatat li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq proporzjonijiet affidabbli u preċiżi marbuta ma' perijodi preċedenti jew ma' pajjiżi ta' oriġini differenti. B'hekk, fil-punt 196 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-istimi ppreżentati mill-Kummissjoni kienu "raġonevoli" u "plawżibbli". Essenzjalment, hija ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-aġġustamenti u l-estrapolazzjonijiet kienu bbażati fuq bażi kredibbli u kienu adegwati. B'hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet eżami tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni u tal-probabbiltà raġonevoli li din is-suppożizzjoni hija vera, li, fil-fehma tiegħi, kif spjegat iktar 'il fuq[120], hija l-istandard legali korrett.

146. B'mod partikolari, matul is-seduta l-appellanti argumentaw li *ċertament* kien hemm bidliet fil-proporzjonijiet tal-prodotti inkwistjoni u li suppożizzjoni li ma kienx hemm bidliet kienet "manifestament illoġika". Huma argumentaw li, skont "loġika sempliċi", il-proporzjonijiet tal-prodotti nbidlu matul iż-żmien. Fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali kellha raġun meta kkonstatat li l-istimi kienu plawżibbli u raġonevoli u, għalhekk, li kien raġonevoli għall-Kummissjoni li tassumi li l-volumi tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat ta' kodiċi NM partikolari jew minn pajjiż partikolari kienu baqgħu kostanti matul iż-żmien. Kif sostnew l-intervenjenti matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li d-domanda għaż-żewġ prodotti inkwistjoni, jiġifieri għamara urbana u għotjien ta' tappieri, kienet stabbli qabel u wara l-2014, peress li dawn iż-żewġ prodotti għandhom ħajja pjuttost twila u peress li l-volum tal-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti kien baqa' stabbli matul iż-żmien. B'hekk, kien hemm *probabbiltà kbira* li l-proporzjon ta' dawn il-prodotti baqa' l-istess qabel l-2014, meta kien hemm data dwar dan il-proporzjon, u wara l-2014, meta ma kienx hemm tali data. Kif spjegat iktar 'il fuq, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq data magħrufa u segwiet metodu plawżibbli u trasparenti, u b'hekk waslet għal konklużjoni li għandha probabbiltà għolja li hija vera. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma żbaljatx meta kkonstatat li d-deduzzjoni misluta mill-Kummissjoni kienet raġonevoli.

117 B'mod partikolari, fil-punti 161 sa 163 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tispjega li l-Kummissjoni osservat li l-importaturi tal-ħadid fondut malleabbli li joriġina mir-RPĊ kienu bdew jużaw il-kodiċi NM ex 7325 99 10 fl-2005, li hija s-sena li fiha miżuri anti-dumping preċedenti kienu imposti mill-Unjoni. Sabiex tikkalkola l-importazzjonijiet ikkonċernati minn dan il-kodiċi, hija użat l-2004 bħala s-sena ta' referenza li għaliha kellha data għal importazzjonijiet li jikkorrispondu għall-kodiċi NM ex 7325 99 10, mingħajr rabta mal-prodott ikkonċernat. Hija għalhekk naqqset it-tranżazzjonijiet li kienu twettqu fl-2004 mill-volum tal-importazzjonijiet fil-perijodu inkunsiderazzjoni. B'hekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li 100 % tat-tranżazzjonijiet relatati mal-prodott ikkonċernat saru taħt il-kodiċi NM ex 7325 99 10, li minnhom kellhom jitnaqqsu 14 645 tunnellata. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kkalkolat il-volum ta' importazzjonijiet ta' ħadid fondut mill-Indja taħt il-kodiċi NM ex 7325 99 10 billi naqqset il-volum tal-importazzjonijiet tal-2009 elenkati taħt dan il-kodiċi, li ma kinux marbuta mal-prodott ikkonċernat, mill-volum tal-importazzjonijiet matul il-perijodu inkunsiderazzjoni.

118 Punti 165 u 166 tas-sentenza appellata.

119 Ara l-evalwazzjoni tal-ewwel u tat-tieni lment (punti 167 sa 170 u punti 174 sa 196 tas-sentenza appellata, rispettivament), li huma s-suġġett tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju.

120 Ara l-punt 142 iktar 'il fuq.

147. B'hekk, fid-dawl tar-rapporti msemmija iktar 'il fuq tal-Korp tal-Appell tal-WTO li jaċċettaw "deduzzjonijiet raġonevoli" [121] u tad-diskrezzjoni wiesgħa li għandha l-Kummissjoni [122], jiena tal-fehma li d-data dwar il-prodott ikkonċernat tista' tiġi estrapolata u aġġustata kif spjegat [123]. L-aġġustamenti u l-estrapolazzjoni inkwistjoni jikkostitwixxu evidenza pożittiva fis-sens tar-rapporti tal-Korp tal-Appell tal-WTO u fis-sens tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. B'hekk, fil-punti 183 sa 196 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta ċaħdet il-kritika tal-appellanti u approvat l-istimi inkwistjoni.

## 2. *Ċaħda tad-data alternattiva*

148. Fl-appell tagħhom, l-appellanti jikkritikaw il-fatt li, fil-punti 178 u 179 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-data alternattiva pprovduta minnhom. Quddiem il-Qorti Ġenerali, huma argumentaw li l-Kummissjoni kien imissha ħadet inkunsiderazzjoni d-data dwar l-esportazzjoni tad-dwana Ċiniża, li turi li l-istimi tal-Unjoni kienu ogħla milli suppost [124].

149. L-appellanti, sabiex jevitaw li jwieġbu għad-data effettivament użata mill-Kummissjoni, ippreżentaw data alternattiva. Fil-punti 178 u 179 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ġustament ċaħdet l-argumenti tal-appellanti billi ddikjarat li huwa r-rikorrent fl-ewwel istanza li, jekk ikun jixtieq jikkontesta l-affidabbiltà tad-data użata mill-Kummissjoni dwar il-volum tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping, għandu jissostanzja l-argumenti tiegħu b'evidenza ta' natura li tixħet dubju speċifiku fuq il-kredibbiltà tal-metodu jew tad-data użati minn dik l-istituzzjoni. B'hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li rikorrent ma jistax sempliċement jipprovdi ċifri alternattivi, iżda għandu jipprovdi evidenza ta' natura li ddaħħal inkwistjoni d-data pprovduta mill-Kummissjoni.

150. Fl-appell, jidher li l-appellanti ma jidentifikawx xi żball ta' liġi speċifiku f'din l-analiżi, u għalhekk dan l-argument huwa inammissibbli. Fi kwalunkwe każ, dan l-argument għandu jiġi miċħud bħala infondat. Għar-raġunijiet spjegati iktar 'il fuq [125], il-partijiet għandhom jissostanzjaw l-argumenti tagħhom b'evidenza ta' natura li tixħet dubju speċifiku fuq il-kredibbiltà tal-metodu jew tad-data użati minn dik l-istituzzjoni [126], iktar milli sempliċement jipprovdu ċifri alternattivi minn sorsi differenti. Kif spjegat iktar 'il fuq, huwa r-rikorrent li għandu jippreżenta evidenza li tippermetti lill-qorti tal-Unjoni tikkonstata li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fid-determinazzjoni tad-dannu [127].

151. F'dawn iċ-ċirkustanzi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel aggravju bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondata.

[121] Ara l-punti 140 u 141 iktar 'il fuq.

[122] Ara l-punt 132 iktar 'il fuq.

[123] Kif spjegat iktar 'il fuq, ir-rapporti tal-WTO jaċċettaw *deduzzjonijiet raġonevoli*. Id-dizzjunarju Merriam-Webster jiddefinixxi l-kelma "infer" bħala "to derive as a conclusion from facts or premises", filwaqt li l-kelma "extrapolate" hija ddefinita bħala "to predict by projecting past experience or known data". B'hekk, l-estrapolazzjoni tinvolvi l-previżjoni ta' data futura bl-użu ta' data storika. B'hekk, estrapolazzjoni, bħal dik fil-kawża ineżami, sa fejn hija bbażata fuq data affidabbli *magħrufa*, għandha wkoll tiġi aċċettata bħala deduzzjoni raġonevoli.

[124] Punt 37 u Anness 11 tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

[125] Ara l-punt 137 iktar 'il fuq.

[126] Punti 178 u 179 tas-sentenza appellata.

[127] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2015, Yuanping Changyuan Chemicals vs Il-Kunsill (T-310/12, mhux ippubblikata, EU:T:2015:295, punt 129). Ara, bħala analoġija, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, TMK Europe (C-143/14, EU:C:2015:236, punti 41 u 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

## C. It-tieni aggravju

152. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 302 sa 311 tas-sentenza appellata sa fejn eżaminat biss l-argumenti tagħhom dwar l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' waħda mill-impriżi tal-Unjoni (Saint-Gobain PAM), u ma eżaminatx dawk dwar il-profittabbiltà tagħha. B'mod partikolari, fid-dawl tal-fatt li Saint-Gobain PAM biegħet il-prodott ikkonċernat kemm direttament lil klijenti indipendenti u kemm indirettament permezz ta' entitajiet ta' bejgħ relatati, l-uniku mod kif jiġi ddeterminat il-profitt effettivament magħmul mill-grupp Saint-Gobain PAM kien li jitqabblu, minn naħa, il-prezzijiet tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produttur u l-ispejjeż tal-bejgħ, l-ispejjeż ġenerali u l-ispejjeż amministrattivi tal-bejjiegħa mill-ġdid (iktar 'il quddiem l-"ispejjeż operattivi").

153. Billi ħadet inkunsiderazzjoni biss l-ispejjeż tal-produzzjoni sostnuti minn Saint-Gobain PAM fil-kuntest tal-manifattura, irrispettivament mit-tip ta' bejgħ li mbagħad isir, il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tal-profittabbiltà globali ta' din l-impriża, il-profitti "moħbija" miksuba mill-produttur mill-bejgħ lil entitajiet relatati. Matul is-seduta, l-appellanti argumentaw li l-Kummissjoni eskludiet l-ispejjeż tal-bejjiegħa mill-ġdid indipendenti.

154. B'mod partikolari, l-appellanti jargumentaw li, f'sitwazzjoni fejn l-entitajiet tal-bejgħ relatati jagħmlu profitt ta' 2 % fuq il-bejgħ tagħhom lil klijenti mhux relatati, u fejn il-produttur jagħmel profitt ta' 10 % fuq il-bejgħ tiegħu lill-entitajiet tal-bejgħ relatati, il-profitt totali reali tal-grupp Saint-Gobain PAM ikun it-total taċ-ċifri li jirriżultaw minn dawn il-perċentwali. Madankollu, meta applikat il-metodu tagħha stess, il-Kummissjoni allegatament ikkonkludiet, f'din is-sitwazzjoni, li l-grupp Saint-Gobain PAM għamel profitt totali ta' 2 % biss. Il-profitt addizzjonali ta' 10 % miksub mill-produttur fuq il-bejgħ tiegħu lill-entitajiet tal-bejgħ relatati jibqa' "moħbi", u dan il-bejgħ jitqies bħala spejjeż għall-finijiet tal-analiżi tad-dannu.

155. Il-Kummissjoni, sostnuta mill-intervenjenti, targumenta li t-tieni aggravju huwa inammissibbli.

156. Qabelxejn, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku, determinazzjoni ta' dannu għandha tkun ibbażata fuq evidenza pożittiva u għandha tinvolvi eżami oġġettiv tal-effett tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni għal prodotti simili. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-effett tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq il-prezzijiet, l-Artikolu 3(3) ta' dan ir-regolament jipprevedi l-obbligu li jittieħed inkunsiderazzjoni jekk kienx hemm, għal dawn l-importazzjonijiet, twaqqigħ sinjifikattiv tal-prezzijiet meta mqabbel mal-prezz ta' prodott simili tal-industrija tal-Unjoni, jew jekk l-effett ta' tali importazzjonijiet huwiex minflok li b'mod sinjifikattiv jeżerċita pressjoni fuq il-prezzijiet jew jipprekludi żidiet fil-prezzijiet, li altrimenti kienu jseħħu.

157. Fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dan l-impatt, l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku jipprovdi li din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni tal-fatturi u tal-indiċi ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom impatt fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni tinkludi lista ta' fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni. L-istess dispożizzjoni tipprovdi li din il-lista ma hijiex eżawrjenti u li ebda wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi ma għandhom neċessarjament piż deċiżiv [128].

[128] Sentenzi tat-28 ta' Novembru 2013, CHEMK u KF vs Il-Kunsill (C-13/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:780, punt 56); tad-19 ta' Diċembru 2013, Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill (C-10/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:865, punt 20); u tas-16 ta' April 2015, TMK Europe (C-143/14, EU:C:2015:236, punt 32).

158. Għandhom isiru żewġ osservazzjonijiet preliminari fir-rigward ta' dan l-aggravju.

159. L-ewwel, fir-rigward tal-fatturi msemmija fil-punt preċedenti, għandha ssir distinzjoni bejn indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Minn naħa, fir-rigward ta' indikaturi makroekonomiċi bħalma huma l-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem tas-suq, l-impjieg, it-tkabbir, il-produttività, id-daqs tal-marġni ta' dumping u l-irkupru minn dumping fil-passat, dawn l-indikaturi huma bbażati fuq id-data tal-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha, jiġifieri l-produtturi kollha tal-Unjoni [129]. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' indikaturi mikroekonomiċi, dawn jinkludu l-prezzijiet medji għal kull unità, l-ispejjeż ta' kull unità, l-ispejjeż lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investiment u l-aċċess għal kapital. Mill-premessi 161 sa 167 tar-Regolament provviżorju joħroġ b'mod ċar li dawn il-fatturi tal-aħħar kienu ġew eżaminati abbażi tal-informazzjoni miksuba mit-tweġibiet tal-produtturi tal-Unjoni li kienu parti mill-kampjun għall-kwestjonarju tal-Kummissjoni dwar id-dannu [130].

160. It-tieni aggravju jidher li jindirizza indikatur mikroekonomiku partikolari wieħed tad-dannu, jiġifieri l-*profittabbiltà* tal-industrija tal-Unjoni. Peress li dan huwa indikatur ta' dannu mikroekonomiku, il-Kummissjoni bbażat il-kalkoli tagħha fuq it-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju [131].

161. It-tieni, il-kalkolu tal-profittabbiltà huwa spjegat fil-premessa 161 tar-Regolament provviżorju u r-riżultati tiegħu jidhru fit-Tabella 12 ta' dan ir-regolament. Il-Kummissjoni tispjega li hija "stabbilixxiet il-profittabbiltà tat-tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun billi espremiet il-profitt nett qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwali tad-dħul minn dan il-bejgħ". Kif il-Kummissjoni spjegat fit-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, din "hija d-differenza bejn l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-grupp, li jinkludu [l-ispejjeż operattivi] tal-kumpannija tal-bejgħ relatata, u l-prezz imħallas mill-ewwel klijent indipendenti" [132]. Minn dan isegwi li l-profittabbiltà hija d-differenza bejn żewġ ċifri, jiġifieri, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-impriża, minn naħa, u l-prezz imħallas mill-ewwel klijent indipendenti, min-naħa l-oħra.

162. Quddiem il-Qorti Ġenerali, permezz tal-ħames parti tal-ewwel motiv, l-appellanti ddikjaraw li "għall-kalkolu tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni użat, fil-każ ta' Saint-Gobain PAM, prezzijiet mitluba għal bejgħ mill-ġdid fi ħdan il-grupp ta' kumpanniji li minnu kien jifforma parti dan il-produttur (użu ta' prezzijiet ta' trasferiment), mingħajr ma evalwat in-natura awtonoma ta' dawn il-prezzijiet ta' xiri" [133]. B'mod iktar speċifiku, quddiem il-Qorti Ġenerali l-appellanti argumentaw li l-Kummissjoni kien imissha użat l-ispejjeż tal-produzzjoni ta' Saint-Gobain PAM (Franza) flimkien mal-ispejjeż operattivi rispettivi ta' Saint-Gobain fil-Ġermanja, fi Spanja u fl-Italja u kien imissha qabblet dawn l-ispejjeż tal-produzzjoni mal-prezzijiet ta' dawn il-kumpanniji tal-bejgħ relatati lill-ewwel klijent indipendenti. It-tieni metodu kien jelimina kull żieda artifiċjali fil-prezz tal-bejgħ miftiehem bejn Saint-Gobain PAM u l-kumpanniji relatati.

129 Ara l-premessi 130 sa 137 u 142 sa 160 tar-Regolament kontenzjuż.

130 Ara, bħala analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Caviro Distillerie *et* vs Il-Kummissjoni (C-345/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:589, punt 44).

131 Ara t-Tabella 12 tar-Regolament provviżorju.

132 Ara l-punt 43 tat-tweġibiet.

133 Ara l-punt 302 tas-sentenza appellata. Il-kunċett ta' distakkament jislet is-sens tiegħu mir-relazzjoni indipendenti bejn partijiet indipendenti. Il-prezz ta' distakkament jikkostitwixxi l-prezz li kien jiġi applikat bejn entitajiet relatati li kieku dawn l-entitajiet ma kinux relatati ma' xulxin.

163. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti jikkontestaw l-istħarriġ imwettaq mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-inklużjoni tal-prezzijiet applikati fi ħdan il-grupp fil-kalkolu tal-ispejjeż tal-industrija tal-Unjoni [134]. Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali żbaljat fil-punti 302 sa 311 tas-sentenza appellata sa fejn eżaminat biss l-argumenti tagħhom dwar l-ispejjeż u mhux dawk dwar il-profittabbiltà ta' Saint-Gobain PAM.

164. F'dan ir-rigward, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma spjegati fil-punti 305 u 306 tas-sentenza appellata. Hija ddeterminat li l-fatt li Saint-Gobain PAM kienet tbigħ il-prodott kkonċernat mhux biss direttament lil klijenti indipendenti, iżda wkoll indirettament permezz ta' entitajiet relatati, ma għandu l-ebda effett fuq id-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Fil-punt 307 tas-sentenza appellata, hija kkonkludiet li l-fatt li ċertu bejgħ kien isir permezz ta' kumpanniji relatati ma kellux impatt fuq il-kalkolu tal-ispejjeż tal-produzzjoni ta' Saint-Gobain PAM u, għaldaqstant, ma kellux impatt fuq l-evalwazzjoni tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

165. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-argumenti tal-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċernaw l-ewwel fattur fid-determinazzjoni tal-profittabbiltà, jiġifieri l-ispejjeż tal-produzzjoni. Il-konstatazzjoni li d-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni ma tiddependix mill-bejgħ fi ħdan il-grupp hija *konstatazzjoni ta' fatt* li ma tistax tiġi kkontestata fl-appell. Għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali ma tistabbilixxix, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-appellanti [135], li l-kalkolu tal-profitti kien ibbażat fuq il-prezz ta' xiri fi ħdan il-grupp miftiehem bejn Saint-Gobain PAM u l-entitajiet relatati. Għaldaqstant, l-argument li l-Kummissjoni ma żvelatx il-profitti "moħbija" minħabba l-bejgħ fi ħdan il-grupp għandu jiġi miċħud għaliex dan il-bejgħ ma kienx rilevanti għad-determinazzjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni.

166. Fi kwalunkwe każ, abbażi tal-ispjegazzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li l-Kummissjoni ma użatx il-profitti fi ħdan il-grupp sabiex tikkalkola l-profittabbiltà ta' Saint-Gobain PAM. Kif spjegat il-Kummissjoni, hija l-ewwel ikkalkolat l-ispejjeż tal-produzzjoni għal kull prodott immanifatturat mill-produttur tal-Unjoni fil-kampjun [136]. Dawn l-ispejjeż tal-produzzjoni mbagħad tqabblu mal-prezzijiet tal-bejgħ lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni. Fi kliem ieħor, meta l-produttur tal-Unjoni l-ewwel ibigħ il-prodott lil entità relatata, il-Kummissjoni tuża l-prezz applikat minn din l-entità relatata lill-ewwel klijent indipendenti. Għaldaqstant, il-kalkolu tal-profittabbiltà ma kienx jinkludi prezz applikat bejn żewġ entitajiet relatati tal-istess produttur tal-Unjoni [137]. Fl-aħħar nett, abbażi tal-profittabbiltà fir-rigward ta' kull produttur tal-Unjoni fil-kampjun li wieġeb għall-kwestjonarju, il-Kummissjoni ġabret id-data u siltet il-medja minnha sabiex tifforma l-indikatur tad-dannu msejjaħ "profittabbiltà" [138]. B'hekk, fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali kellha raġun meta kkonstatat, fil-punt 306 tas-sentenza appellata, li l-prezzijiet tal-bejgħ fi ħdan il-grupp ma għandhom ebda impatt fir-rigward tal-kalkolu tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-manifattur.

134 L-appellanti għandhom problema bl-istħarriġ mill-Qorti Ġenerali tal-ħames parti tal-ewwel motiv tagħhom, li tikkonċerna l-inklużjoni tal-prezzijiet applikati fi ħdan il-grupp fil-kalkolu tal-ispejjeż tal-industrija tal-Unjoni, u b'mod partikolari bil-punti 302 sa 311 tas-sentenza appellata. Madankollu, huma jeskludu speċifikament il-punti 308 sa 310 tas-sentenza appellata (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 24 tal-appell). B'hekk, dawn il-konklużjonijiet ser jindirizzaw biss il-punti 302 sa 307 u 311 tas-sentenza appellata.

135 Punt 23 tal-appell.

136 L-hekk imsejjaħ kalkolu għal kull tranżazzjoni.

137 Il-Kummissjoni tirreferi għall-punti 54 u 55 tat-tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' April 2020.

138 Ara l-ewwel linja tat-Tabella 12 tar-Regolament provviżorju. Il-Kummissjoni tenfasizza li d-data li tinsab f'din it-tabella ma ġietx ikkontestata minn xi parti interessata jew miċ-CCCME matul il-proċedura amministrattiva.

167. Jiena għalhekk tal-fehma li l-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata tali aċċettat l-approċċ tal-Kummissjoni. B'hekk, id-determinazzjoni tad-dannu tidher li hija bbażata fuq elementi oġġettivi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jiena nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni aggravju bħala infondat.

## D. Il-ħames aggravju

### *1. L-ewwel parti*

168. Permezz tal-ewwel parti tal-ħames aggravju tagħhom, l-appellanti jikkontestaw l-inammissibbiltà parzjali tat-tielet motiv dwar l-abbiltà ta' entitajiet differenti li jinvokaw ksur tad-drittijiet tad-difiża.

169. Fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali identifikat tliet sitwazzjonijiet, li jiddependu mill-identità tal-entità li tressaq il-motiv. Fl-ewwel sitwazzjoni, iċ-CCCME taġixxi f'isimha stess u tallega ksur tad-drittijiet proċedurali tagħha stess. Fit-tieni sitwazzjoni, il-motiv jitressaq mill-membri taċ-CCCME u mill-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness I mas-sentenza appellata, li jikkontestaw ir-Regolament kontenzjuż abbażi tal-motiv li informazzjoni essenzjali għad-difiża tal-interessi tagħhom ma kinitx ġiet ikkomunikata lilhom. It-tielet sitwazzjoni tinkludi żewġ xenarji differenti. L-ewwel, il-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jinsab f'dan l-anness isostnu li kien hemm ksur tad-drittijiet proċedurali taċ-CCCME [139]. It-tieni, il-membri taċ-CCCME jallegaw ksur tad-drittijiet proċedurali tagħhom stess, li jirriżulta mill-fatt li ċ-CCCME allegatament eżerċitat id-drittijiet proċedurali tal-membri tagħha matul il-proċedura antidumping [140].

170. L-appellanti għandhom problema bit-tieni u bit-tielet sitwazzjoni.

171. Fir-rigward tat-tieni sitwazzjoni, l-appellanti jsostnu li, fil-punti 434 sa 438 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta kkonstatat li l-membri taċ-CCCME u d-disa' appellanti l-oħra ma kinux ipparteċipaw fl-investigazzjoni u, għalhekk, li l-ilment tagħhom dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar id-determinazzjoni tad-dumping u tad-dannu huwa inammissibbli. Skont l-appellanti, dawn il-persuni kienu pparteċipaw fl-investigazzjoni minħabba li kienu kkooperaw fil-kompożizzjoni tal-kampjun jew kienu inklużi f'dan il-kampjun huma stess.

172. Dawn l-argumenti jqajmu l-kwistjoni ta' jekk il-fatt li tingħata tweġiba għall-kwestjonarju għall-finijiet ta' teħid ta' kampjun u l-fatt li wieħed ikun lest jieħu sehem fil-kampjun humiex suffiċjenti fil-liġi sabiex jikkaratterizzaw produttur esportatur bħala parti interessata taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku, b'tali mod li din il-parti tkun tista' tibbenefika mill-garanziji proċedurali previsti f'dan ir-regolament.

173. Qabel nindirizza din il-kwistjoni, nindika li l-mod kif il-Kummissjoni wettqet it-teħid ta' kampjun ta' produtturi Ċiniżi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku huwa deskritt fil-premessi 22 u 23 tar-Regolament provviżorju. Il-Kummissjoni spjegat li, sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, sabiex tagħżel kampjun, hija staqsiet lill-produtturi

139 Punti 440 u 441 tas-sentenza appellata.

140 Punti 442 sa 447 tas-sentenza appellata.

esportaturi kollha fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fl-avviż tat-tnedija[141]. Wieħed u tmenin produttur esportatur fir-RPĊ ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjun; fir-rigward ta' tmienja u sebgħin minnhom ġie deċiż li setgħu jiġu inklużi fil-kampjun[142]. Abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, il-Kummissjoni għażlet b'mod provviżorju kampjun ta' tliet produtturi li kienu qegħdin jikkooperaw. Skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-esportaturi produtturi magħrufa kollha u l-awtoritajiet tar-RPĊ ġew ikkonsultati dwar il-kampjun magħżul. Fuq talba minn uħud mill-partijiet, il-Kummissjoni bidliet il-kampjun billi inkludiet l-ikbar ħames produtturi esportaturi lejn l-Unjoni. Il-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea indikat li kienet taqbel mal-kampjun finali. Minn din id-deskrizzjoni u mill-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-fatt, kien hemm tliet kategoriji ta' produtturi esportaturi, jiġifieri, l-ewwel, il-produtturi esportaturi li wieġbu għall-avviż ta' tnedija, li għalhekk kienu partijiet interessati, it-tieni, dawk inklużi fil-kampjun u, it-tielet, dawk li kienu qegħdin jikkooperaw mal-Kummissjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tal-kampjun.

174. Quddiem il-Qorti Ġenerali, il-produtturi esportaturi allegaw ksur tad-drittijiet tad-difiża *tagħhom stess*. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv imressaq quddiemha sa fejn tressaq mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u mill-produtturi esportaturi l-oħra li kienu qegħdin jikkooperaw[143]. Quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żbaljat fir-rigward tal-karatterizzazzjoni tal-fatti[144]. Skont l-appellanti, il-persuni li jwieġbu għall-kwestjonarju għall-finijiet tat-teħid ta' kampjun għandhom jiġu kkaratterizzati bħala produtturi esportaturi li jipparteċipaw fl-investigazzjoni[145].

175. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li ma huwiex ikkontestat li ċerti persuni kkooperaw fl-għażla tal-kampjun u kienu wkoll inklużi f'dan il-kampjun. Sabiex tiġi ddeterminata n-natura tal-parteċipazzjoni ta' dawn il-persuni fil-proċedura amministrattiva, għandu jiġi eżaminat jekk hemmx koinċidenza bejn il-kunċett ta' parteċipanti fl-investigazzjoni taħt l-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku u l-parteċipanti fit-teħid ta' kampjun taħt l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament.

176. Minn naħa, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku jipprovdi li "[i]n-notifika tal-bidu tal-proċedimenti għandha tħabbar il-bidu ta' investigazzjoni" u, b'mod partikolari, "[g]ħandha turi l-perjodi li matulhom, il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa, jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw informazzjoni jekk tali opinjonijiet u informazzjoni għandhom jiġu meqjusa matul l-investigazzjoni". Kif diġà ntqal[146], din id-dispożizzjoni għandha tinqara mal-lista ta' partijiet

[141] Il-Kummissjoni ppubblikat Avviż ta' tnedija ta' proċediment antidumping rigward l-importazzjonijiet ta' ċerti oġġetti magħmulin minn ħadid fondut li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Indja (ĠU 2016, C 461, p. 22) f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-RPĊ għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra li setgħu jkunu interessati jipparteċipaw fit-teħid ta' kampjun.

[142] Tliet produtturi ma rreġistraw ebda esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perijodu ta' investigazzjoni u għalhekk tqiesu li ma setgħux jiġu inklużi fil-kampjun.

[143] Punti 434 sa 450 tas-sentenza appellata.

[144] Sa fejn l-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali żnaturat manifestament il-fatti, għandu jingħad li huma ma jindikawx liema fatti ġew żnaturati.

[145] Fil-punt 120 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali spjegat li l-membri taċ-CCCME huma produtturi u esportaturi tal-prodott ikkonċernat li, l-ewwel, ipprovdew informazzjoni lill-Kummissjoni bi tweġiba għall-kwestjonarju li jinsab fl-Anness I tal-avviż ta' tnedija tal-investigazzjoni u, it-tieni, huma identifikati fir-Regolament kontenzjuż. Fil-kapaċità tagħhom bħala kumpanniji oħra li kienu qegħdin jikkooperaw identifikati f'dan l-anness, il-membri taċ-CCCME huma suġġetti għal dazju antidumping ta' ammont speċifiku, li huwa differenti mill-ammont applikabbli għall-kumpanniji mhux identifikati l-oħra kollha li għalihom japplika r-Regolament kontenzjuż.

[146] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 35 iktar 'il fuq.

interessati stabbilita fl-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku, jiġifieri l-"esportaturi, l-importaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-importaturi jew l-esportaturi magħrufa lilha li huma konċernati, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż ta' esportazzjoni u lil min jagħmel l-ilment". L-appellanti jargumentaw, essenzjalment, li din il-lista ma hijiex eżawrjenti u li l-*persuni* li jikkooperaw fl-għażla tal-kampjun u dawk li kienu inklużi f'dan il-kampjun għandhom jingħataw l-istess status bħall-persuni f'din il-lista. Ir-Regolament bażiku ma jipprovdix espliċitament jekk din il-lista hijiex eżawrjenti jew le [147].

177. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku jipprovdi li, meta n-numru ta' min ikun għamel l-ilment, ta' esportaturi jew ta' importaturi, ta' tipi ta' prodott jew ta' tranżazzjonijiet ikun numru kbir, l-investigazzjoni tista' tkun limitata għal numru raġonevoli ta' partijiet, prodotti jew tranżazzjonijiet bl-użu ta' kampjuni. B'hekk, kumpannija li tkun tixtieq tibbenefika minn dazju speċifiku tista' timla kwestjonarju skont l-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament [148] li, iżda, jikkostitwixxi biss pass wieħed fl-investigazzjoni.

178. L-appellanti jargumentaw li, peress li l-Kummissjoni tista' tieħu kwalunkwe azzjoni taħt l-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku, is-sottomissjoni ta' kwestjonarju għat-teħid ta' kampjun hija l-mod kif produttur esportatur "jikkuntattja" lill-Kummissjoni bi tweġiba għall-avviż ta' tnedija skont dan l-artikolu.

179. Madankollu, fil-fehma tiegħi, mir-Regolament bażiku ma jistax jiġi dedott li l-fatt li tingħata tweġiba għall-kwestjonarju għat-teħid ta' kampjun tal-esportaturi jfisser li min jissottomettiha jsir parti interessata fis-sens tal-Artikolu 5(10) u (11) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, mill-istruttura ġenerali tar-Regolament bażiku jirriżulta li l-kunċett ta' parti interessata fis-sens ta' dan l-artikolu huwa differenti mill-partijiet imsemmija fl-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

180. L-ewwel, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, dwar it-teħid ta' kampjuni, jippermetti lill-Kummissjoni tagħżel kampjun u, għalhekk, tillimita numru ta' partijiet, prodotti jew tranżazzjonijiet fil-każijiet "fejn in-numru ta' min jilmenta, l-esportaturi jew l-importaturi, it-tipi ta' prodott jew it-transazzjonijiet ikun kbir" [149]. Għaldaqstant, l-għan ta' din id-dispożizzjoni huwa li tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor u tanalizza d-data minn grupp limitat ta' atturi sabiex tagħmel deduzzjonijiet fir-rigward ta' data ikbar. Fi kliem ieħor, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kummissjoni taħdem b'volum żgħir ta' data li jkun jista' jiġi ġestit, minflok ma jkollha tanalizza d-data disponibbli kollha. Ma jkunx jagħmel sens għall-Kummissjoni li tuża l-kwestjonarji għat-teħid ta' kampjun jekk dan ikun ifisser li kull parteċipant fil-kwestjonarju jsir parti interessata fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku.

181. It-tieni, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 9(6) ta' dan ir-regolament jidher li hemm żewġ kategoriji speċifiċi ta' atturi, jiġifieri, "esportaturi jew produtturi li jkunu ressqu d-dettalji tagħhom skont l-Artikolu 17 iżda li ma kinux ġew inklużi fl-eżami" u l-"partijiet fil-kampjun". Ir-riferiment għall-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku u mhux għall-Artikolu 5 tiegħu jidher li jindika li l-persuni li jipparteċipaw fit-teħid ta' kampjun huma distinti mill-partijiet interessati fl-Artikolu 5(10) u (11) ta' dan ir-regolament.

147 L-Artikolu 6.11 tal-Ftehim Antidumping tal-1994 ma jipprovdix tweġiba għaliex *jippermetti* lill-Partijiet jinkludu persuni oħra bħala partijiet interessati. Ir-Regolament bażiku ma jispeċifikax jekk l-Unjoni użatx din il-possibbiltà bl-inklużjoni tal-persuni li jikkooperaw fl-għażla tal-kampjun u ta' dawk li kienu inklużi fil-kampjun.

148 Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun jiġi kkalkolat dazju antidumping speċifiku għall-kumpannija individwali. Produtturi esportaturi oħra, li ma humiex inklużi fil-kampjun, jirċievu dazju antidumping ugwali għall-medja mwieżna tal-marġni ta' dumping stabbilit għall-kumpanniji inklużi fil-kampjun (ara l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku). L-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku jipprevedi wkoll eċċezzjoni għal din ir-regola.

149 Ara l-punt 177 iktar 'il fuq.

182. Għandu jingħad ukoll li d-distinzjoni bejn il-"partijiet interessati" u "esportaturi jew produtturi barranin li jirċievu kwestjonarji" tinsab ukoll fl-Artikolu 6.1 tal-Ftehim Antidumping tal-1994, li jipprovdi li "[i]l-partijiet kollha interessati f'investigazzjoni kontra d-damping għandhom jiġu notifikati dwar l-informazzjoni", filwaqt li l-Artikolu 6.1.1 ta' dan il-ftehim jipprovdi li "[e]sportaturi jew produtturi barranin li jirċievu kwestjonarji wżati f'investigazzjoni kontra d-damping jingħataw mill-inqas 30 ġurnata biex jirrispondu".

183. Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li r-Regolament bażiku jipprevedi livelli differenti ta' drittijiet għall-persuni koperti minnu, jiġifieri, il-persuni li jipparteċipaw fit-teħid ta' kampjun u l-partijiet interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Minn din id-distinzjoni jirriżulta li d-drittijiet proċedurali mogħtija lil dawn il-persuni huma differenti. Fir-rigward tal-partijiet interessati, l-assoċjazzjoni rappreżentattiva tal-esportaturi tista' titlob aċċess għal informazzjoni (Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku) u tirċievi komunikazzjoni ta' din l-informazzjoni (Artikolu 20(1) tar-Regolament bażiku). Madankollu, il-parteċipazzjoni fit-teħid ta' kampjun ma tidhirx li tagħti tali drittijiet. Fil-fehma tiegħi, din il-parteċipazzjoni tagħti biss dritt għall-adozzjoni ta' pożizzjoni dwar it-teħid ta' kampjun propost mill-Kummissjoni iżda mhux dwar elementi oħra tal-investigazzjoni.

184. Għaldaqstant, jidher li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, il-persuni li ma stabbilixxewx li kienu pparteċipaw fl-investigazzjoni jew li kienu għamlu talbiet sabiex l-informazzjoni inkwistjoni tiġi kkomunikata lilhom u, min-naħa l-oħra, il-partijiet interessati fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku[150]. Jiena għalhekk tal-fehma li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta kkonstatat li l-persuni li kkooperaw biss fit-teħid ta' kampjun ma jistgħux jinvokaw motiv fis-sens li informazzjoni li kien imissha ġiet ikkomunikata lilhom ma kinitx ikkomunikata lilhom.

185. Fir-rigward tat-tielet sitwazzjoni, l-appellanti jargumentaw li, fil-punti 443 sa 447 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonstatat li ċ-CCCME setgħet tiddefendi biss id-drittijiet proċedurali tal-membri tagħha li fir-rigward tagħhom kien stabbilit li, matul l-investigazzjoni, hija kienet irċeviet mandat li jippermettilha teżerċita d-drittijiet proċedurali tagħhom għan-nom tagħhom, f'sitwazzjoni fejn iċ-CCCME kienet aġixxiet, matul l-investigazzjoni kollha, bħala entità li tirrappreżenta lill-industrija Ċiniża fl-intier tagħha[151].

186. B'mod partikolari, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali applikat standard legali żbaljat meta kkonstatat li ċ-CCCME la setgħet teżerċita d-drittijiet proċedurali tal-kumpanniji individwali u lanqas dawk tal-membri kkonċernati matul il-proċedura rilevanti. Meta kkonstatat li d-diversi kumpanniji u membri kkonċernati ma kellhomx *locus standi*, il-Qorti Ġenerali applikat standard legali żbaljat u ġabet fix-xejn id-drittijiet tad-difiża tad-diversi kumpanniji u membri kkonċernati. L-argument li assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jingħataw proċedurali drittijiet inqas estensivi minn produtturi esportaturi huwa infondat fid-dritt.

187. Fil-punt 444 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li assoċjazzjoni tista' teżerċita d-drittijiet proċedurali ta' wħud mill-membri tagħha, kemm-il darba "matul l-investigazzjoni l-entità tkun uriet l-intenzjoni li taġixxi fil-kwalità ta' rappreżentant ta' wħud mill-membri tagħha, li tippreżumi li dawn tal-aħħar kienu għalhekk ġew identifikati u li hija tista' tistabbilixxi li rċeviet mandat min-naħa tagħhom sabiex teżerċita dawn id-drittijiet proċedurali

[150] Ara l-punti 434 sa 436 tas-sentenza appellata.

[151] Iċ-CCCME tinvoka l-fatt li hija "assoċjazzjoni rappreżentattiva" fis-sens tal-Artikoli 5(11), 6(7), 20(1) u 21(2) tar-Regolament bażiku. L-appellanti jsostnu li dan l-istatus jimplika awtomatikament li ċ-CCCME tirrappreżenta l-interessi tal-produtturi esportaturi kollha.

għan-nom tagħhom". Fil-punt 445 tal-istess sentenza, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li "mill-fajl jirriżulta li f'dan il-każ, iċ-CCCME ma ppreżentatx ruħha bħala tali lill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni, iżda li għall-kuntrarju, hija aġixxiet, matulha kollha, bħala entità rappreżentattiva tal-industrija Ċiniża kkunsidrata fit-totalità tagħha". Hija bbażat din il-konstatazzjoni fuq il-kummenti mressqa miċ-CCCME fil-15 ta' Settembru 2017 dwar ir-Regolament provviżorju[152].

188. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża huwa ta' importanza fundamentali f'investigazzjonijiet antidumping[153]. Din ir-regola għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-Artikolu 41(2)(b) tal-Karta, li jinkludi d-dritt ta' aċċess għall-fajl bħala komponent tad-dritt għal amministrazzjoni tajba. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl jippermetti lill-partijiet jiffamiljarizzaw ruħhom mal-evidenza sabiex ikunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom b'mod effettiv.

189. B'mod partikolari, fil-kuntest tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-impriżi kkonċernati matul il-proċedura ta' investigazzjoni, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tagħhom jirrikjedi li dawn l-impriżi jkunu tqiegħdu f'pożizzjoni, matul il-proċedura amministrattiva, fejn setgħu jesprimu b'mod effettiv il-pożizzjoni tagħhom dwar in-natura korretta u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati u dwar l-evidenza ppreżentata mill-Kummissjoni insostenn tal-allegazzjonijiet tagħha dwar l-eżistenza ta' dumping u d-dannu li jirriżulta minnu[154]. Dawn ir-rekwiżiti huma stabbiliti fl-Artikolu 20(1) u (2) tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li l-esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom "jistgħu jitolbu r-rivelazzjoni finali tal-fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li tiġi rrakkomandata l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi".

190. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li d-drittijiet tad-difiża jingħataw *b'mod individwali* lil *entitajiet speċifiċi*[155]. Għall-kuntrarju tal-Qorti Ġenerali, ma naħsibx li r-raġuni għaliex l-irregolarità tad-drittijiet tad-difiża tista' titqajjem biss mill-persuna kkonċernata hija bbażata fuq il-fatt li n-natura tal-ksur ta' dawn id-drittijiet hija *suġġettiva*[156]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-ksur ta' drittijiet suġġettivi jista' jiġi invokat minn persuni oħra[157]. Fil-fehma tiegħi, ir-raġuni għaliex id-drittijiet tad-difiża fi proċedura antidumping huma ta' natura *intuitu personae* toħroġ mill-fatt li dawn id-drittijiet huma marbuta mill-qrib mal-persuna li lilha jkunu ngħataw, u dan sa fejn hija biss l-entità inkwistjoni stess li tista' tidentifika l-impatt ekonomiku u legali tal-miżuri tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sitwazzjoni speċifika tagħha. Fi kliem ieħor, fi proċedura antidumping, peress li d-drittijiet tad-difiża jikkonċernaw l-entità stess, hija *biss* dik l-entità li tista' teżerċita dawn id-drittijiet. In-natura esklużiva ta' dawn id-drittijiet tirriżulta min-natura tad-drittijiet tad-difiża fi proċeduri

152 Punt 446 tas-sentenza appellata.

153 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Al-Jubail Fertilizer vs Il-Kunsill (C-49/88, EU:C:1991:276, punti 15 sa 17); ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-21 ta' Settembru 2006, Technische Unie vs Il-Kummissjoni (C-113/04 P, EU:C:2006:593, punt 55), u tal-1 ta' Ottubru 2009, Foshan Shunde Yongjian Housewares & Hardware vs Il-Kunsill (C-141/08 P, EU:C:2009:598, punt 93).

154 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 1991, Al-Jubail Fertilizer vs Il-Kunsill (C-49/88, EU:C:1991:276, punt 17), u tas-16 ta' Frar 2012, Il-Kunsill vs Interpipe Niko Tube u Interpipe NTRP (C-191/09 P u C-200/09 P, EU:C:2012:78, punt 76).

155 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li kumpannija li ma pparteċipatx f'investigazzjoni dwar dumping u li ma hija marbuta ma ebda produttur esportaturi fl-Istat kopert mill-investigazzjoni ma tistax tinvoka drittijiet tad-difiża fir-rigward ta' proċedura li fiha ma pparteċipatx (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland, C-687/13, EU:C:2015:573, punt 73).

156 Ara l-punt 440 tas-sentenza appellata.

157 Pereżempju, fis-sentenza tas-16 ta' Lulju 2015, CHEZ Razpredelenie Bulgaria (C-83/14, EU:C:2015:480, punt 59), il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li persuna li ma kinitx is-suġġett ta' diskriminazzjoni – ksur ta' dritt suġġettiv – setgħet tressaq kawża abbażi ta' diskriminazzjoni f'isem "residenti l-oħra tad-distrett li fih [din il-persuna kienet] teżerċita l-attività tagħha". Minn din is-sentenza jirriżulta li l-ksur ta' drittijiet suġġettivi jista' jiġi invokat minn persuni li ma jkunux il-persuna inkwistjoni.

amministrattivi, li ma jistgħux jiġu invokati minn persuna oħra[158]. Għaldaqstant, iċ-CCCME, fil-kapaċità tagħha bħala assoċjazzjoni rappreżentattiva, tista' tinvoka l-garanziji proċedurali *tagħha stess*, li jirriżultaw mill-*parteċipazzjoni tagħha stess* fil-proċedura amministrattiva[159].

191. Barra minn hekk, il-fatt li wieħed ikun membru f'assoċjazzjoni ma jimplikax it-trasferiment awtomatiku tad-drittijiet proċedurali u tad-*drittijiet tad-difiża* lill-assoċjazzjoni inkwistjoni fir-rigward tal-proċedura inkwistjoni. Tali trasferiment għandu jseħħ b'mod inekwivoku mill-membri tal-assoċjazzjoni inkwistjoni. Meta din tal-aħħar teżerċita d-drittijiet proċedurali tal-membri tagħha, hija għandha tindika b'mod ċar liema membri qiegħda tirrappreżenta u għandha turi l-mandat ta' drittijiet li jkun ingħatalha. Dan ir-rekwiżit joħroġ mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(10) tar-Regolament bażiku, li jippermetti lill-partijiet interessati jagħmlu lilhom infushom magħrufa – li jimplika l-preżentazzjoni tal-mandati tagħhom[160]. Barra minn hekk, l-Artikolu 5(11) tar-Regolament bażiku jagħmel distinzjoni espliċita bejn il-kumpanniji esportaturi u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom[161].

192. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali kellha raġun meta ddeċidiet li l-abbiltà ta' entità li teżerċita d-drittijiet proċedurali ta' wħud mill-membri tagħha matul proċedura antidumping hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-entità tkun uriet, matul l-imsemmija proċedura – u mhux *ex post facto* – l-intenzjoni li taġixxi bħala r-rappreżentanta ta' wħud mill-membri tagħha. Kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, dawn il-membri għandhom jiġu identifikati b'mod ċar u l-assoċjazzjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi li hija rċeviet mingħandhom mandat li jippermettilha teżerċita dawn id-drittijiet proċedurali għan-nom tagħhom[162]. Minn dan isegwi li, anki jekk assoċjazzjoni jkollha l-għan, skont l-istatut tagħha, li tirrappreżenta lil dawk kollha involuti f'industrija partikolari, hija għandha, jekk tkun tixtieq tirrappreżenta d-*drittijiet proċedurali* tal-membri tagħha, tkun debitament ingħatat mandat minn kull wieħed minn dawn il-membri sabiex tirrappreżenta d-drittijiet proċedurali *għan-nom tagħhom*.

193. Għall-kuntrarju tal-argumenti tal-appellanti, l-eżerċizzju ta' drittijiet proċedurali f'investigazzjoni antidumping ma jsegwix l-istess loġika bħall-azzjonijiet kollettivi minn assoċjazzjonijiet fi proċeduri ġudizzjarji. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan huwa ammissibbli meta assoċjazzjoni tirrappreżenta l-interessi ta' impriżi, li jkunu intitolati jiftħu kawża huma stess, mingħajr ma jkun meħtieġ mandat speċifiku stabbilit minn dawn il-membri[163]. Dan huwa ġġustifikat mill-vantaġġi proċedurali peress li jeħles lill-istituzzjoni minn diversi kawżi separati kontra l-istess deċiżjonijiet[164]. Fir-rigward tad-drittijiet proċedurali ta' partijiet interessati f'investigazzjoni antidumping, is-sitwazzjoni, iżda, hija differenti. Minħabba n-natura u l-portata individwali tad-drittijiet tad-difiża, azzjoni kollettiva ma teħlisx lill-istituzzjoni minn diversi kawżi identiċi kontra l-istess deċiżjoni, iżda għall-kuntrarju tgħaqqad diversi azzjonijiet parteċipatorji distinti, li għalhekk għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati u għandhom ikunu speċifikati.

158 Sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Adler Real Estate *et* (C-546/18, EU:C:2021:711, punt 59).

159 Din id-dispożizzjoni għandha tinqara fid-dawl tal-premessa 29 tar-Regolament bażiku, li tirreferi għall-partijiet li għandhom ikunu jistgħu *jiddefendu l-interessi tagħhom*.

160 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-Regolament bażiku jagħti drittijiet u garanziji proċedurali lil ċerti partijiet interessati iżda li l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u garanziji jiddependi mill-parteċipazzjoni attiva ta' dawn il-partijiet fil-proċedura inkwistjoni, li għandha tieħu l-forma, minn tal-inqas, tas-sottomissjoni ta' talba bil-miktub fit-terminu previst (sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Donex Shipping and Forwarding, C-104/19, EU:C:2020:539, punt 70).

161 Sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni (T-228/17, EU:T:2019:619, punti 34 sa 36).

162 Punt 444 tas-sentenza appellata.

163 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Lulju 1995, AITEC *et* vs Il-Kummissjoni (T-447/93 sa T-449/93, EU:T:1995:130, punt 60), u tal-15 ta' Jannar 2013, Aiscat vs Il-Kummissjoni (T-182/10, EU:T:2013:9, punt 53).

164 Sentenza tas-6 ta' Lulju 1995, AITEC *et* vs Il-Kummissjoni (T-447/93 sa T-449/93, EU:T:1995:130, punt 60).

194. Fil-kawża ineżami, il-premessa 25 tar-Regolament kontenzjuż tiddikjara li ċ-CCCME kellha titqies li hija parti interessata li tirrappreżenta, b'mod partikolari, lill-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut[165]. Madankollu, għandu jingħad li din il-premessa ma tinkludi ebda indikazzjoni li ċ-CCCME rrappreżentat produtturi esportaturi individwali. Barra minn hekk, il-premessi 30 u 62 sa 74 ta' dan ir-regolament jirreferu għall-argumenti mressqa miċ-CCCME, iżda ma jindikawx li dawn l-argumenti saru għan-nom ta' produtturi esportaturi. Għaldaqstant, ir-Regolament kontenzjuż jidher li jindika li ċ-CCCME aġixxiet għan-nom tagħha stess bħala rappreżentanta tal-industrija Ċiniża tal-ħadid fondut.

195. Għandu jingħad li l-appellanti ma pproduċewx evidenza li xi wieħed mill-produtturi esportaturi kien ta mandat liċ-CCCME jew kien b'xi mod ieħor awtorizzaha sabiex tirrappreżentah matul il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni, jew li dawn il-kumpanniji kienu membri taċ-CCCME fil-mument rilevanti. Għaldaqstant, il-fatt li ċ-CCCME ppreżentat lilha nfisha matul il-proċedura antidumping bħala li qiegħda taġixxi bħala assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-produtturi Ċiniżi kollha li huma attivi fis-settur ikkonċernat fir-RPĊ u li kienet irrikonoxxuta bħala tali mill-Kummissjoni ma huwiex suffiċjenti sabiex tkun tista' teżerċita d-drittijiet proċedurali tal-membri kollha tagħha matul il-proċedura antidumping.

196. Jiena għalhekk tal-fehma li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi meta kkonstatat, fil-punt 444 tas-sentenza appellata, li l-possibbiltà għal assoċjazzjoni li teżerċita d-drittijiet proċedurali ta' wħud mill-membri tagħha matul il-proċedura antidumping hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-entità tkun uriet, matul l-investigazzjoni, l-intenzjoni li taġixxi bħala r-rappreżentanta ta' wħud mill-membri tagħha, li jeħtieġ li dawn il-membri jkunu ġew identifikati u li l-entità tkun f'pożizzjoni li tistabbilixxi li kienet irċeviet mandat mingħandhom li jippermettilha teżerċita dawn id-drittijiet proċedurali għan-nom tagħhom.

197. Din il-konklużjoni ma hijiex imdaħħla inkwistjoni mill-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku, li jipprovdi li assoċjazzjonijiet rappreżentattivi jistgħu jitolbu informazzjoni dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom tkun qiegħda tiġi kkunsidrata l-impożizzjoni, *inter alia,* ta' miżuri definittivi. Kif diġà ntqal, din id-dispożizzjoni għandha tinqara fid-dawl tal-premessa 29 ta' dan ir-regolament, li tenfasizza r-rabta mad-dritt proċedurali tal-parteċipanti li jiddefendu l-interessi tagħhom. Id-dritt għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku huwa pilastru essenzjali tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati[166] u għalhekk jeħtieġ il-parteċipazzjoni mill-parti kkonċernata fl-investigazzjoni sabiex din tkun sussegwentement tista' tilmenta dwar eventwali ksur quddiem il-qrati tal-Unjoni.

198. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tiddeċiedi li t-tielet motiv, li fil-kuntest tiegħu l-Kummissjoni kienet ikkritikata talli rrifjutat li tgħaddi lill-appellanti informazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tad-dumping u tad-dannu, jista' jitqajjem miċ-CCCME, meta taġixxi għan-nom tagħha stess bħala assoċjazzjoni li tirrappreżenta

[165] Din il-premessa tindika li "l-Kummissjoni qieset li l-fajl miftuħ tal-każ imqiegħed għad-dispożizzjoni tal-partijiet, inkluż għas-CCCME, kien fih l-informazzjoni rilevanti kollha għall-preżentazzjoni tal-każ tagħhom u użata fl-investigazzjoni. Meta l-informazzjoni tqieset kunfidenzjali, il-fajl miftuħ kien fih sommarji sinifikattivi tagħha. Il-partijiet interessati kollha, inkluża s-CCCME, kellhom aċċess għall-fajl miftuħ u setgħu jikkonsultawh. Fir-rigward tas-CCCME, il-Kummissjoni osservat li għad li din tirrappreżenta, fost l-oħrajn, lill-industrija tal-fonderija taċ-Ċina, din ma kienet awtorizzata minn l-ebda produttur esportatur individwali fil-kampjun biex ikollha aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali tiegħu. B'hekk, id-divulgazzjoni kunfidenzjali mibgħuta lill-produtturi esportaturi Ċiniżi individwali fil-kampjun ma setgħetx tiġi pprovduta lis-CCCME".

[166] Ara Van Bael, I. u Bellis, J.F., *EU Anti-Dumping and Other Trade Defence Instruments*, is-sitt edizzjoni, punt 8.25, p. 409.

l-industrija Ċiniża fl-intier tagħha, u meta ċaħdet bħala inammissibbli l-argumenti mressqa fil-kuntest ta' dan il-motiv mill-membri taċ-CCCME u mill-persuni ġuridiċi l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness I tas-sentenza appellata [167].

199. Għaldaqstant, jiena nistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel parti tal-ħames aggravju.

## *2. It-tieni parti*

200. It-tieni parti tirrigwarda l-parti tas-sentenza appellata li tikkonċerna l-argument taċ-CCCME fis-sens li l-Kummissjoni kien imissha pprovdiet il-kalkoli f'forma aggregata, b'mod partikolari fir-rigward, l-ewwel, tal-kalkoli (i) tal-valur normali, (ii) tal-effetti tal-importazzjonijiet Ċiniżi fuq il-prezzijiet u (iii) tal-livelli tat-tneħħija tad-dannu u, it-tieni, tal-istimi marbuta ma' indikaturi makroekonomiċi [168]. Fir-rigward tal-kalkoli li abbażi tagħhom twettaq l-eżami tal-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi, li jippermetti stima tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, iċ-CCCME kisbet ċifri ġenerali għal kull indikatur u għal kull sena, kif indikati fil-premessi 137 sa 166 tar-Regolament provviżorju [169].

201. Permezz tal-ewwel ilment, iċ-CCCME tikkontesta l-punt 507 tas-sentenza appellata, li fih il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-preżentazzjoni ta' data kunfidenzjali f'forma aggregata ma tfissirx neċessarjament li din id-data ma għadhiex kunfidenzjali u li ma kienx meħtieġ li tiġi ordnata l-komunikazzjoni tal-indikaturi makroekonomiċi tad-dannu għar-raġuni li kienu kunfidenzjali [170]. B'mod partikolari, minn naħa, hija targumenta li, peress li l-Kummissjoni qatt ma sostniet li d-data makroekonomika aggregata dwar id-dannu kienet kunfidenzjali fiha nnifisha, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tibbaża ruħha fuq dan bħala argument mingħajr ma tieħu post, illegalment, il-Kummissjoni. Il-premessa 130 tar-Regolament kontenzjuż ma tikkonċernax il-kunfidenzjalità iżda r-realtà tad-data. Min-naħa l-oħra, iċ-CCCME ssostni li l-karatterizzazzjoni legali mill-Qorti Ġenerali tal-indikaturi makroekonomiċi stmati tad-dannu bħala data kunfidenzjali hija żbaljata. Il-komunikazzjoni ta' data aggregata għall-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha ma kinitx tippermetti lill-partijiet interessati jivverifikaw in-natura korretta ta' din id-data, b'mod partikolari fir-rigward ta' stimi.

202. Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li l-għan tad-dritt ta' aċċess għal informazzjoni u tal-obbligu li tiġi kkomunikata informazzjoni huwa li l-partijiet ikunu jistgħu jiffamiljarizzaw ruħhom mal-evidenza b'tali mod li jkunu jistgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom b'mod effettiv [171]. L-obbligu ta' komunikazzjoni huwa stabbilit fl-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku.

203. Fir-rigward tal-argument li l-Kummissjoni qatt ma kklassifikat formalment l-istimi aggregati tal-indikaturi makroekonomiċi bħala kunfidenzjali matul il-proċedura amministrattiva, u lanqas fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni targumenta, u fil-fatt tenniet matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr ma kienet ikkontestata mill-appellanti dwar dan, li din id-data qatt ma eżistiet. Peress li huwa paċifiku li d-data aggregata qatt ma eżistiet, huwa evidenti li l-Kummissjoni ma setgħetx

167 Punt 450 tas-sentenza appellata.

168 Ara l-punt 505 tas-sentenza appellata.

169 Punt 489 tas-sentenza appellata.

170 Fuq din il-bażi, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tieni lment tat-tieni parti tat-tielet motiv.

171 Aċċess għall-fajl huwa parti integrali mid-dritt għal smigħ, u kemm l-aċċess għal informazzjoni u l-obbligu ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni huma protetti bħala parti mid-drittijiet proċedurali ggarantiti skont l-Artikolu 41 tal-Karta.

tikklassifikaha formalment bħala kunfidenzjali matul il-proċedura amministrattiva jew fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali. Għal din ir-raġuni, jiena nipproponi li l-argument proċedurali mqajjem mill-appellanti jiġi miċħud.

204. Fir-rigward tal-argument li l-unika kwistjoni deċiżiva hija jekk id-data makroekonomika, anki f'forma aggregata, hijiex xorta waħda kunfidenzjali, għandu jitfakkar li fis-sentenza Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni [172], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-informazzjoni kollha li ma tkunx kunfidenzjali, irrispettivament mis-sors, għandha tiġi kkomunikata sabiex min ikun għamel l-ilment ikun jista' jara jekk il-fatti kinux ivverifikati b'mod korrett fil-każ inkwistjoni. Fis-sentenza Al-Jubail [173], id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni tqies u ġie ttrattat mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala parti mid-dritt għal smigħ. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jaġixxu bid-diliġenza dovuta fit-twettiq tal-kompitu tagħhom li jipprovdu l-informazzjoni kollha li l-partijiet jeħtieġu għad-difiża kif suppost tagħhom, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' min ikun għamel l-ilment u tal-produtturi li jikkooperaw, li minnhom tiddependi l-investigazzjoni antidumping.

205. Id-dmir li tingħata informazzjoni għandu jiġi eżerċitat konformement mad-dmir ta' premura, jiġifieri d-"dmir tal-istituzzjoni kompetenti li teżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-aspetti rilevanti kollha tal-każ individwali" [174], eżami li neċessarjament jimplika xi marġni ta' diskrezzjoni għall-awtorità amministrattiva. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipji li jirregolaw id-dritt għal informazzjoni għandhom jiġu kkonċiljati mar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, b'mod partikolari mal-obbligu tal-istituzzjonijiet li jħarsu *s-sigriet kummerċjali* [175]. F'dan ir-rigward, l-obbligu tal-istituzzjonijiet li jiżguraw it-trattament kunfidenzjali tal-informazzjoni, li l-komunikazzjoni tagħha jkollha impatt negattiv sinjifikattiv għall-impriża li tkun ipprovdietha, ma jistax iċaħħad lill-partijiet interessati l-oħra, b'mod partikolari lill-esportaturi, mill-garanziji proċedurali previsti fir-Regolament bażiku, u lanqas ma jista' jċaħħad mis-sustanza tagħhom id-drittijiet li huma jgawdu skont l-istess dispożizzjonijiet [176].

206. Għaldaqstant, id-deċiżjoni li żżomm data kunfidenzjali teħtieġ *li jinstab bilanċ* bejn il-protezzjoni tad-data tal-produtturi tal-Unjoni (li jibdew il-proċedura u li l-ilment tagħhom iservi bħala bażi għall-investigazzjonijiet) u d-drittijiet tal-produtturi esportaturi ta' pajjiżi terzi u tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

207. Fil-kawża ineżami, huwa minnu li l-preżentazzjoni tad-data fil-forma ta' sommarju tillimita l-possibbiltà għaċ-CCCME li tivverifika n-natura preċiża tad-data inkwistjoni. Madankollu, fid-dawl tal-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn dawn id-drittijiet u l-protezzjoni ta' data kunfidenzjali, għandu jitqies li l-preżentazzjoni ta' data b'dan il-mod ma tfissirx neċessarjament li kien hemm ksur tad-drittijiet tad-difiża taċ-CCCME. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li data makroekonomika, irrispettivament minn jekk tikkonċernax produtturi minn pajjiżi terzi jew produtturi tal-Unjoni, meta tkun ibbażata fuq għarfien tas-suq, għandha tiġi protetta peress li l-kooperazzjoni ta' dawn il-produtturi tikkostitwixxi l-bażi tal-investigazzjoni antidumping.

172 Sentenza tal-20 ta' Marzu 1985 (264/82, EU:C:1985:119).

173 Sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Al-Jubail Fertilizer vs Il-Kunsill (C-49/88, EU:C:1991:276, punt 17).

174 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Technische Universität München (C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14). Ara wkoll Korkea-aho, E. u Sankari, S., "External participants v. internal interests: Principles of EU administrative law in anti-dumping investigations", *European Papers - A Journal on Law and Integration*, 2017, Vol. 2, p. 560.

175 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (264/82, EU:C:1985:119, punt 24); tat-18 ta' Diċembru 1997, Ajinomoto u NutraSweet vs Il-Kunsill (T-159/94 u T-160/94, EU:T:1997:209, punt 75); u tal-11 ta' Lulju 2013, Hangzhou Duralamp Electronics vs Il-Kunsill (T-459/07, EU:T:2013:369, punt 115).

176 Ara s-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, Jinan Meide Casting vs Il-Kunsill (T-424/13, EU:T:2016:378, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

208. Għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li l-istima tal-produzzjoni tal-prodott inkwistjoni mill-produtturi tal-Unjoni kkonċernati, li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni meta kkalkolat il-konsum, kienet tqieset b'mod korrett li hija kunfidenzjali, peress li kienet ibbażata fuq l-*għarfien tas-suq* ta' min għamel l-ilment. Il-Qorti Ġenerali għalhekk ikkonstatat li, billi tat biss iċ-ċifra tal-produzzjoni totali, il-Kummissjoni aġixxiet konformement mar-Regolament bażiku[177]. Jiena naqbel ma' dan l-approċċ peress li investigazzjoni antidumping tista' tkun ibbażata fuq data prodotta minn numru żgħir ta' produtturi jew minn settur tas-suq żgħir[178]. Anki f'forma aggregata u anki meta tkun ibbażata fuq sempliċi stimi, huwa teoretikament possibbli li tiġi dedotta d-data ekonomika li tikkonċerna atturi speċifiċi fl-industrija inkwistjoni, prodotti speċifiċi jew anki kumpannija speċifika u, b'hekk, li jiġu żvelati, permezz ta' deduzzjoni, ċerti sigrieti kummerċjali.

209. Fil-kawża ineżami, il-Kummissjoni spjegat, fil-premessa 130 tar-Regolament kontenzjuż, li s-sorsi tad-data kienu fil-fatt data attwali u "stimi pprovduti mill-ilmentaturi għall-bqija tal-industrija tal-Unjoni". Jiena naqbel mal-Kummissjoni li l-fatt li min għamel l-ilment kien ipprovda *stimi* għall-bqija tal-industrija tal-Unjoni jimplika li dawn l-istimi kienu bbażati fuq *l-għarfien tas-suq* tiegħu ta' din l-industrija. Sottomissjonijiet ibbażati fuq għarfien tas-suq, anki jekk dawn is-sottomissjonijiet ikunu biss stimi u anki jekk ikunu f'forma aggregata, jistgħu jiżvelaw sigrieti kummerċjali ta' min ikun għamel l-ilment jew ta' produtturi li jikkooperaw fil-proċedura antidumping u għalhekk huma, min-natura tagħhom stess, kunfidenzjali, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 507 tas-sentenza appellata. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball meta kkonstatat, f'dan il-punt, li data makroekonomika ppreżentata f'forma aggregata xorta waħda tista' tkun kunfidenzjali. Jiena għalhekk nipproponi li l-Qorti Ġenerali tiċħad l-ewwel ilment.

210. It-tieni u t-tielet ilment għandhom jiġu ttrattati flimkien peress li t-tnejn li huma jikkonċernaw l-istess parti tar-raġunament tas-sentenza appellata. L-ewwel, iċ-CCCME ssostni li, fil-punt 509 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti meta kkonstatat li l-kalkoli aggregati dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet mitluba miċ-CCCME ma kinux jeżistu minħabba li t-twaqqigħ tal-prezzijiet kien ikkalkolat biss għal kull tip ta' prodott u għal kull produttur esportatur. Iċ-CCCME targumenta li hija pproduċiet evidenza f'dan ir-rigward u li huwa impossibbli għall-Kummissjoni li tikkalkola t-twaqqigħ tal-prezzijiet mingħajr aggregazzjoni tad-data dwar il-prezzijiet fil-livell tal-industrija tal-Unjoni.

211. Nibda billi nindika li, fil-premessa 24 tar-Regolament kontenzjuż, il-Kummissjoni ddikjarat li l-kalkoli aggregati dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet mitluba miċ-CCCME ma kinux jeżistu għaliex it-twaqqigħ tal-prezzijiet kien ġie kkalkolat biss għal kull tip ta' prodott u għal kull produttur esportatur. Kull produttur esportatur Ċiniż li kien is-suġġett tal-kampjun b'hekk irċieva l-kalkoli dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet għal kull wieħed mit-tipi ta' prodott esportati minnu. Iċ-CCCME targumenta li huwa impossibbli għall-Kummissjoni tikkonstata li "62.6 % tal-bejgħ totali tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun kien is-suġġett ta' twaqqigħ tal-prezzijiet", mingħajr ma twettaq aggregazzjoni tal-kalkoli dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet[179]. Madankollu, għandu jingħad li ċ-CCCME ma tippreżenta ebda evidenza insostenn ta' dan l-ilment. B'hekk, l-iżnaturament allegat miċ-CCCME ma ġiex stabbilit. Iċ-CCCME sempliċement issostni żnaturament tal-fatti, iżda tonqos milli tistabbilixxi tali konstatazzjoni.

[177] Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, CHEMK u KF vs Il-Kunsill (T-190/08, EU:T:2011:618, punt 231).

[178] Pereżempju, fis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, Caviro Distillerie *et* vs Il-Kummissjoni (T-211/16, EU:T:2018:148, punt 45), kien jidher li l-Kummissjoni kienet ibbażat ruħha fuq kampjun ta' tliet produtturi tal-Unjoni li kienu jirrappreżentaw madwar 56 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott inkwistjoni.

[179] Punt 54 tal-appell.

212. It-tieni, iċ-CCCME targumenta li l-Qorti Ġenerali applikat standard legali żbaljat meta kkonstatat li l-komunikazzjoni tal-kalkoli dwar it-twaqqigħ tal-prezzijiet f'forma aggregata kienet ser tkun oneruża wisq sabiex tkun konformi mal-Artikolu 20 tar-Regolament bażiku. Matul is-seduta, iċ-CCCME żiedet li l-preparazzjoni ta' tali data ftit li xejn kienet ser tieħu żmien.

213. Il-kwistjoni li tqum hija jekk il-Kummissjoni hijiex meħtieġa tipproduċi dokumenti ġodda abbażi ta' data eżistenti għall-finijiet tal-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-produzzjoni ta' dokumenti ġodda mill-Kummissjoni tikkostitwixxi komunikazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna lil min ikun għamel l-ilment u kumpanniji oħra li jkunu qegħdin jikkooperaw. Għaldaqstant, peress li potenzjalment tista' tippermetti lill-partijiet interessati l-oħra jiksbu aċċess għal sigrieti kummerċjali, tali komunikazzjoni ma tistax titqies bħala l-ħolqien awtomatizzat ta' tabella li jkun fiha data ekonomika. Għall-kuntrarju, fid-dawl tad-dmir ta' premura, li timplika d-dmir tal-Kummissjoni li teżamina bir-reqqa u b'imparzjalità l-aspetti rilevanti kollha ta' każ individwali [180], il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kull element ta' informazzjoni li tagħżel li tikkomunika.

214. Fil-prattika, għal kull dokument ikkomunikat matul il-proċedura antidumping li jkun fih data aggregata ġdida, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk din id-data hijiex ser thedded il-kunfidenzjalità tad-data li l-partijiet ikunu għaddew lill-Kummissjoni u li tkun fil-pussess tagħha. B'hekk, il-ġenerazzjoni u l-komunikazzjoni ta' data aggregata ġdida jeħtieġu li l-Kummissjoni tilħaq bilanċ bejn kunfidenzjalità u d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet inkwistjoni. Għalkemm ma jistax ikun oġġezzjoni fih innifsu, il-volum ta' xogħol tal-Kummissjoni huwa fattur fid-determinazzjoni ta' dan il-bilanċ peress li l-protezzjoni stess tad-data ta' min ikun għamel l-ilment jew tal-partijiet li jkunu qegħdin jikkooperaw taf tiddependi minn dan il-volum ta' xogħol. Fi kliem ieħor, meta l-Kummissjoni tkun sistematikament meħtieġa tipproduċi data aggregata ġdida, hija tkun meħtieġa wkoll tiddetermina jekk il-komunikazzjoni ta' din id-data hijiex tali li thedded il-kunfidenzjalità tad-data li l-partijiet ikunu għaddew lill-Kummissjoni. Dan ir-rekwiżit tal-aħħar għandu jittieħed inkunsiderazzjoni meta jintlaħaq dan il-bilanċ. Għaldaqstant, jiena naqbel mal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li l-volum ta' informazzjoni mitlub miċ-CCCME f'dan il-każ huwa ta' natura tali l-Kummissjoni kienet tkun imfixkla fl-attività tagħha u fl-investigazzjoni tagħha li kieku kellha tipprovdi din l-informazzjoni kollha f'forma adattata għall-ħtiġijiet speċifiċi taċ-CCCME [181].

215. Fil-punt 513 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, essenzjalment, li ċ-CCCME kellha għad-disponibbiltà tagħha l-"elementi fattwali u kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom il-Kummissjoni pprevediet l-adozzjoni ta' miżuri definittivi", u li "din l-entità setgħet tiddefendi utilment l-interessi tagħha ta' assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-industrija Ċiniża". Għaldaqstant, abbażi tal-evalwazzjoni fattwali tal-Qorti Ġenerali, għandu jitqies li ċ-CCCME kienet f'pożizzjoni li tiddefendi l-interessi tagħha, b'tali mod li kwalunkwe żball fil-punti 511 u 512 tas-sentenza appellata jkun ineffettiv.

216. Fl-aħħar nett, iċ-CCCME targumenta, essenzjalment, li l-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali fil-punti 511 u 512 tas-sentenza appellata tikser l-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku sa fejn iċ-CCCME ma ngħatatx aċċess għad-data mitluba minkejja li din id-data ma kinitx kunfidenzjali jew setgħet tiġi kkomunikata b'mod mhux kunfidenzjali. Barra minn hekk, iċ-CCCME ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tibbilanċja t-tħassib marbut mal-kunfidenzjalità mad-drittijiet tad-difiża billi rrifjutat li tikkomunika d-data makroekonomika liċ-CCCME fil-forma ta' data aggregata.

180 Ara l-punt 204 iktar 'il fuq.

181 Ara l-punt 512 tas-sentenza appellata.

217. In-nuqqas ta' qbil miċ-CCCME mal-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li ċ-CCCME kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali huwa punt ta' fatt li ma jistax jiġi kkontestat fl-appell. L-allegazzjonijiet imressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja miċ-CCCME ma humiex suffiċjenti sabiex jintwera żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, kif indikat fil-punti 451 sa 470 u 484 sa 504 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet eżami ddettaljat tal-evalwazzjoni magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tad-drittijiet tad-difiża taċ-CCCME.

218. Għaldaqstant, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tieni parti tal-ħames aggravju.

### *3. It-tielet parti*

219. L-ewwel, iċ-CCCME targumenta li, fil-punt 524 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball meta ma tatx lil din l-entità aċċess għall-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodotti – lil hinn mill-informazzjoni inkluża fil-kodiċi tal-prodotti – għar-raġuni li din l-informazzjoni ma tippermettix lill-entità tipproteġi b'mod aħjar id-drittijiet tad-difiża tagħha. Iċ-CCCME ssostni li huwa legalment żbaljat li huma biss il-produtturi esportaturi li jikkooperaw li jistgħu jkunu intitolati jressqu talbiet għal aġġustament, u li għalhekk din l-informazzjoni ma kinitx ser tkun utli għaċ-CCCME, li għandha għarfien ġenerali tas-suq.

220. Iċ-CCCME ssostni li l-Qorti Ġenerali essenzjalment ħolqot kategorija sekondarja ta' partijiet interessati u stabbilixxiet differenza bejn assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u partijiet interessati oħra, bi ksur tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament bażiku. Iċ-CCCME targumenta li hija assoċjazzjoni li tirrappreżenta produtturi esportaturi, b'tali mod li dak li huwa rilevanti għall-membri tagħha huwa rilevanti wkoll għaliha. Insostenn tas-sottomissjonijiet tagħha, iċ-CCCME tinvoka s-sentenza tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni[182], u targumenta li l-Kummissjoni kienet meħtieġa, minn tal-inqas, tipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tkun tista' tidentifika l-oġġetti inkwistjoni, b'tali mod li tkun tista' tivverifika jekk l-istituzzjonijiet kinux stabbilixxew il-fatti b'mod korrett[183].

221. Qabelxejn, għandu jiġi osservat li l-Qorti Ġenerali bbilanċjat it-tħassib dwar id-drittijiet tad-difiża u l-kunfidenzjalità, kif jidher mill-punti 451 sa 470 u 484 sa 504 tas-sentenza appellata, li ma ġewx ikkontestati.

222. Fir-rigward tal-aċċess mitlub għall-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodotti, iċ-CCCME kkritikat il-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali talli ma kkomunikatilhiex, fir-rigward tal-prodotti ta' produtturi Indjani u tal-Unjoni li kienu mqabbla mal-prodotti importati, informazzjoni għajr il-karatteristiċi stabbiliti fil-kodiċi ta' prodotti. Fil-punti 523 u 524 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali tagħmel distinzjoni bejn is-sitwazzjoni tal-produttur esportatur u ċ-CCCME. Fil-kawża ineżami, din tal-aħħar hija assoċjazzjoni li tirrappreżenta l-industrija Ċiniża fl-intier tagħha[184]. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-prodotti ma kinitx ser tippermetti liċ-CCCME tagħmel paragun rilevanti tal-prodotti inkwistjoni peress li hija normalment ma jkollhiex mudelli ta' prodotti mqiegħda fis-suq mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun, li tqabblu mal-prodotti Indjani.

[182] 264/82, EU:C:1985:119.

[183] *Ibid.*, punt 27.

[184] Kif il-Qorti Ġenerali kienet diġà indikat fil-punti 445 u 446 tas-sentenza appellata.

223. Fil-fehma tiegħi, din l-evalwazzjoni ma tidhirx li hija vvizzjata bi żball ta' liġi minkejja li toħloq differenzjazzjoni bejn il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' assoċjazzjoni rappreżentattiva u dawk mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' partijiet interessati oħra. Jiena tal-fehma li l-Kummissjoni tista' tagħmel distinzjoni bejn assoċjazzjonijiet rappreżentattivi u produtturi esportaturi, peress li għandha tasal għal bilanċ ġust bejn id-drittijiet tad-difiża u l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità[185]. Peress li l-informazzjoni tikkonċerna l-karatteristiċi tal-prodotti u, għalhekk, tikkostitwixxi sigriet kummerċjali, il-Kummissjoni għandha tipproteġiha. Minn dan isegwi li l-Kummissjoni, meta tasal għall-bilanċ imsemmi iktar 'il fuq, tista' u għandha tagħmel distinzjoni bejn l-entitajiet li jitolbu l-aċċess għal din l-informazzjoni.

224. It-tieni, iċ-CCCME tikkritika l-punt 529 tas-sentenza appellata li fih il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, matul il-proċedura antidumping, iċ-CCCME kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha dwar il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex jiġu kkalkolati l-volumi tal-importazzjonijiet. Skont iċ-CCCME, tali evalwazzjoni tinjora l-fatt li d-data dwar l-importazzjoni inkwistjoni ma kinitx informazzjoni disponibbli pubblikament. Id-determinazzjoni tal-volumi tal-importazzjonijiet kienet tinvolvi kalkolu kumpless ħafna bbażat fuq diversi suppożizzjonijiet, u d-data kienet prinċipalment ibbażata fuq informazzjoni u metodoloġija pprovduti minn min għamel l-ilment. Iċ-CCCME targumenta li huwa kompletament irraġonevoli li parti interessata tkun mistennija twettaq mill-ġdid kalkolu daqstant ikkumplikat, li jinkludi diversi stadji differenti u diversi suppożizzjonijiet, meta l-Kummissjoni setgħet faċilment tikkomunika dan il-kalkolu minħabba li ma kienx fih informazzjoni kunfidenzjali u minħabba li din id-data u dawn il-kalkoli kienu jikkostitwixxu fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali.

225. Qabelxejn, għandhom jiġu indikati ċerti konstatazzjonijiet fattwali stabbiliti mill-Qorti Ġenerali.

226. L-ewwel, iċ-CCCME kienet ġiet informata, matul il-proċedura antidumping, dwar il-metodu użat mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-volumi tal-importazzjonijiet. B'mod partikolari, iċ-CCCME kienet taf (i) il-perċentwali rreġistrati għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, mill-Indja u minn pajjiżi terzi oħra b'rabta mal-kodiċi sekondarji preċedenti li kienu jintużaw qabel l-introduzzjoni fl-2014 tal-kodiċi ġenerali tan-NM ex 7325 10 00, (ii) l-ammont fiss li kellu jitnaqqas mill-kodiċi NM ex 7325 99 10 sabiex jinkisbu l-importazzjonijiet li joriġinaw mir-RPĊ, mill-Indja u minn pajjiżi terzi oħra, u (iii) il-perċentwali li kellha titnaqqas mill-importazzjonijiet totali sabiex jiġu esklużi l-ispralli tal-kanali.

227. It-tieni, peress li d-data użata sabiex jiġu ddeterminati dawn l-importazzjonijiet kienet estratta minn statistika pprovduta mill-Eurostat, li huma disponibbli fid-database Comext, iċ-CCCME kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tirriproduċi l-kalkoli tal-Kummissjoni li kienet talbet il-komunikazzjoni tagħhom.

228. Għaldaqstant, li kieku ċ-CCCME xtaqet tivverifika l-affidabbiltà tal-kalkoli magħmula mill-Kummissjoni, hija kellha d-data rilevanti sabiex tagħmel dan. Fil-kawża ineżami, iċ-CCCME bl-ebda mod ma tissostanzja l-argument li hija ma tistax tirriproduċi l-kalkoli. Huwa raġonevoli li parti interessata, bħalma hija ċ-CCCME, tkun mistennija tivverifika l-kalkoli inkwistjoni hija stess. Pereżempju, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Bricmat[186], il-partijiet interessati kkontestaw in-natura preċiża tal-prezzijiet medji tal-importazzjoni tal-prodotti inkwistjoni fir-rigward ta'

185 Ara l-punti 205 u 206 iktar 'il fuq.

186 Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015 (C-569/13, EU:C:2015:572).

ċerti Stati Membri. Għaldaqstant, id-dubji mqajma mill-qorti nazzjonali, li wasslu għal stħarriġ tal-miżuri antidumping, kienu ssostanzjati [187]. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tikkonstata li ċ-CCCME kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tirriproduċi l-kalkoli tal-Kummissjoni li kienet talbet il-komunikazzjoni tagħhom [188].

229. It-tielet, iċ-CCCME għandha problema bl-evalwazzjoni fil-punt 538 tas-sentenza appellata u targumenta li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta kklassifikat bħala kunfidenzjali d-data aggregata attwali u l-istimi. Iċ-CCCME targumenta li, peress li din id-data ma kinitx kunfidenzjali, hija kellha tiġi kkomunikata lill-partijiet interessati skont l-Artikolu 6(7) tar-Regolament bażiku u kienet tikkostitwixxi fatti u kunsiderazzjonijiet essenzjali taħt l-Artikolu 20(2) ta' dan ir-regolament.

230. Għandu jingħad li ċ-CCCME tikkontesta l-konstatazzjoni magħmula fil-punt 538 tas-sentenza appellata fis-sens li l-Kummissjoni ma hijiex meħtieġa tagħmel tali distinzjoni meta tevalwa d-dannu għall-Unjoni, peress li d-dannu jiġi evalwat għall-industrija tal-Unjoni fl-intier tagħha. Għalkemm dan huwa minnu, dan il-kriterju ta' evalwazzjoni ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġġustifika n-nuqqas ta' komunikazzjoni tad-data aggregata attwali u stmata inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tista' tkun meħtieġa tiġġenera dan id-dokument sabiex tipproteġi d-drittijiet tad-difiża. Madankollu, fil-kawża ineżami, il-Qorti Ġenerali kkonstatat – u din il-konstatazzjoni ma ġietx ikkontestata fl-appell miċ-CCCME – li d-data attwali tal-produtturi fil-kampjun u ta' dawk li għamlu l-ilment, minn naħa, u l-istimi magħmula għall-produtturi l-oħra, min-naħa l-oħra, huma kunfidenzjali, anki meta aggregati. Fil-fehma tiegħi, dawn ir-raġunijiet huma suffiċjenti sabiex jiġi ġġustifikati n-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' din id-data liċ-CCCME.

231. Għaldaqstant, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad it-tielet parti tal-ħames aggravju u dan l-aggravju fl-intier tiegħu.

## VII. Fuq l-ispejjeż

232. Il-Qorti tal-Ġustizzja talbitni nikkunsidra l-eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà u l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni u l-ħames aggravju biss. Peress li l-eżitu finali tal-appell ser jiddependi mill-pożizzjoni li tadotta l-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward mhux biss ta' dawn l-eċċezzjonijiet u ta' dawn l-aggravji iżda wkoll fir-rigward tat-tieni parti tal-ewwel aggravju u tat-tielet u r-raba' aggravju, jiena ma jien se nagħmel ebda rakkomandazzjoni dwar id-deċiżjoni fuq l-ispejjeż f'din il-kawża.

## VIII. Konklużjoni

233. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti u bla ħsara għall-evalwazzjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tat-tieni parti tal-ewwel aggravju u tat-tielet u tar-raba' aggravju, jiena nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kif ukoll it-tieni u l-ħames aggravju mressqa mill-appellanti.

187 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:572, punt 57). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Sharpston fil-kawża Bricmate (C-569/13, EU:C:2015:342, punti 52 u 53).

188 Punt 529 tas-sentenza appellata.